Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 7 ta' Lulju 2023
(OR. en)

11624/23

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0234(COD)

ENV 826
COMPET 739
SAN 448
MI 600
IND 374
CONSOM 267
ENT 158
FOOD 57
AGRI 383
CODEC 1320

**PROPOSTA**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 6 ta' Lulju 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 420 final |
| Suġġett: | Proposta għal DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 420 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 420 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 5.7.2023
COM(2023) 420 final

2023/0234 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SEC(2023) 420 final} - {SWD(2023) 420 final} - {SWD(2023) 421 final} -
{SWD(2023) 422 final}

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### • Raġunijiet u objettivi tal-proposta

Il-Patt Ekoloġiku Ewropew[1] u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari[2] jitolbu azzjoni msaħħa u aċċellerata tal-UE u tal-Istati Membri biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà ambjentali tas-setturi tat-tessuti u tal-ikel peress li dawn jirrappreżentaw setturi mill-aktar intensivi fl-użu tar-riżorsi li jikkawżaw esternalitajiet ambjentali negattivi sinifikanti, fejn il-lakuni fil-finanzjament u fit-teknoloġija jimpedixxu l-progress lejn it-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari u d-dekarbonizzazzjoni. L-ikel u t-tessuti huma l-aktar u r-raba' l-aktar setturi intensivi fl-użu tar-riżorsi rispettivament[3] u li ma jikkonformawx b'mod sħiħ mal-prinċipji fundamentali tal-UE dwar l-immaniġġar tal-iskart stabbiliti mill-ġerarkija tal-iskart li jirrikjedu l-prijoritizzazzjoni tal-prevenzjoni tal-iskart segwita mit-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ. Filwaqt li tirrifletti fuq l-impenji li saru, din il-proposta biex tiġi emendata d-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (WFD)[4] tiffoka fuq żewġ setturi intensivi fl-użu tar-riżorsi: it-tessuti u l-ikel, bl-objettivi ġenerali li ġejjin:

– it-tnaqqis tal-impatti ambjentali u klimatiċi, iż-żieda tal-kwalità tal-ambjent u t-titjib tas-saħħa pubblika assoċjata mal-immaniġġar tal-iskart tat-tessuti f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart,

– it-tnaqqis tal-impatti ambjentali u klimatiċi tas-sistemi tal-ikel assoċjati mal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel. Il-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel tikkontribwixxi wkoll għas-sigurtà tal-ikel.

*Skart tat-tessuti*

Minkejja li l-prevenzjoni tal-iskart hija objettiv ewlieni tad-WFD u minkejja l-isforzi ta' implimentazzjoni fil-livell nazzjonali inkluż minn atturi privati, il-ġenerazzjoni ġenerali tal-iskart qed tkompli tiżdied u jista' jiġi osservat biss "diżakkoppjament relattiv" tal-ġenerazzjoni tal-iskart mit-tkabbir ekonomiku[5]. Din ix-xejra għall-iskart ġenerali tista' tiġi osservata wkoll għall-iskart tat-tessuti. Din, madankollu, hija aggravata mill-hekk imsejħa "moda mgħaġġla", li hija kkaratterizzata minn kollezzjonijiet tal-moda aktar frekwenti introdotti fis-suq[6] bi prodotti bi prezz baxx li ma jinternalizzawx l-esternalitajiet ambjentali[7], jinkoraġġixxu lill-klijenti jixtru b'mod impulsiv u jinċentivaw ix-xiri ta' kwantitajiet akbar ta' ħwejjeġ[8]. Din iż-żieda fil-konsum tat-tessuti twassal għal żieda fil-volumi tal-iskart tat-tessuti. Skont studju li għaddej bħalissa miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC)[9], l-iskart totali tat-

---

1 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni Il-Patt Ekoloġiku Ewropew, COM(2019) 640 final.

2 Pjan ta' Azzjoni ġdid dwar l-Ekonomija Ċirkolari: Għal Ewropea aktar nadifa u kompetittiva, COM(2020)98 final tal-11.3.2020.

3 Perkorsi ta' Tranżizzjoni tal-UE (europa.eu)

4 ĠU L 312 22.11.2008, p. 3.

5 L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, *Waste prevention in Europe,* 2021, Prevenzjoni tal-iskart fl-Ewropa — Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (europa.eu)

6 Lai, O., *What is fast fashion*, Earth.org, 2021, https://earth.org/what-is-fast-fashion

7 Workshop għall-partijiet ikkonċernati.

8 Il-Kummissjoni Ewropea, Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, 2021, https://data.europa.eu/doi/10.2760/858144.

9 Il-Kummissjoni Ewropea, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka. *Techno-scientific assessment of the management options for used and waste textiles*. 2023 (qed jiġi żviluppat)

tessuti, li jkopri l-ħwejjeġ u x-xedd tas-saqajn, it-tessuti tad-dar, it-tessuti tekniċi, u l-iskart postindustrijali u ta' qabel il-konsum, fl-2019 kien jammonta għal 12,6-il miljun tunnellata (Mt) (10,9 Mt skart ta' wara l-konsum u 1,7 Mt skart postindustrijali u ta' qabel il-konsum). L-iskart tal-ħwejjeġ u ta' xedd is-saqajn kien jammonta għal 5,2 Mt, ekwivalenti għal 12-il kg għal kull persuna fis-sena fl-UE.

Skont studju miċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC)[10], bħalissa, madwar 78 % tal-iskart tat-tessuti ta' wara l-konsum li jkopri l-ħwejjeġ u x-xedd tas-saqajn, it-tessuti tad-dar u t-tessuti tekniċi ma jinġabarx separatament u jispiċċa fl-iskart domestiku mħallat, destinat biex jiġi inċinerat jew mormi f'landfills. Dan l-immaniġġar tal-iskart ineffiċjenti fl-użu tar-riżorsi ma huwiex konformi mal-ġerarkija tal-iskart u jwassal għal ħsara ambjentali fl-UE u f'pajjiżi terzi permezz ta' livelli eċċessivi ta' emissjonijiet tal-gassijiet serra (GHG), ta' konsum tal-ilma, ta' tniġġis u tal-użu tal-art. Mill-iskart tat-tessuti miġbur separat, li jirrappreżenta biss 22 % tal-iskart tat-tessuti ta' wara l-konsum iġġenerat, madwar 32 % jiġi riċiklat fl-UE (madwar 20 % barra mill-UE) u madwar 8 % jerġa' jintuża fl-UE (madwar 38 % barra mill-UE), filwaqt li l-bqija jiġi esportat.

L-obbligu ta' ġbir separat għat-tessuti fid-WFD se jidħol fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2025. Skont informazzjoni mill-Istati Membri, huwa stmat li s-sistemi ta' ġbir separat u l-infrastrutturi tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ x'aktarx li ma humiex lesti biex jimmaniġġaw l-ammonti addizzjonali mistennija li għandhom jinġabru. Is-separazzjoni hija mistennija li sseħħ fil-biċċa l-kbira tal-Istati Membri qrib il-punti ta' ġbir tal-iskart u fuq skala akbar f'dawk fejn il-kundizzjonijiet tas-suq huma favorevoli (eż. kostijiet aktar baxxi tal-immaniġġar tal-iskart, infrastruttura u ħiliet eżistenti li jistgħu jiżdiedu, prossimità għaċ-ċentri tar-riċiklaġġ/tal-produzzjoni u għall-portijiet). Ir-riċiklaġġ ma huwiex mistenni li jseħħ fil-pajjiżi kollha u x'aktarx li jkun jinsab f'reġjuni qrib iċ-ċentri tal-produzzjoni tat-tessuti u l-bażijiet infrastrutturali eżistenti.

Is-settur tat-tessuti huwa intensiv fl-użu tar-riżorsi. Fir-rigward kemm tal-produzzjoni tal-materja prima kif ukoll tat-tessuti, il-biċċa l-kbira tal-pressjonijiet u tal-impatti relatati mal-konsum tal-ħwejjeġ, tax-xedd is-saqajn u tat-tessuti tad-dar fl-UE jseħħu f'reġjuni oħra tad-dinja. Madankollu, filwaqt li l-biċċa l-kbira tal-pressjonijiet ambjentali tal-konsum tat-tessuti fl-UE jseħħu f'pajjiżi terzi[11], dawn jaffettwaw ukoll lill-UE minħabba l-impatt globali tagħhom. L-EEA tistma li biex ġie prodott l-ammont ta' ħwejjeġ, tessuti u xedd is-saqajn ikkunsmati fl-UE fl-2020, 80 % tal-materja prima primarja, 88 % tal-ilma u 92 % tal-art użata u 73 % tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra seħħew barra mill-UE. Pereżempju, l-emissjonijiet tal-gassijiet serra huma fenomenu globali u ma humiex ċirkoskritti għal konfini jew reġjuni speċifiċi. Barra minn hekk, kważi 13-il miljun ħaddiem ekwivalenti għall-full-time kienu impjegati madwar id-dinja fil-katina tal-provvista[12]. Għalhekk, il-prevenzjoni, l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart tat-tessuti jistgħu jgħinu biex titnaqqas l-impronta ambjentali tas-settur.

Barra minn hekk, il-kostijiet tal-immaniġġar tal-iskart tal-ħwejjeġ użati u tat-tessuti tad-dar ma humiex internalizzati fil-prezz tal-prodotti ġodda. Bħala medja, il-kostijiet tal-ġbir u tat-trattament jammontaw għal madwar 12-il ċenteżmu għal kull oġġett. Madankollu, dawn il-kostijiet ivarjaw skont it-tip ta' oġġett, b'dawk li jinvolvu taħlita ta' tipi ta' fibri tat-tessuti u l-inklużjoni ta' elementi ta' xkiel (pereżempju buttuni u żippijiet) u jiswew aktar biex jiġu mmaniġġati u dawk li jinkludu tip wieħed ta' fibra mingħajr elementi ta' xkiel bħat-t-shirts

[10] Il-Kummissjoni Ewropea, Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka. *Techno-scientific assessment of the management options for used and waste textiles*. 2023 (qed jiġi żviluppat).

[11] L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, 2019.

[12] EEA. Textiles and the environment: the role of design in Europe's circular economy (2022). Disponibbli minn: https://www.eea.europa.eu/publications/textiles-and-the-environment-the.

jiswew anqas. Minħabba l-volumi kbar tal-iskart tat-tessuti li bħalissa jintrema fl-iskart residwu, il-kost tar-rimi u l-esternalitajiet ambjentali ta' dak ir-rimi, inklużi l-emissjonijiet mill-inċinerazzjoni u r-rimi f'landfills, ukoll ma humiex internalizzati. L-esternalitajiet l-oħra jinkludu b'mod partikolari l-impatti ambjentali u soċjali tal-iskart tat-tessuti esportat lejn pajjiżi terzi taparsi għal skopijiet ta' użu mill-ġdid, b'mod partikolari, fir-rigward ta' tessuti esportati mhux separati, li porzjon sinifikanti minnhom jispiċċa f'landfills (illegali).

Id-definizzjonijiet frammentati tat-tessuti u tal-iskart tat-tessuti jwasslu għal piż amministrattiv u joħolqu ostakli għall-vjeġġi ta' skart transfruntieri. Is-sinjali differenti regolatorji u ta' politika f'kull Stat Membru u l-lakuni fl-informazzjoni (eż. dwar il-kwalità tal-materja prima) ixekklu l-espansjoni tal-industrija tar-riċiklaġġ u l-użu mill-ġdid u jfixklu l-kundizzjonijiet ekwi tas-suq uniku, minbarra l-kumplessità fir-riċiklaġġ tat-tessuti minħabba l-kompożizzjonijiet differenti tal-iskart tat-tessuti. Dan jostakola mhux biss it-tranżizzjoni għall-ekonomija ċirkolari fit-tessuti, iżda jipprevjeni wkoll il-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità u l-valur miżjud fl-UE. L-infrastruttura insuffiċjenti tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ x'aktarx li twassal biex it-tessuti ma jiġux ittrattati f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart anki ladarba jidħol fis-seħħ l-obbligu ta' ġbir separat. Il-manifattura b'valur miżjud baxx isseħħ prinċipalment f'pajjiżi terzi. Il-produzzjoni u r-rimi tal-iskart tat-tessuti importati joħolqu impatti soċjetali negattivi sinifikanti fil-livelli lokali, reġjonali u globali[13].

Għalhekk, l-objettivi speċifiċi għal din il-proposta fir-rigward tal-iskart tat-tessuti huma li jittejjeb l-immaniġġar tal-iskart tat-tessuti f'konformità mal-"ġerarkija tal-iskart"[14] minquxa fid-WFD, billi tingħata prijorità lill-prevenzjoni tal-iskart, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tat-tessuti fuq għażliet oħra ta' rkupru u r-rimi u l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas. Il-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari (CEAP)[15] u l-Istrateġija tal-UE għat-Tessuti Sostenibbli u Ċirkolari ("Strateġija dwar it-Tessuti")[16] jitolbu azzjoni msaħħa u aċċellerata tal-UE u tal-Istati Membri għall-prevenzjoni tal-iskart tat-tessuti u għat-titjib taċ-ċirkolarità tat-tessuti, peress li dan huwa settur intensiv fl-użu tar-riżorsi li jikkawża esternalitajiet ambjentali negattivi sinifikanti, fejn il-lakuni fil-finanzjament u dawk teknoloġiċi jimpedixxu l-progress lejn it-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari.

*Skart tal-ikel*

L-iskart tal-ikel huwa wieħed mill-akbar sorsi ta' ineffiċjenza fil-katina agroalimentari. B'mod partikolari, hija tirriżulta f'impatti ambjentali u klimatiċi negattivi. Il-konsum tal-ikel huwa l-kontributur ewlieni għall-impatti ambjentali[17] u għall-impronta tal-bijodiversità[18] tal-konsum tal-UE.

Meta l-ikel jiġi skartat, l-enerġija u r-riżorsi inkorporati kollha u l-konsegwenzi ambjentali tagħhom, bħall-emissjonijiet tal-gassijiet serra – li jakkumulaw tul il-katina tal-ikel – xorta jseħħu mingħajr ebda benefiċċju għan-nutrizzjoni tal-bniedem. L-ikel ipproċessat, ittrasportat

[13] Ellen Mac Arthur Foundation, 2017, https://ellenmacarthurfoundation.org/a-new-textiles-economy.

[14] Il-ġerarkija tal-iskart hija kunċett ċentrali fid-WFD li jistabbilixxi ordni ta' preferenza għall-immaniġġar u r-rimi tal-iskart: il-prevenzjoni l-ewwel (inkluż l-użu mill-ġdid) segwita mill-operazzjonijiet ta' mmaniġġar tal-iskart: it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ, l-irkupru u l-aħħar rimi. Din titħaddem permezz ta' regoli speċifiċi u miri ta' prestazzjoni, bħall-istabbiliment tal-obbligi ta' ġbir separat u miri għall-prevenzjoni, ir-riċiklaġġ jew id-devjazzjoni mil-landfills.

[15] COM(2020)98 final.

[16] COM(2022)141 final.

[17] Sanye Mengual, E. u Sala, S., 2023. *Consumption Footprint and Domestic Footprint: Assessing the environmental impacts of EU consumption and production*.

[18] Sanyé-Mengual, E., Biganzoli, F., Valente, A., Pfister, S., & Sala, S. (2023). *What are the main environmental impacts and products contributing to the biodiversity footprint of EU consumption? A comparison of life cycle impact assessment methods and models*.

u msajjar li mbagħad jinħela fl-istadju tal-konsum – għandu impatt ambjentali ogħla mill-prodotti tal-ikel mhux ipproċessati mitlufa fl-azjenda agrikola. It-58,5 Mt tal-iskart tal-ikel iġġenerati fl-UE fl-2020[19] ikkawżaw emissjonijiet ta' 252 Mt ta' ekwivalenti ta' CO2[20]. Dan jikkorrispondi għal 16 % tal-impatt totali tal-gassijiet serra li jirriżulta mis-sistema tal-ikel tal-UE. L-iskart tal-ikel jpoġġi wkoll pressjoni bla bżonn fuq ir-riżorsi naturali limitati. Pereżempju, l-ammont ta' ilma kkunsmat biex jiġi prodott ikel li fl-aħħar mill-aħħar jinħela jista' jiġi kkwantifikat bħala 342 bn $m^3$ ekwivalenti ta' ilma[21], li jikkorrispondi għal 12 % tal-impatt totali tal-produzzjoni u l-konsum tal-ikel tal-UE. L-iskart tal-ikel huwa responsabbli wkoll għal 16 % tal-impatti fuq il-ħamrija kkawżati minn attivitajiet tal-użu tal-art[22], filwaqt li l-konsegwenzi fuq l-ewtrofikazzjoni tal-baħar huma ta' 15 % tat-total[23,24].

Fir-rigward tal-konsegwenzi ekonomiċi, it-58,5 Mt tal-iskart tal-ikel għandhom valur tas-suq assoċjat stmat għal EUR 132 biljun[25]. Dawn il-kostijiet jinkludu r-riżorsi mitlufa mill-operaturi tan-negozji tal-ikel f'kull stadju tal-katina tal-provvista tal-ikel, iżda wkoll l-infiq bla bżonn mill-unitajiet domestiċi. Barra minn hekk, il-kost tal-ġbir u t-trattament tal-iskart tal-ikel huwa stmat għal EUR 9,3 biljun addizzjonali[26].

L-iskart tal-ikel għandu konsegwenzi soċjali importanti. Hija twassal għal infiq bla bżonn ta' riżorsi li jistgħu jiġu allokati mod ieħor. Is-sehem medju tan-nefqa fuq l-ikel (servizzi agroalimentari u tal-ikel) fin-nefqa totali tal-unitajiet domestiċi fl-UE huwa ta' madwar 19 %[27]. L-iskartar ta' ikel li huwa tajjeb għall-konsum mill-bniedem – minflok ir-ridistribuzzjoni ta' dak l-ikel lil dawk fil-bżonn, inkluż permezz ta' donazzjoni tal-ikel – jirrappreżenta wkoll opportunità mitlufa fid-dawl tal-isfidi dejjem akbar għas-sigurtà tal-ikel. Għalkemm, fl-Ewropa, id-disponibbiltà tal-ikel hija żgurata, l-affordabbiltà tal-ikel hija ta' tħassib għal għadd dejjem jiżdied ta' ċittadini tal-UE: 32,6 miljun persuna ma jifilħux iħallsu

---

19 https://ec.europa.eu/eurostat/databrowser/view/env_wasfw/default/table?lang=en

20 Ikkalkulat bl-użu tal-metodoloġija tal-Impronta tal-Konsum, kif ippreżentata fi: Il-Kummissjoni Ewropea, Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, Sanyé Mengual, E., Sala, S., *Consumption footprint and domestic footprint: assessing the environmental impacts of EU consumption and production: life cycle assessment to support the European Green Deal*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023, https://data.europa.eu/doi/10.2760/218540.

21 L-ekwivalenti ta'$m^3$-dinja jirrappreżenta metru kubu kkunsmat bħala medja fid-dinja. Il-medja tirreferi għal medja ponderata għall-konsum, u għalhekk tirrappreżenta l-postijiet fejn bħalissa jiġi kkunsmat l-ilma.

22 Ivvalutati billi tqiesu l-impatti fuq erba' proprjetajiet tal-ħamrija: il-produzzjoni bijotika, ir-reżistenza għall-erożjoni, ir-riġenerazzjoni tal-ilma ta' taħt l-art u l-filtrazzjoni mekkanika, kif ippreżentati fi: De Laurentiis, V., Secchi, M., Bos, U., Horn, R., Laurent, A. u Sala, S., Soil quality index: *Exploring options for a comprehensive assessment of land use impacts in LCA*, Ġurnal ta' Produzzjoni Aktar Nadifa, 215, pp.63-74, 2019.

23 L-Impronta tal-Konsum tkopri s-16-il kategorija ta' impatt tal-Impronta Ambjentali (Il-Kummissjoni Ewropea, 2021) inkluża l-ewtrofikazzjoni tal-ilma ħelu li hija kkawżata prinċipalment mill-emissjonijiet tal-fosfru.

24 ĠU L 471, 30.12.2021, p. 1–396.

25 Eurostat, 2022 (ara n-nota 92, il-paġna 32).

26 Manfredi, S., & Cristobal, J., *Towards more sustainable management of European food waste: Methodological approach and numerical application*. Waste Management and Research, 34(9), 957–968, 2016, https://doi.org/10.1177/0734242X16652965.

27 Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali, *EU agricultural outlook for markets, income and environment 2022-2032*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2023, p. 43. https://data.europa.eu/doi/10.2762/29222. Nota: varjazzjoni żgħira ħafna (anqas minn 1 %), minħabba l-linja bażi MAGNET kemxejn differenti li ntużat.

ikla bil-laħam, ħut, tiġieġ jew ekwivalenti veġetarjan kull jumejn[28]. Fl-aħħar nett, għal ħafna konsumaturi, l-iskart tal-ikel għandu dimensjoni etika importanti[29].

F'dan il-kuntest, l-UE u l-Istati Membri tagħha impenjaw ruħhom li jilħqu l-Mira 12.3 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) li, sal-2030, inaqqsu bin-nofs l-iskart globali tal-ikel *per capita* fil-livelli tal-bejgħ bl-imnut u tal-konsumatur u jnaqqsu t-telf tal-ikel tul il-ktajjen tal-produzzjoni u tal-provvista, inkluż it-telf ta' wara l-ħsad.

L-UE implimentat pjan ta' azzjoni ddedikat biex jitnaqqas it-telf u l-iskart tal-ikel, inklużi azzjonijiet kemm regolatorji kif ukoll mhux regolatorji, inizjalment bħala parti mill-Pjan ta' Azzjoni tal-2015 dwar l-Ekonomija Ċirkolari u, mill-2020, fl-ambitu tal-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt tal-UE[30]. B'dan il-mod, il-Kummissjoni għandha l-għan mhux biss li tistabbilixxi obbligi ċari għall-Istati Membri fir-rigward tat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel iżda wkoll li toħloq ambjent ta' politika li jappoġġa lill-Istati Membri fit-teħid ta' azzjoni effettiva.

Id-WFD, kif riveduta fl-2018, tirrikjedi li l-Istati Membri jħejju programmi speċifiċi għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel, f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart. Hija tirrikjedi li l-Istati Membri jnaqqsu l-iskart tal-ikel f'kull stadju tal-katina tal-provvista tal-ikel, jimmonitorjaw il-livelli tal-l-iskart tal-ikel u jirrapportaw dwar il-progress li jkun sar. Fl-2019, il-Kummissjoni adottat metodoloġija komuni għall-kejl tal-iskart tal-ikel[31], li għandha tintuża bħala bażi għall-monitoraġġ tal-iskart tal-ikel fl-UE kollha.

Sabiex tappoġġa lill-Istati Membri biex jieħdu azzjoni, il-Kummissjoni, sa mill-2015, ħadet inizjattivi biex tiċċara u tarmonizza l-leġiżlazzjoni rilevanti (eż. l-adozzjoni ta' linji gwida tal-UE dwar id-donazzjoni tal-ikel[32], segwita minn emendi għar-regoli dwar l-iġjene tal-ikel biex jiġu ffaċilitati prattiki sikuri ta' donazzjoni tal-ikel, kif ukoll linji gwida tal-UE dwar l-użu bħala għalf ta' ikel li ma jkunx għadu maħsub għall-użu mill-bniedem[33]). Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll, mill-2016, pjattaforma ta' diversi partijiet ikkonċernati, il-Pjattaforma tal-UE dwar it-Telf tal-Ikel u l-Ħela tal-Ikel[34] (FLW) biex tappoġġa lill-atturi kollha fid-definizzjoni ta' miżuri għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel, għall-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u għall-evalwazzjoni tal-progress. Hija adottat ukoll ir-riżultati tanġibbli proprji tagħha (eż., rakkomandazzjonijiet għal azzjoni fil-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel[35]) u appoġġat il-ħidma mwettqa fil-livell tal-UE biex jittejbu l-prattiki tal-immarkar[36] tad-data. Il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u soluzzjonijiet biex jitnaqqas l-iskart tal-ikel madwar l-UE hija ffaċilitata wkoll permezz taċ-Ċentru diġitali tal-UE għall-Prevenzjoni tat-Telf u l-Ħela tal-Ikel[37]. Il-proġett pilota RESTwithEU[38] jevalwa u jirrakkomanda għodod diġitali biex jitnaqqas l-iskart tal-ikel

[28] Eurostat, Ottubru 2022. *Living conditions in Europe - material deprivation and economic strain - Statistics Explained*

[29] Il-ħtieġa li jiġi żgurat l-aċċess għall-ikel u s-solidarjetà fil-katina tal-provvista tal-ikel hija enfasizzata wkoll fir-rakkomandazzjonijiet tal-panel taċ-ċittadini Ewropej dwar l-iskart tal-ikel. Għas-sett sħiħ ta' rakkomandazzjonijiet, ara l-Anness 16 tar-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt.

[30] COM(2020)381 final

[31] ĠU L 248, 27.9.2019, p.77-85.

[32] ĠU C 361, 25.10.2017, p. 1–29.

[33] ĠU C 133, 16.4.2018, p. 2–18.

[34] https://food.ec.europa.eu/safety/food-waste/eu-actions-against-food-waste/eu-platform-food-losses-and-food-waste_mt

[35] https://food.ec.europa.eu/system/files/2021-05/fs_eu-actions_action_platform_key-rcmnd_en.pdf

[36] https://ec.europa.eu/food/safety/food_waste/eu_actions/date_marking_en

[37] https://ec.europa.eu/food/safety/food_waste/eu-food-loss-waste-prevention-hub/eu-member-state-page/show/FI

[38] https://restwith.eu/

fl-industrija tar-ristoranti. L-appoġġ għall-bidla fl-imġiba tal-konsumatur huwa indirizzat minn sottogrupp iddedikat tal-Pjattaforma u kompendju tal-aħjar prattiki, żviluppat mill-proġett pilota tal-UE, il-Forum Ewropew dwar il-Ħela tal-Ikel tal-Konsumatur, se jkun disponibbli sal-aħħar ta' Ġunju 2023. Sabiex tissaħħaħ il-bażi tal-evidenza għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel, iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka jwettaq valutazzjonijiet tal-effettività tal-interventi għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel[39], appoġġati minn qafas ta' evalwazzjoni li jista' jintuża mill-atturi kollha. Is-sejħiet għal proposti fl-ambitu tal-Programm Qafas tal-UE għar-Riċerka u l-Innovazzjoni Orizzont 2020[40] u Orizzont Ewropa[41] ilhom joffru opportunitajiet ġodda għar-riċerka u l-innovazzjoni biex jindirizzaw it-telf u l-iskart tal-ikel. Strumenti oħra ta' finanzjament għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel jinkludu l-programm LIFE u InterReg Europe. Fl-ambitu tal-Programm tas-Suq Uniku, il-Kummissjoni tagħmel disponibbli wkoll għotjiet biex tappoġġa lill-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati[42] fit-titjib tal-kejl tal-iskart tal-ikel u fl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet biex jitnaqqas l-iskart tal-ikel, f'kollaborazzjoni mal-Aġenzija Eżekuttiva Ewropea għas-Saħħa u għall-Qasam Diġitali (HaDEA).

Ħafna operaturi ta' negozji tal-ikel tul il-katina tal-provvista tal-ikel ħadu passi importanti biex inaqqsu l-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel u jtejbu l-effiċjenza fir-riżorsi. Skont il-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE għall-Prattiki responsabbli tan-Negozju u l-Kummerċjalizzazzjoni tal-Ikel[43], il-proċessuri tal-ikel u l-bejjiegħa bl-imnut, ħadu impenji konkreti dwar it-tnaqqis tal-iskart tal-ikel fl-operazzjonijiet tagħhom u tul il-katina tal-provvista.

Minkejja dawn l-azzjonijiet u s-sensibilizzazzjoni dejjem tikber dwar l-impatti u l-konsegwenzi negattivi tal-iskart tal-ikel, l-impenji politiċi li saru fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri u l-miżuri tal-UE implimentati mis-CEAP tal-2015, il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel mhix qed tonqos biżżejjed biex tagħmel progress sinifikanti lejn il-Mira 12.3 tal-SDG. Fl-UE, minkejja l-obbligi legali eżistenti fid-WFD u l-attivitajiet ta' appoġġ tal-Kummissjoni, l-azzjoni meħuda sa issa fl-Istati Membri hija differenti u ma ppermettietx tnaqqis sinifikanti fil-livelli tal-iskart tal-ikel.

Għalhekk, l-istabbiliment ta' miri huwa l-pass meħtieġ li jmiss. L-objettivi speċifiċi ta' din il-proposta huma: l-ewwel nett, li tiġi assenjata responsabbiltà ċara lill-Istati Membri biex jaċċelleraw it-tnaqqis tal-iskart tal-ikel tul il-katina tal-provvista tal-ikel u fl-unitajiet domestiċi, fit-territorji rispettivi tagħhom, u b'hekk jagħmlu kontribut sod biex tintlaħaq il-Mira 12.3 tal-SDG; u t-tieni, li jiġi żgurat rispons suffiċjenti u konsistenti mill-Istati Membri kollha biex titnaqqas l-iskart tal-ikel, f'konformità mar-rispons ta' dawk li qegħdin fuq quddiem nett.

Dan għandu jwassal lil kull Stat Membru biex jieħu azzjoni ambizzjuża – billi juża l-aktar miżuri effettivi, imfassla għas-sitwazzjoni nazzjonali speċifika tiegħu – u jimmira li jappoġġa l-bidla fl-imġiba tal-konsumatur kif ukoll isaħħaħ il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet bejn l-atturi tul il-katina tal-valur kollha tal-ikel kif ukoll ma' atturi rilevanti oħra (eż. l-akkademja, l-NGOs, l-istituzzjonijiet finanzjarji, l-atturi tal-ekonomija soċjali, eċċ).

[39] Il-Kummissjoni Ewropea, Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka, Caldeira, C., Sala, S., De Laurentiis, V., *Assessment of food waste prevention actions. Development of an evaluation framework to assess the performance of food waste prevention actions,* l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, 2019.

[40] Ara l-proġetti CHORIZO u ToNoWaste

[41] Ara l-proġetti FOLOU u WASTELESS

[42] Eżempju: Sejħa għal proposti tal-2022 tal-HaDEA biex tgħin lill-partijiet ikkonċernati jieħdu azzjoni dwar il-ġlieda kontra l-iskart tal-ikel

[43] Il-Kummissjoni Ewropea, Sikurezza tal-Ikel, *EU Code of Conduct on Responsible Food Business and Marketing Practices*, 2021

Barra minn hekk, wara l-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, l-iskart tal-ikel intgħażel bħala l-ewwel suġġett għall-Panels deliberattivi taċ-Ċittadini Ewropej. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Panel taċ-Ċittadini se jappoġġaw il-ħidma tal-Kummissjoni u se jappoġġaw lill-Istati Membri fit-tfassil ta' strateġiji u pjanijiet ta' azzjoni nazzjonali għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel.

- **Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika**

L-emenda proposta hija f'konformità mal-Artikolu 11(1) tad-WFD li jirrikjedi li l-Istati Membri jistabbilixxu ġbir separat għat-tessuti sal-1 ta' Jannar 2025. Il-proposta tintroduċi responsabbiltà estiża tal-produttur (EPR) u miżuri oħra ta' politika li għandhom l-għan li jappoġġaw il-finanzjament meħtieġ u jarmonizzaw l-informazzjoni u l-approċċi relatati mal-infrastruttura tal-ġbir, is-separazzjoni, l-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ li se tkun meħtieġa ladarba l-obbligu tal-ġbir separat jiżvolġi l-effett tiegħu.

Skont l-Artikolu 9(6) tad-WFD, il-Kummissjoni hija meħtieġa, sal-31 ta' Diċembru 2023, li teżamina d-*data* dwar l-iskart tal-ikel ipprovduta mill-Istati Membri bil-ħsieb li tikkunsidra l-fattibbiltà li tiġi stabbilita mira għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel fl-Unjoni kollha li għandha tintlaħaq sal-2030 u tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposta leġiżlattiva. L-istabbiliment ta' miri għandu jsaħħaħ id-dispożizzjonijiet kurrenti tal-Artikolu 9(1) tad-WFD li jirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu miżuri biex inaqqsu l-iskart tal-ikel tul il-katina kollha tal-provvista tal-ikel.

- **Konsistenza ma' politiki oħra tal-Unjoni**

L-Istrateġija tal-UE għat-Tessuti tindirizza l-produzzjoni u l-konsum tat-tessuti, filwaqt li tirrikonoxxi l-importanza tas-settur tat-tessuti. Din tippreżenta viżjoni tal-2030 għat-tessuti li tistabbilixxi l-għan għal prodotti tat-tessuti li jkollhom ħajja twila u li jkunu riċiklabbli, fil-biċċa l-kbira magħmula minn fibri riċiklati, ħielsa minn sustanzi perikolużi u prodotti b'rispett lejn id-drittijiet tal-ħaddiema u d-drittijiet soċjali u lejn l-ambjent, u tindika l-ħtieġa għar-responsabbiltà tal-produttur tul il-katina tal-valur, għal kapaċitajiet suffiċjenti għal riċiklaġġ innovattiv mill-fibra għall-fibra, għal soluzzjonijiet b'bażi bijoloġika, u għat-tnaqqis għall-minimu tal-inċinerazzjoni u r-rimi f'landfills tat-tessuti. Partikolarment rilevanti għall-immaniġġar tal-iskart huwa li l-Istrateġija tal-UE għat-Tessuti ħabbret regoli armonizzati tal-UE dwar l-EPR għat-tessuti, u inċentivi ekonomiċi biex il-prodotti jsiru aktar sostenibbli ("ekomodulazzjoni tat-tariffi"). Barra minn hekk, hija ssottolinjat l-għan tal-Kummissjoni li tindirizza l-isfidi relatati mal-esportazzjoni tal-iskart tat-tessuti, u li tippromwovi xogħol deċenti madwar id-dinja għal tranżizzjoni ġusta globali u rkupru sostenibbli[44].

Din l-inizjattiva għandha l-għan ukoll li tikkontribwixxi għall-għan tal-pjan ta' azzjoni dwar l-ekonomija ċirkolari li titnaqqas b'mod sinifikanti l-ġenerazzjoni totali tal-iskart u jitnaqqas bin-nofs l-ammont tal-iskart muniċipali residwu (mhux riċiklat) sal-2030. Ir-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Imballaġġ u l-Iskart mill-Imballaġġ (PPWD) se jkollha l-għan li tnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart mill-imballaġġ. Flimkien, din l-inizjattiva u r-reviżjoni tal-inizjattiva tal-PPWD se jindirizzaw aktar minn 65 % tal-iskart muniċipali kollu ġġenerat (imballaġġ, skart tal-ikel u skart tat-tessuti) u b'hekk jikkontribwixxu għall-objettiv ġenerali tad-WFD u tal-Patt Ekoloġiku Ewropew.

Il-proposta tal-Kummissjoni għar-Regolament dwar il-Vjeġġi ta' Skart (WSR)[45] ġiet adottata fis-17 ta' Novembru 2021 u fiż-żmien tal-adozzjoni ta' din il-proposta, in-negozjati għadhom

[44] COM/2022/66 final
[45] COM/2021/709 final

għaddejjin. Hija għandha l-għan li tiżgura li l-UE ma tesportax l-isfidi tal-iskart tagħha lejn pajjiżi terzi u li tiffaċilita l-vjeġġi għar-riċiklaġġ, filwaqt li tiskoraġġixxi l-vjeġġi għar-rimi. Il-miżuri jinkludu kriterji biex issir distinzjoni aħjar bejn skart imħallat u skart mhux imħallat, kif ukoll bejn oġġetti użati u skart tal-oġġetti, li jistgħu jiġu stabbiliti għat-tessuti. Barra minn hekk, qed jiġi propost reġim ta' esportazzjoni aktar strett lejn pajjiżi terzi mhux tal-OECD, kif ukoll obbligu biex tiġi awditjata l-prestazzjoni tal-faċilitajiet ta' rkupru f'pajjiżi terzi. Fl-aħħar nett, qed jiġu proposti miżuri biex jiżdiedu l-isforzi dwar l-infurzar tar-regoli dwar il-vjeġġi tal-iskart, inkluż għall-iskart tat-tessuti. L-impatti tal-proposta għal WSR huma kkunsidrati fil-valutazzjoni mwettqa. Barra minn hekk, il-miżuri li jindirizzaw il-vjeġġi tal-materjali (il-miżuri 2.6 u 2.9) jiddistingwu bejn tessuti li huma għall-użu mill-ġdid u li ma għadhomx skart (u, għalhekk, mhux soġġetti għad-WSR) u dawk li huma skart li għalih il-miżuri fil-proposta huma msemmija direttament.

Ir-Regolament propost dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli (ESPR)[46] se jistabbilixxi qafas biex jiġu stabbiliti rekwiżiti tal-ekodisinn għal gruppi speċifiċi ta' prodotti biex tittejjeb b'mod sinifikanti ċ-ċirkolarità, il-prestazzjoni enerġetika u aspetti oħra tas-sostenibbiltà ambjentali tagħhom. Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn jistgħu jkunu ta' importanza ewlenija għall-prevenzjoni tal-iskart u għar-riċiklaġġ ta' kwalità għolja, peress li jistgħu jtejbu d-durabbiltà tal-prodott, il-possibbiltà ta' tiswija, ir-riċiklabbiltà u l-kontenut riċiklat. L-iżvilupp ta' dawn ir-rekwiżiti jista' jservi wkoll bħala bażi għall-istabbiliment ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji armonizzati għall-iskemi tal-EPR. Ir-rekwiżiti tal-ekodisinn għat-tessuti huma mistennija li jkunu fis-seħħ sal-2025 jew sal-2026. Minbarra l-introduzzjoni ta' rekwiżiti ġodda tal-ekodisinn, l-ESPR se jintroduċi miżuri biex tiġi miġġielda l-qerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa. L-ewwel nett, huwa ppropona li jiġi introdott rekwiżit għall-intrapriżi l-kbar biex jiddivulgaw pubblikament informazzjoni dwar l-għadd u t-tipi ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa li jiskartaw. Din il-miżura hija maħsuba biex isservi ta' diżinċentiv għal din il-prattika minħabba r-reputazzjoni filwaqt li huwa previst ukoll li tinħoloq bażi ta' evidenza mtejba dwar il-punt sa fejn isseħħ il-qerda ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa. It-tieni, l-ESPR se jinkludi l-għoti tas-setgħa biex jiġu adottati atti delegati li jipprojbixxu l-qerda ta' gruppi speċifiċi ta' prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa, bħat-tessuti, b'kont meħud tal-informazzjoni mill-obbligu ġenerali ta' divulgazzjoni. Politiki importanti oħra tal-Unjoni jinkludu r-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti[47] u r-Regolament dwar ir-Reġistrazzjoni, il-Valutazzjoni, l-Awtorizzazzjoni u r-Restrizzjoni ta' Sustanzi Kimiċi (REACH)[48].

Il-miri legalment vinkolanti għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel jikkontribwixxu għal għadd ta' objettivi ta' politika oħra tal-UE, jiġifieri tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra, u b'hekk jikkontribwixxu għall-objettiv tal-UE tan-newtralità klimatika sal-2050 u għall-objettiv ta' tnaqqis nett ta' mill-anqas 55 % fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra sal-2030 kif espress fil-Pjan dwar il-Mira Klimatika għall-2030[49]. It-tnaqqis tal-iskart tal-ikel iwassal ukoll għal użu aktar sostenibbli tal-art, tnaqqis fl-ewtrofikazzjoni tal-baħar u anqas skarsezza tal-ilma, f'konformità mal-objettiv li tiġi stabbilita sistema tal-ikel sostenibbli, kif ippreżentata fl-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt.

[46] COM/2022/142 final
[47] ĠU L 272 18.10.2011, p. 1
[48] ĠU L 396 30.12.2006, p. 1
[49] COM(2020) 562 final

L-Istrateġija tipprevedi l-istabbiliment ta' linja bażi għal-livelli tal-iskart tal-ikel, b'kunsiderazzjoni tad-*data* ġdida rrappurtata mill-Istati Membri, u l-istabbiliment ta' miri legalment vinkolanti biex jitnaqqas l-iskart tal-ikel madwar l-UE sal-2023.

L-Istrateġija dwar il-Bijoekonomija[50] titlob azzjonijiet għall-użu mill-ġdid, għat-tnaqqis u għar-riċiklaġġ tal-flussi tal-bijoskart. It-tnaqqis tal-iskart tal-ikel jikkontribwixxi għall-prinċipji ewlenin tal-istrateġija bħall-ekonomija ċirkolari, l-użu kaskata tal-bijomassa u l-applikazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart.

Il-Perkors ta' Tranżizzjoni għat-Turiżmu[51], ippubblikat fi Frar 2022, fost l-azzjonijiet ewlenin tiegħu jenfasizza t-tnaqqis tal-iskart tal-ikel fis-settur tal-ospitalità. F'Diċembru 2022, l-Istati Membri adottaw il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-Aġenda Ewropea għat-Turiżmu 2030[52], li jistiednu lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġaw iċ-ċirkolarità mtejba tas-servizzi turistiċi, inkluża l-iskart tal-ikel.

Fl-aħħar nett, l-iskart tal-ikel ġie identifikat bħala wieħed mill-fatturi ewlenin li jaffettwaw is-sigurtà tal-ikel kemm min-naħa tal-provvista kif ukoll min-naħa tad-domanda[53]. It-tnaqqis tal-iskart tal-ikel jista' jikkontribwixxi għal reżiljenza akbar tas-sistemi tal-ikel u għas-sigurtà tal-ikel b'mod ġenerali, billi jtejjeb l-effiċjenza tal-katina tal-provvista u l-produttività kif ukoll l-affordabbiltà tal-ikel. Billi tiżdied l-effiċjenza tas-sistemi tal-ikel u tiġi appoġġata l-bidla fl-imġiba tal-konsumatur biex jiġi evitat skartar bla bżonn tal-ikel, ikun possibbli li jintemgħu għadd akbar ta' nies bl-istess produzzjoni tal-ikel. Għalhekk, it-tnaqqis tal-iskart tal-ikel jista' jikkontribwixxi biex tintlaħaq id-domanda dejjem akbar mistennija għall-ikel filwaqt li jiġi żgurat li s-sistema tal-ikel tagħna topera fil-limiti planetarji. Barra minn hekk, it-tnaqqis tat-telf u tal-iskart tal-ikel jista' jikkontribwixxi għat-tnaqqis fil-prezz tal-ikel, u b'hekk potenzjalment itejjeb l-aċċess ekonomiku għall-ikel.

## 2. BAŻI LEGALI, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### • Bażi legali

L-Artikolu 192 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE)[54] jagħti s-setgħa lill-UE biex taġixxi fil-qasam tal-politika ambjentali biex tippreserva, tipproteġi u ttejjeb il-kwalità tal-ambjent, tipproteġi s-saħħa tal-bniedem, tikkontribwixxi għall-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali, u tippromwovi miżuri fil-livell internazzjonali biex jiġu indirizzati problemi ambjentali reġjonali jew dinjija.

Il-proposta hija stabbilita permezz ta' emenda mmirata tad-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart (WFD) li hija l-uniku mezz legali biex jiġu rregolati l-prevenzjoni u l-immaniġġar tal-iskart tat-tessuti fl-UE u hija bbażata fuq l-Artikolu 192(1) tat-TFUE. Filwaqt li hemm diversi atti legali li jirregolaw il-prodotti tat-tessuti (eż. REACH, ir-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti), id-WFD hija l-uniku strument legali li jirregola l-aspetti kollha tal-immaniġġar tal-iskart tat-tessuti, inklużi l-obbligi speċifiċi biex jiġu żgurati r-rekwiżiti tal-ġbir separat, tat-trattament u tar-rapportar.

---

50 COM(2012)060 final

51 https://op.europa.eu/mt/publication-detail/-/publication/404a8144-8892-11ec-8c40-01aa75ed71a1

52 https://data.consilium.europa.eu/doc/document/ST-15441-2022-INIT/mt/pdf

53 SWD(2023)4 final, *Drivers of food security.*

54 ĠU C 326, 26.10.2012, p.47.

L-emenda mmirata tad-WFD tibni fuq dawn ir-rekwiżiti eżistenti biex jitneħħew l-ostakli regolatorji identifikati u jiġu indirizzati l-fallimenti tas-suq billi dawk id-dispożizzjonijiet isiru aktar ċari, aktar speċifiċi u armonizzati biex jitnaqqas il-kamp ta' applikazzjoni tad-diverġenzi nazzjonali potenzjali u jinħolqu l-kundizzjonijiet għall-espansjoni tal-infrastruttura tal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tat-tessuti. Barra minn hekk, il-ħolqien tal-EPR għall-obbligi tat-tessuti jsegwi r-rekwiżiti minimi stabbiliti fid-dritt tal-UE u jimmira għall-armonizzazzjoni. Dan l-objettiv jiġi segwit ulterjorment billi l-Kummissjoni tingħata mandat biex tadotta regoli aktar dettaljati permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Huma definiti dati ċari ta' applikazzjoni għall-miżuri individwali f'konformità mal-fattibbiltà tal-implimentazzjoni tagħhom u ż-żmien ta' adattament meħtieġ għall-partijiet ikkonċernati marbuta b'obbligu.

Fil-qasam tal-iskart tal-ikel, l-emenda mmirata tad-WFD tibni fuq ir-rekwiżiti eżistenti li jindirizzaw aspetti ewlenin tal-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel (definizzjoni tal-iskart tal-ikel u metodoloġija komuni għall-kejl tal-iskart tal-ikel, l-obbligi għall-Istati Membri biex inaqqsu l-iskart tal-ikel f'kull stadju tal-katina tal-provvista tal-ikel, jimmonitorjaw u jirrapportaw kull sena dwar il-livelli tal-iskart tal-ikel, it-tħejjija ta' programmi nazzjonali għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel) u l-immaniġġar (eż. il-ġbir separat).

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Minħabba n-natura transfruntiera tal-katina tal-valur tat-tessuti minn perspettiva ekonomika, ambjentali u soċjali, il-bejgħ, il-konsum u l-immaniġġar fi tmiem il-ħajja tat-tessuti huma intrinsikament marbuta mal-funzjonament tas-suq uniku u mal-ktajjen tal-valur globali. Id-dipendenza għolja fuq il-materja prima tenfasizza l-importanza li tingħata spinta lill-mudelli tan-negozju ċirkolari biex jitnaqqas l-użu tal-materja prima primarja u jgħinu fil-mitigazzjoni tal-esternalitajiet ambjentali negattivi assoċjati.

Is-sistemi ta' ġbir, ta' separazzjoni u ta' riċiklaġġ jeħtieġ li jiżdiedu sabiex ikunu mħejjija għall-obbligu imminenti ta' ġbir separat u l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu peress li diversi fallimenti regolatorji u tas-suq li għandhom impatt fuq l-Istati Membri u l-atturi kollha tul il-katina tal-valur tat-tessuti bħalissa jxekklu l-forniment suffiċjenti tal-kapaċità ta' ġbir, ta' separazzjoni u ta' riċiklaġġ. In-nuqqas ta' approċċ komuni tal-UE għall-ġestjoni tat-tessuti jirriskja li joħloq jew li jsaħħaħ ulterjorment il-frammentazzjoni regolatorja u t-tfixkil tal-flussi tal-iskart u tal-materjali, u b'hekk ixekkel il-movimenti transfruntiera tat-tessuti (prodotti, tessuti użati u tessuti ta' skart) u azzjoni koordinata u investimenti rapidi madwar l-UE. Hemm riskji għoljin ta' żieda ulterjuri fil-frammentazzjoni regolatorja u fil-piżijiet amministrattivi fuq il-partijiet ikkonċernati tal-industrija, prinċipalment l-SMEs, li jirriżultaw minn applikazzjoni diversa tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas permezz ta' skemi nazzjonali ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għat-tessuti. L-indirizzar tal-esternalitajiet ambjentali transfruntiera, inklużi l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-esportazzjoni tat-tessuti (u l-iskart taparsi mhux skart) lejn pajjiżi terzi huwa indirizzat b'mod aktar effettiv permezz ta' azzjoni tal-UE, b'mod partikolari, peress li l-fatturi ewlenin tal-problemi huma relatati ma' fallimenti regolatorji li jirriżultaw min-nuqqas ta' definizzjonijiet armonizzati u frammentazzjoni regolatorja u diskrepanza fil-finanzjament komuni għall-Istati Membri kollha.

L-Istati Membri kollha jiġġeneraw l-iskart tal-ikel, li joħloq esternalitajiet ambjentali transfruntiera sinifikanti. Il-produzzjoni, il-ħżin, it-trasport u l-ipproċessar tal-ikel u r-rimi tal-iskart tal-ikel jikkawżaw impatti ambjentali u klimatiċi (bħall-emissjonijiet tal-gassijiet serra, u l-effetti fuq l-użu tal-art, il-bijodiversità, l-użu tal-ilma u l-ewtrofikazzjoni) fl-UE. Barra minn hekk, il-produzzjoni tal-ikel importat lejn l-UE tista' twassal għal impatti ambjentali u klimatiċi globali sinifikanti.

Huwa meħtieġ tnaqqis b'mod konsistenti tal-iskart tal-ikel madwar l-UE biex jiġi żgurat, f'kull Stat Membru, l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali, it-tnaqqis tal-impatti negattivi fuq il-klima, il-bijodiversità u l-użu tar-riżorsi naturali, b'benefiċċji li jestendu lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. B'mod importanti, billi s-sistema tal-ikel issir aktar effiċjenti, it-tnaqqis tal-iskart tal-ikel jikkontribwixxi wkoll għas-sigurtà tal-ikel madwar l-UE.

L-ikel jiġi nnegozjat b'mod wiesa' fis-suq tal-UE u n-negozji tal-ikel li joperaw b'mod transfruntier jeħtieġu koerenza u ċarezza dwar il-livell ta' ambizzjoni mistenni sabiex jippjanaw l-investimenti u l-azzjonijiet dwar il-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel. Approċċ ikkoordinat fil-livell tal-UE jista' jġib affidabbiltà u kontinwità u b'hekk jappoġġa l-adozzjoni ta' mudelli ġodda ta' negozju mill-operaturi tan-negozji tal-ikel sabiex jitħaffef it-tnaqqis tal-iskart tal-ikel tul il-katina tal-valur tal-ikel.

Minkejja l-impenji politiċi li saru fil-livelli internazzjonali, tal-UE u nazzjonali, ir-rekwiżiti legali eżistenti fid-WFD u l-attivitajiet ta' appoġġ mill-Kummissjoni, ir-risposti tal-Istati Membri għall-iskart tal-ikel ma kinux uniformi u, b'mod ġenerali, ma humiex suffiċjenti biex jindirizzaw il-problemi identifikati u l-konsegwenzi ambjentali, ekonomiċi u soċjali għall-konsumaturi, għall-intrapriżi u għas-soċjetà kollha kemm hi. Il-varjazzjoni fl-isforzi madwar l-Istati Membri fir-rigward tat-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel u l-livelli differenti tal-aspettattivi fir-rigward tal-kontribut tal-operaturi tan-negozji tal-ikel jindikaw il-ħtieġa ta' miżuri aktar koordinati u uniformi fil-livell tal-UE biex jixprunaw il-progress fid-daqs u l-pass meħtieġa biex tintlaħaq il-Mira 12.3 tal-SDG.

L-istabbiliment ta' miri legalment vinkolanti għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel li l-Istati Membri għandhom jilħqu sal-2030 huwa mistenni li jsaħħaħ l-isforzi biex jiġu identifikati u jiżdiedu strateġiji u inizjattivi effettivi kemm fl-Istati Membri kif ukoll madwarhom permezz ta': razzjonalizzazzjoni tal-kontribut tal-operaturi tan-negozji tal-ikel, b'mod partikolari fil-kuntest tal-ktajjen tal-provvista transfruntieri; għajnuna biex jiġi żgurat li l-fatturi ewlenin tal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel (tas-suq u tal-imġiba) jiġu indirizzati b'mod konsistenti u simultanju mill-Istati Membri kollha, f'konformità mal-azzjonijiet meħuda minn dawk – sa issa ftit - li qegħdin fuq quddiem; u l-aċċellerazzjoni tal-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali effettivi għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel permezz tat-tixrid ta' prattiki tajba u l-ingranaġġ ulterjuri tal-bażi ta' għarfien tal-UE relatata mal-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel.

L-istabbiliment ta' miri fil-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-iskart huwa strument ta' politika li jirrikjedi li l-Istati Membri jieħdu azzjoni filwaqt li jagħti flessibbiltà sħiħa fir-rigward tal-għażla tal-miżuri meħtieġa. L-Istati Membri jistgħu, għalhekk, jagħżlu l-istrumenti ta' politika li jkunu l-aktar effettivi u effiċjenti skont is-sitwazzjoni speċifika fit-territorji rispettivi tagħhom.

- **Proporzjonalità**

L-approċċ regolatorju tad-WFD li tarmonizza ċerti elementi tal-immaniġġar tal-iskart (definizzjonijiet, objettivi kwantitattivi jew kwalitattivi li joperazzjonalizzaw il-ġerarkija tal-iskart, il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, ir-rekwiżiti ta' rapportar) u tħalli lok għall-miżuri ta' implimentazzjoni nazzjonali u speċifiċi għall-post (ippjanar tal-immaniġġar tal-iskart u permess tal-iskart) huwa konsistenti ma' azzjoni fil-livell tal-UE limitata biss sa fejn ikun strettament meħtieġ.

Armonizzazzjoni akbar tal-approċċi għall-immaniġġar tal-iskart tat-tessuti f'termini ta' kamp ta' applikazzjoni tat-tessuti mmirati, ta' definizzjonijiet ċari, ta' rekwiżiti minimi dwar il-vjeġġi u tat-trattament għall-operazzjonalizzazzjoni tal-ġerarkija tal-iskart, tal-karatteristiċi

organizzazzjonali tas-sistemi ta' ġbir tat-tessuti u tal-kondiviżjoni tal-piżijiet tipprovdi ċertezza legali għall-azzjoni konċertata meħtieġa mill-partijiet interessati kkonċernati tul il-katina tal-valur tat-tessuti (l-Istati Membri, l-intrapriżi soċjali, dawk li jimmaniġġaw l-iskart, il-produtturi, atturi ekonomiċi oħra, iċ-ċittadini) biex jinvestu fl-iżvilupp tal-infrastruttura madwar l-UE biex jimmassimizzaw l-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ. Dawn l-operaturi jiksbu effiċjenzi ekonomiċi minħabba l-ekonomiji ta' skala u l-kostijiet aktar baxxi tal-konformità billi jkollhom jikkonformaw biss ma' approċċ regolatorju uniformi wieħed madwar l-UE kollha, li għalih hija meħtieġa azzjoni fil-livell tal-UE. Approċċ armonizzat biex titnaqqas id-diskrepanza fil-finanzjament permezz ta' regoli komuni dwar l-EPR filwaqt li jitnaqqsu ostakli regolatorji oħra li jxekklu uniformità akbar tal-iskart tat-tessuti għas-separazzjoni tal-inputs u l-outputs u l-vjeġġi bejn il-fruntieri tal-pajjiżi għas-separazzjoni, għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ, inaqqas b'mod konsiderevoli l-piżijiet ekonomiċi fuq l-industrija u l-SMEs, u b'hekk iżomm il-kompetittività tagħhom. Għandu jiġi nnotat ukoll li peress li s-settur tat-tessuti huwa 99 % magħmul minn SMEs, it-twettiq tar-responsabbiltajiet estiżi tal-produttur jiġi eżerċitat b'mod kollettiv permezz ta' organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jassumu r-responsabbiltà f'isimhom, li jnaqqas b'mod sinifikanti l-piż amministrattiv fuqhom. It-titjib ikkombinat tal-kwalità ambjentali jista' jitqies bħala kobenefiċċju importanti. Biex jitnaqqas aktar l-impatt fuq l-SMEs, il-mikrointrapriżi (sa 10 impjegati) – li jirrappreżentaw 88 % tal-kumpaniji kollha fis-settur – huma esklużi mir-responsabbiltà estiża tal-produttur, u dan jipprovdi tnaqqis importanti fil-piż amministrattiv u fl-impatt fuq l-SMEs.

Is-settur tat-tessuti huwa ddominat mill-SMEs. Il-mikrointrapriżi jkopru madwar 88 % tas-settur. Il-proposta hija mfassla speċifikament biex timminimizza l-impatti finanzjarji u amministrattivi fuq il-mikrointrapriżi, b'mod partikolari billi teskludi l-mikrointrapriżi kollha mill-EPR. L-SMEs kollha li jifdal (jiġifieri l-SMEs li ma humiex mikrointrapriżi) xorta jkunu koperti mill-EPR. Fl-istess ħin, l-appoġġ għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ jappoġġa wkoll lil dawk l-SMEs koperti mill-EPR (jiġifieri dawk li ma humiex mikrointrapriżi) meta mqabbel mal-i*status quo* billi jiżgura li jkun hemm aktar finanzjament disponibbli, u fis-suq ikun hemm disponibbli materja prima aktar stabbli ta' tessuti li jistgħu jerġgħu jintużaw u li jkunu riċiklabbli.

Għall-iskart tal-ikel, l-istabbiliment propost ta' miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel, ma jistabbilixxix miżuri ġodda fil-livell tal-UE. L-istabbiliment ta' miri jagħti lill-Istati Membri l-libertà fir-rigward tal-għażla tal-aktar miżuri effettivi, imfassla skont is-sitwazzjoni nazzjonali speċifika tagħhom. L-Istati Membri ma humiex obbligati jieħdu miżuri ġodda relatati mat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel għajr dawk diġà stabbiliti mid-WFD (jiġifieri t-tnaqqis tal-iskart tal-ikel f'kull stadju tal-katina tal-provvista tal-ikel, it-tħejjija ta' programmi għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel, l-implimentazzjoni ta' azzjonijiet relatati, il-monitoraġġ u r-rapportar dwar il-progress miksub). Barra minn hekk, l-Istati Membri diġà impenjaw ruħhom, mill-adozzjoni tal-Aġenda għall-Iżvilupp Sostenibbli fl-2015, li jieħdu azzjoni biex inaqqsu l-iskart tal-ikel sabiex jikkontribwixxu għall-Mira 12.3 tal-SDG, li hija *de facto* mira mhux vinkolanti u aspirattiva.

L-esperjenza minn pajjiżi ewlenin turi li l-miżuri implimentati mill-gvernijiet sa issa huma bbażati fuq l-involviment volontarju tal-atturi ekonomiċi fil-katina tal-provvista tal-ikel fi pjanijiet direzzjonali komuni li għandhom l-għan li jilħqu l-objettiv kondiviż ta' tnaqqis tal-iskart tal-ikel. L-assistenza finanzjarja (fil-forma ta' għotjiet għal azzjoni) bħalissa hija offruta fil-livell tal-UE, sabiex tappoġġa lill-partijiet ikkonċernati fit-teħid ta' passi konkreti biex jittejbu l-kejl u l-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel. L-għotjiet implimentati sa issa mill-Kummissjoni, fl-ambitu tal-Programm tas-Suq Uniku, kienu mmirati b'mod partikolari lejn l-

SMEs sabiex jindirizzaw il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom u jappoġġaw l-iżvilupp u t-tixrid tal-aħjar prattika.

L-iskambju ulterjuri tal-għarfien, tal-aħjar prattiki, tal-għodod, tal-linji gwida u tal-esperjenza se jkompli permezz tal-Pjattaforma tal-UE (inklużi s-sottogruppi tagħha) u s-sit web iddedikat (iċ-Ċentru tal-UE għall-Prevenzjoni tat-Telf u tal-Ħela tal-Ikel).

B'mod ġenerali, il-miżuri proposti ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ biex tiġi żgurata l-konformità regolatorja filwaqt li tiġi ggarantita l-protezzjoni tal-ambjent.

- **Għażla tal-istrument**

Fid-dawl tal-ispjegazzjonijiet ta' hawn fuq, l-emenda għad-WFD, Direttiva, hija l-istrument xieraq li għandu jintuża. Hija tippermetti l-armonizzazzjoni ta' ċerti elementi filwaqt li tħalli spazju lill-Istati Membri biex jakkomodaw l-ispeċifiċitajiet nazzjonali fit-traspożizzjoni tad-Direttiva.

Id-WFD hija l-uniku mezz legali biex jiġu rregolati l-prevenzjoni u l-immaniġġar tal-iskart tat-tessuti fl-UE u hija bbażata fuq l-Artikolu 192(1) tat-TFUE. Filwaqt li hemm diversi atti legali li jirregolaw il-prodotti tat-tessuti (eż. REACH, ir-Regolament dwar it-Tikkettar tat-Tessuti), id-WFD hija l-uniku strument legali li jirregola l-aspetti kollha tal-immaniġġar tal-iskart tat-tessuti, inklużi l-obbligi speċifiċi biex jiġu żgurati r-rekwiżiti tal-ġbir separat, tat-trattament u tar-rapportar.

L-iskart tal-ikel huwa ddefinit u rregolat wkoll fid-WFD. Filwaqt li għadd ta' miżuri individwali li jistgħu jgħinu biex jitnaqqas l-iskart tal-ikel huma rregolati fil-leġiżlazzjoni relatata mal-funzjonament tas-suq tal-ikel, mas-sikurezza tal-ikel jew mal-informazzjoni dwar l-ikel lill-konsumaturi fil-livell tal-Unjoni, il-qafas leġiżlattiv ġenerali għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel, inkluż il-monitoraġġ u r-rapportar dwar l-iskart tal-ikel li tirriżulta u l-ippjanar ta' programmi nazzjonali għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel, huwa parti mid-WFD.

## 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

- **Evalwazzjonijiet *ex post***

Ma saret l-ebda evalwazzjoni *ex post* peress li l-aħħar emenda tad-WFD saret biss fl-2018. Għalhekk kien ikun prematur li ssir evalwazzjoni *ex post* tal-emendi reċenti li saru li għad iridu jipproduċu l-effett sħiħ tagħhom. Barra minn hekk, id-WFD tipprevedi klawżoli speċifiċi ta' rieżami għal flussi speċifiċi tal-iskart li jirriżultaw f'analiżi tal-impatti tad-dispożizzjonijiet kurrenti.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

Il-metodu u l-istrateġija ta' konsultazzjoni ġew deskritti fis-Sejħa għal Evidenza (CfE) għal proposta dwar "L-impatt ambjentali tal-immaniġġar tal-iskart – reviżjoni tal-qafas tal-UE dwar l-iskart"[55] u l-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu (IIA) "Proposta għal reviżjoni tad-

[55] Il-Kummissjoni Ewropea, Semma' leħnek, Inizjattivi ppubblikati, L-impatt ambjentali tal-immaniġġar tal-iskart – reviżjoni tal-qafas tal-UE dwar l-iskart, https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13225-Environmental-impact-of-waste-management-revision-of-EU-waste-framework_mt

Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart – parti mill-mira għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel"[56]. Minħabba li ż-żewġ proposti għandhom l-għan li jemendaw l-istess att legali fl-ambitu tal-istess bażi legali, ġie deċiż li dawn jiġu fużi. Konsegwentement, il-konsultazzjoni pubblika miftuħa li saret f'Mejju-Awwissu 2022, kopriet iż-żewġ flussi tal-iskart.

*Skart tat-tessuti*

Bħala parti mis-sejħa għal evidenza, il-Kummissjoni rċeviet 197[57] tweġiba separata. Ir-rispondenti huma bbażati f'25 pajjiż differenti inklużi erba' pajjiżi mhux tal-UE: 65 fil-Belġju li jirriflettu l-għadd ta' assoċjazzjonijiet kummerċjali tal-industrija u organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) f'dak il-pajjiż, 23 fil-Ġermanja, 16 fi Franza, 14 fin-Netherlands u 12 fl-Italja.

Ir-riżultati tal-konsultazzjoni indikaw appoġġ ġenerali għall-ħtieġa li jittejjeb l-immaniġġar tat-tessuti f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, filwaqt li appellaw għal miżuri regolatorji li jindirizzaw il-fallimenti kurrenti tas-suq li jiffavorixxu r-rimi. Kien hemm appoġġ ġenerali għall-introduzzjoni tal-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur f'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, inkluż mill-industrija affettwata. Madankollu, dan kien akkumpanjat minn appell qawwi għall-armonizzazzjoni massima possibbli biex jiġi limitat l-impatt fuq l-industrija li hija ddominata mill-SMEs, b'mod partikolari, biex tiġi żgurata koerenza sħiħa mar-rekwiżiti tal-ekodisinn għall-prodotti tat-tessuti skont l-ESPR meta jiġu implimentati r-rekwiżiti ta' modulazzjoni tat-tariffi tal-EPR. Ir-rappreżentanti mill-industrija tar-riċiklaġġ fakkru li l-iskemi ta' riċiklaġġ assoċjati għat-tessuti jeħtieġu perjodi ta' tranżizzjoni xierqa biex jistabbilixxu l-kapaċità u s-sistemi ta' riċiklaġġ biex jiġu żgurati l-kwalitajiet tal-input. It-tfassil kurrenti tal-ħwejjeġ b'kompożizzjoni mħallta tat-tessuti jirrappreżenta sfida għar-riċiklaġġ, kif ukoll in-nuqqas ta' teknoloġiji u ta' kapaċitajiet ta' separazzjoni awtomatika meħtieġa għat-tħejjija tal-materja prima għar-riċiklaġġ. Il-partijiet ikkonċernati mill-qasam tal-użu mill-ġdid u tal-NGOs indikaw evidenza dwar kif il-ħwejjeġ użati jikkontribwixxu għat-tnaqqis tal-iskart tat-tessuti u li l-ġbir separat tat-tessuti użati u mhux biss tat-tessuti ta' iskart huwa essenzjali biex jiġi żgurat l-użu mill-ġdid. Ir-rappreżentanti tal-industrija tat-tessuti enfasizzaw ukoll il-benefiċċji soċjoekonomiċi u ambjentali ta' mudelli ta' negozju ċirkolari bħall-kiri tat-tessuti biex tiġi estiża l-ħajja tat-tessuti meta mqabbla mat-tessuti li jinxtraw. Il-partijiet ikkonċernati minn diversi gruppi ta' partijiet ikkonċernati enfasizzaw l-importanza li tiġi żgurata l-applikazzjoni armonizzata tat-tessuti ta' skart u tat-tessuti użati biex jiġu ffaċilitati l-movimenti transfruntiera ta' dawn il-materjali u biex jiġi indirizzat kwalunkwe vjeġġ illegali tal-iskart taparsi prodotti użati, b'mod partikolari biex jiġi indirizzat it-tħassib imqajjem minn xi partijiet ikkonċernati dwar it-trattament ambjentalment korrett tat-tessuti użati u tat-tessuti ta' skart esportati, b'mod partikolari, mhux separati. Appell qawwi simili minn grupp wiesa' ta' partijiet ikkonċernati kienu jikkonċernaw il-ħtieġa għall-armonizzazzjoni tad-definizzjonijiet tat-tessuti kif ukoll il-prodotti soġġetti għar-responsabbiltà estiża tal-produttur u l-karatteristiċi ewlenin tagħha, b'mod partikolari, biex jitnaqqas ir-riskju ta' frammentazzjoni tas-suq u leġiżlattiva u ta' piż amministrattiv fid-dawl tad-diversi pajjiżi li qed jikkunsidraw l-introduzzjoni ta' skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur.

[56] Il-Kummissjoni Ewropea, Semma' leħnek, Inizjattivi ppubblikati, Il-ħela tal-ikel – miri ta' tnaqqis, https://ec.europa.eu/info/law/better-regulation/have-your-say/initiatives/13223-Food-waste-reduction-targets_mt

[57] Fuq L-impatt ambjentali tal-immaniġġar tal-iskart – reviżjoni tal-qafas tal-UE dwar l-iskart (europa.eu) hemm indikat 198 minħabba li waħda hija duplikazzjoni mill-forum dwar id-WEEE.

Bejn l-24 ta' Mejju 2022 u l-24 ta' Awwissu 2022 infetħet konsultazzjoni pubblika biex tinġabar evidenza addizzjonali dwar il-linja bażi, jinstabu opinjonijiet u għarfien dwar il-kwistjonijiet relatati mal-iskart tat-tessuti, il-fattibbiltà u l-impatti possibbli ta' azzjonijiet alternattivi, jinġabru eżempji tal-aħjar prattiki u fehmiet dwar is-sussidjarjetà ta' azzjonijiet possibbli. B'kollox waslu 731 tweġiba valida[58]. Barra minn hekk, 207 rispondenti ppreżentaw kontribuzzjonijiet bil-miktub. Ir-rispondenti kienu fil-biċċa l-kbira organizzazzjonijiet tal-kumpaniji/tan-negozju u assoċjazzjonijiet tan-negozju (40 %, 299 tweġiba) u ċittadini tal-UE (36 %, 255 tweġiba). 94 % tar-rispondenti (693 tweġiba) huma bbażati fl-UE u l-biċċa l-kbira tagħhom huma bbażati fil-Belġju (16 %, 119-il tweġiba)[59], fil-Ġermanja (13 %, 96 tweġiba), fl-Italja (11 %, 82 tweġiba) u fi Franza (8 %, 63 tweġiba).

Huwa importanti li jiġi enfasizzat li l-iskart tat-tessuti huwa t-tip tal-iskart li jħasseb l-anqas lir-rispondenti kkonsultati, fejn dan ġie ddikjarat bħala tali biss minn 63 % tat-tħassib għall-kumpaniji u għall-assoċjazzjonijiet tan-negozju. Il-partijiet ikkonċernati l-oħra (iċ-ċittadini tal-UE, l-NGOs, u l-awtoritajiet pubbliċi) urew livelli akbar ta' tħassib fil-kwistjoni. Aktar minn nofs ir-rispondenti qablu jew qablu bis-sħiħ li kienu qed jipparteċipaw fil-ġbir separat tal-iskart tat-tessuti, b'differiment dwar ir-riżultati skont il-grupp tal-partijiet ikkonċernati li kienu jappartjenu għalih. Iċ-ċittadini tal-UE kienu fuq quddiem fil-ġbir tal-iskart tat-tessuti, segwiti mill-awtoritajiet pubbliċi; filwaqt li l-NGOs u l-kumpaniji u l-assoċjazzjonijiet tan-negozju kienu fl-aħħar pożizzjonijiet. Madankollu, 40 % biss tal-awtoritajiet pubbliċi, 32 % tal-kumpaniji u tal-assoċjazzjonijiet tan-negozju, 28 % taċ-ċittadini tal-UE u 24 % tal-NGOs qablu jew qablu bis-sħiħ (221 tweġiba) li kienu sodisfatti bis-sistema ta' ġbir tal-iskart li kien hemm fis-seħħ fejn kienu jgħixu biex jinġabar l-iskart tat-tessuti.

Kważi 30 dokument ta' pożizzjoni kienu jkopru l-qasam tal-iskart tat-tessuti, li madwar nofshom ġew minn SMEs jew minn organizzazzjonijiet li jirrappreżentawhom. L-SMEs irrimarkaw li bħalissa ma hemm l-ebda pjan fuq skala kbira biex jiġi pproċessat l-iskart tat-tessuti. Huma enfasizzaw il-ħtieġa li jiġu promossi tessuti durabbli u ta' kwalità għolja, jittejjeb l-użu mill-ġdid tagħhom, kull fejn ikun possibbli jitħejjew għall-użu mill-ġdid u tiżdied infrastruttura suffiċjenti għas-separazzjoni għall-użu mill-ġdid, għar-riċiklaġġ u għall-ipproċessar. Huma rrakkomandaw ukoll li għandhom iseħħu bidliet fix-xejriet tad-disinn u l-konsum tat-tessuti, li l-ammont tal-iskart tat-tessuti għandu jitnaqqas permezz ta' politiki ambizzjużi dwar l-iskart. L-istess punti dwar id-durabbiltà u l-użu mill-ġdid tat-tessuti, kif ukoll dwar il-kapaċità ta' separazzjoni u ta' riċiklaġġ ġew kondiviżi mill-industrija tar-riċiklaġġ li nnotat ukoll li għandhom jiġu żviluppati l-ktajjen tal-valur tat-tessuti ċirkolari u soċjali.

Fost ir-rakkomandazzjonijiet kien hemm il-ħtieġa li jiġu stabbiliti miri kwantitattivi għall-użu mill-ġdid u għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid u li jittejbu s-sistemi tal-ġbir separat. L-SMEs innotaw li l-iskemi tal-EPR għandhom jinfurzaw il-ġerarkija tal-iskart billi jistabbilixxu miri kwantitattivi għall-prevenzjoni u għat-tħejjija tal-iskart għall-użu mill-ġdid, jiżguraw l-ekomodulazzjoni tat-tariffi u l-kompetizzjoni ġusta fis-swieq tar-riċiklaġġ, jagħtu aċċess għall-fluss tal-iskart lill-operaturi tat-tħejjija għall-użu mill-ġdid, filwaqt li jinvolvu wkoll lill-intrapriżi soċjali bħala partijiet ikkonċernati ewlenin fl-iżvilupp, fil-governanza u fil-funzjonament ta' dawn l-iskemi. Huma sostnew ukoll il-konsistenza ma' inizjattivi regolatorji oħra, bħall-ESPR u d-WSR u l-armonizzazzjoni tal-kriterji għat-tmiem tal-istatus tal-iskart fil-

58 Il-kontribuzzjonijiet kollha li waslu tqiesu bħala validi.

59 L-għadd kbir ta' rispondenti mill-Belġju huwa preżunt li jirriżulta mill-fatt li Brussell tospita ħafna mill-organizzazzjonijiet li jirrappreżentaw gruppi differenti ta' interess quddiem l-Istituzzjonijiet tal-UE, bħall-assoċjazzjonijiet tal-industrija, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u tal-konsumaturi eċċ.

livell tal-UE, li ġiet approvata wkoll mill-industrija tar-riċiklaġġ. L-SMEs indikaw ukoll il-ħtieġa ta' gwida biex jinkisbu livelli għoljin ta' ġbir separat tat-tessuti u li s-separazzjoni u l-ipproċessar minn qabel tal-fibri maturi huma kritiċi biex jiġi skalat ir-riċiklaġġ tal-iskart ta' wara l-konsum. Xi dokumenti ta' pożizzjoni jirriflettu dwar id-definizzjoni armonizzata tal-iskart tat-tessuti.

Barra minn hekk, saru intervisti mal-partijiet ikkonċernati. F'April u f'Mejju 2022 ġew organizzati intervisti ma' partijiet ikkonċernati magħżula minn fost il-gruppi kollha tal-partijiet ikkonċernati li għall-ewwel iffokaw primarjament fuq kamp ta' applikazzjoni aktar wiesa' u mbagħad aktar tard iffokaw fuq it-tessuti użati u fuq l-iskart tat-tessuti. Saru 27 intervista individwali / intervista ta' wieħed ma' grupp fir-rigward tal-identifikazzjoni tal-problemi, tal-kamp ta' applikazzjoni tal-objettivi u tal-ġbir tal-evidenza fir-rigward tal-impatti tal-għażliet u tal-miżuri. Skont il-partijiet ikkonċernati, il-qafas tal-EPR għall-UE kollha għandu jinkludi elementi speċifiċi sabiex ikun effiċjenti. Il-miżuri dwar l-użu mill-ġdid, it-tiswija u l-ġbir separat jeħtieġ li jinkludu miri infurzabbli u vinkolanti biex jistimulaw lill-produtturi jagħmlu t-tranżizzjoni għaċ-ċirkolarità. Fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni tal-inizjattiva, uħud mill-partijiet ikkonċernati ssuġġerew li l-ġbir għandu jinkludi l-iskart tat-tessuti ġġenerat mill-unitajiet domestiċi u l-professjonisti li huwa komparabbli ma' tessuti tad-dar bħall-ħwejjeġ, it-tessuti tad-dar u ta' ġewwa, il-basktijiet magħmulin mit-tessuti u l-aċċessorji tat-tessuti; madankollu, huma qajmu tħassib dwar ix-xedd tas-saqajn u t-tessuti tekniċi. Huma ssuġġerew ukoll li l-ewwel jiġi limitat il-kamp ta' applikazzjoni u li dan jiġi estiż maż-żmien meta l-infrastruttura tkun fis-seħħ u li jintużaw il-kodiċijiet NM tat-Tariffi Doganali biex jiġu definiti t-tessuti koperti mill-iskema tal-EPR issuġġerita.

Il-partijiet ikkonċernati esprimew fehmiet differenti dwar il-kwistjoni tal-gwida. F'termini ta' miri, il-partijiet ikkonċernati rrakkomandaw li għandhom jiġu żviluppati miri b'żieda gradwali fil-livell tal-ambizzjoni tagħhom maż-żmien, skont il-livelli tal-konsum, kif ukoll miri infurzabbli għat-tnaqqis tar-riżorsi għall-produzzjoni tat-tessuti, pereżempju mira għall-kontenut riċiklat. Huma enfasizzaw ukoll il-fatt li kwalunkwe mira għandha tiġi kkombinata mal-espansjoni tat-teknoloġiji tar-riċiklaġġ fl-Istati Membri u li l-miri tal-użu mill-ġdid għandhom jiżguraw li l-użu mill-ġdid ikun fil-fatt qiegħed iseħħ. Huma nnotaw li huwa importanti li jitqies li l-miri għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ tal-iskart tat-tessuti għandhom ikunu bbażati fuq il-ġerarkija tal-iskart.

Il-konsultazzjoni mmirata għat-tessuti użati u għall-iskart tat-tessuti ħadet il-forma ta' erba' workshops virtwali għall-partijiet ikkonċernati bl-użu ta' diskussjonijiet fi grupp wieħed sħiħ kif ukoll fi gruppi iżgħar u l-użu ta' white boards diġitali. Barra minn hekk, intużaw laqgħa tal-Grupp ta' Esperti dwar id-WFD (l-Istati Membri), intervisti u konferenza dwar il-futur tal-Ewropa biex tinkiseb evidenza aktar immirata.

L-informazzjoni miġbura matul il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati għenet biex tinforma d-definizzjoni tal-problemi u liema għażliet ta' politika wieħed għandu jiffoka fuqhom.

*Skart tal-ikel*

Fil-kuntest tal-Valutazzjoni tal-Impatt tal-Bidu, waslu 85 kontribuzzjoni minn rispondenti fi 17-il Stat Membru u 2 pajjiżi terzi (ir-Renju Unit u l-Istati Uniti). Il-biċċa l-kbira tal-kontribuzzjonijiet kienu minn assoċjazzjonijiet tan-negozju (27), segwiti minn NGOs (18, li minnhom 12 b'fokus ambjentali), minn kumpaniji (11), minn ċittadini tal-UE (9), minn

organizzazzjonijiet tal-konsumaturi (4) u dawk ambjentali (3). Sitt awtoritajiet pubbliċi (inklużi 3 Stati Membri) ipprovdew input permezz tal-mekkaniżmu ta' feedback.

B'mod ġenerali, il-partijiet ikkonċernati esprimew appoġġ għall-inizjattiva leġiżlattiva tal-UE, meqjusa bħala essenzjali sabiex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku tan-newtralità klimatika u t-tranżizzjoni lejn sistemi tal-ikel sostenibbli kif mitlub mill-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt. Il-biċċa l-kbira tal-partijiet ikkonċernati jaffermaw li l-miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel għandhom ikopru l-katina kollha tal-provvista (u b'hekk jirriflettu approċċ integrat tas-sistemi tal-ikel), bil-mira futura tal-UE f'konformità mal-Mira 12.3 tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG). Filwaqt li xi rispondenti tal-industrija (prinċipalment mis-setturi tal-produzzjoni primarja u tal-ipproċessar) jippreferu mira ffukata biss fuq il-bejgħ bl-imnut u l-konsum, partijiet ikkonċernati oħra tal-industrija u organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) jargumentaw għal approċċ olistiku biex jiġu żgurati r-responsabbiltà u l-akkontabilità kondiviżi tal-atturi kollha. Diversi partijiet ikkonċernati jenfasizzaw il-ħtieġa ta' bażi ta' evidenza soda għall-istabbiliment tal-miri kif ukoll ta' linja bażi li tirrikonoxxi l-isforzi ta' dawk li jiksbu riżultati kmieni. Madwar terz tal-kontribuzzjonijiet li waslu talbu azzjonijiet ambizzjużi u livell ta' mira avvanzat (50 %), inklużi kważi l-NGOs kollha; min-naħa l-oħra, it-tliet kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri ssuġġerew li l-għażliet bażiċi jew medji huma aktar realistiċi. Xi partijiet ikkonċernati (minn NGOs ambjentali u tal-konsumatur kif ukoll) l-intrapriżi soċjali jitolbu, barra minn hekk, l-integrazzjoni tat-telf tal-ikel fl-azjendi agrikoli fil-proposta leġiżlattiva futura, filwaqt li l-produtturi primarji jargumentaw li dan it-telf ma jistax jiġi indirizzat (għal raġunijiet kemm legali kif ukoll operazzjonali). Fl-aħħar nett, ħafna partijiet ikkonċernati jappellaw għall-koerenza fil-politiki u l-ħtieġa li tinbena kultura ta' valur tal-ikel sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet sistemiċi marbuta mas-sistemi tal-ikel.

Il-konsultazzjoni pubblika, li kienet miftuħa mill-24 ta' Mejju 2022 sal-24 ta' Awwissu 2022 kopriet kemm l-iskart tat-tessuti kif ukoll l-iskart tal-ikel. Fir-rigward tat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel, il-partijiet ikkonċernati fil-gruppi kollha qablu jew qablu bis-sħiħ (aktar minn 90 %) mal-benefiċċji li jinkisbu mit-tnaqqis tal-iskart tal-ikel, bl-aktar ħaġa importanti li tkun li dan "jgħin biex jitnaqqsu l-impatti ambjentali" u li "jgħin biex jiġi mitigat it-tibdil fil-klima". Ir-rispondenti identifikaw l-atturi ewlenin li jeħtieġ li jieħdu aktar azzjoni biex inaqqsu l-iskart tal-ikel bħall-konsumaturi, il-bejjiegħa bl-imnut u d-distributuri l-oħra, il-manifatturi tal-ikel, u s-servizzi tal-ospitalità u tal-ikel. Ir-rispondenti nnotaw li l-aktar sfidi importanti għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel jikkonċernaw il-ħtieġa li l-konsumaturi jadottaw drawwiet ġodda, bħal ħiliet imtejba ta' ġestjoni tal-ikel, segwiti mill-ħtieġa li n-negozji jintegraw il-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel fl-operazzjonijiet tagħhom. L-iżgurar li tittieħed azzjoni suffiċjenti bil-pass meħtieġ biex jintlaħqu l-impenji globali biex l-iskart tal-ikel titnaqqas bin-nofs sal-2030 tqies aktar importanti mill-awtoritajiet pubbliċi milli minn gruppi oħra. Fir-rigward tal-miżuri possibbli tal-UE biex tittejjeb il-prevenzjoni tal-iskart, 74 % tar-rispondenti (488 tweġiba) qablu jew qablu bis-sħiħ mal-istabbiliment ta' miri legalment vinkolanti għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel, b'appoġġ saħansitra akbar espress mill-awtoritajiet pubbliċi (86 %, 25 tweġiba).

53 dokument ta' pożizzjoni, li waslu permezz tal-konsultazzjoni pubblika, ffukaw fuq l-iskart tal-ikel jew kienu jinkludu kunsiderazzjonijiet dwar dan is-suġġett. Waslu 26 dokument li kienu jinkludu kummenti dwar l-iskart tal-ikel minn assoċjazzjonijiet tan-negozju, 12 minn organizzazzjonijiet mingħajr skop ta' qligħ, 8 minn kumpaniji u 7 minn awtoritajiet pubbliċi. Il-biċċa l-kbira tad-dokumenti ta' pożizzjoni esprimew qbil dwar l-istabbiliment ta' miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel, b'10 dokumenti li sostnew il-ħtieġa ta' miri ambizzjużi (tnaqqis ta' 50 %) u 18 kienu favur l-applikazzjoni ta' miri fl-istadji kollha tal-katina tal-provvista.

Madankollu, żewġ organizzazzjonijiet tan-negozju ma qablux dwar l-istabbiliment ta' miri fl-istadju primarju tal-produzzjoni, minħabba l-iżbilanċ tal-poter fil-katina tal-provvista u d-dinamika tas-suq li ma jistgħux jiġu kkontrollati mill-bdiewa. Diversi dokumenti enfasizzaw l-importanza li jiġu prijoritizzati dawk l-azzjonijiet bl-akbar impatt ambjentali jew klimatiku u ġie sottolinjat ukoll ir-rwol tal-imballaġġ fil-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel, prinċipalment mill-assoċjazzjonijiet tan-negozju. Fir-rigward tal-azzjonijiet u l-inizjattivi ta' politika li l-UE għandha tieħu, ir-regoli dwar l-immarkar tad-data u l-azzjonijiet relatati mas-sensibilizzazzjoni u mal-edukazzjoni kienu l-aktar imsemmija, b'xi wħud jirreferu wkoll għal sistemi mtejba ta' monitoraġġ u wieħed jissuġġerixxi li jiġu pprovduti inċentivi fiskali għad-donazzjonijiet tal-ikel. Il-koerenza tal-politiki bejn l-iskart tal-ikel u politiki relatati oħra (eż., it-tikkettar, l-azzjoni klimatika, il-Politika Agrikola Komuni) kienet irrakkomandata wkoll minn xi partijiet ikkonċernati.

Il-ġbir tad-*data* dwar l-inizjattivi għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel twettaq permezz ta' żewġ stħarriġiet mibgħuta lill-esperti tal-Istati Membri u lill-partijiet ikkonċernati fil-katina tal-valur tal-ikel. Iż-żewġ stħarriġiet kellhom l-għan li jiġbru *data* kwantitattiva dwar il-kostijiet tal-inizjattivi għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel u l-ammonti tal-iskart tal-ikel evitati. Barra minn hekk, saru erba' intervisti ma' partijiet ikkonċernati magħżula li wieġbu għall-istħarriġ (żewġ kumpaniji, organizzazzjoni mingħajr skop ta' qligħ u awtorità pubblika) sabiex tinġabar *data* u għarfien addizzjonali dwar l-inizjattivi tagħhom u/jew biex tiġi ċċarata l-informazzjoni pprovduta permezz tal-istħarriġ.

Fl-aħħar nett, saru laqgħat ta' konsultazzjoni mmirati mal-Pjattaforma tal-UE dwar l-FLW f'erba' okkażjonijiet. Il-Pjattaforma tal-UE dwar l-FLW tinkludi organizzazzjonijiet internazzjonali, istituzzjonijiet tal-UE, esperti tal-Istati Membri u partijiet ikkonċernati mill-katina tal-provvista tal-ikel inklużi l-bdiewa, l-industrija, NGOs ambjentali, tal-konsumatur u oħra (inklużi l-banek tal-ikel u organizzazzjonijiet oħra tal-karità). L-organizzazzjonijiet tas-settur privat fil-katina tal-valur tal-ikel jirrappreżentaw lill-SMEs għas-settur speċifiku tal-attività tagħhom (eż., il-manifattura tal-ikel, il-bejgħ bl-imnut, is-servizzi tal-ikel, eċċ.)

L-aktar kwistjonijiet frekwenti mqajma mill-partijiet ikkonċernati kienu jikkonsistu fl-inklużjoni tal-istadji kollha tal-katina tal-provvista tal-ikel fil-kamp ta' applikazzjoni tal-miri, b'uħud jenfasizzaw l-importanza tal-monitoraġġ u l-integrazzjoni tat-telf tal-ikel fl-azjenda agrikola, qabel il-ħsad; l-importanza li titqies is-sikurezza tal-ikel u tal-għalf (espressa b'mod speċjali minn organizzazzjonijiet tas-settur privat); it-tħassib dwar l-għażla tal-2020 bħala linja bażi għall-istabbiliment tal-miri minħabba l-impatt tal-COVID-19 (sottolinjat minn xi Stati Membri u NGOs); il-possibbiltà li ssir distinzjoni u li jitqies iskart tal-ikel li jittiekel u li ma jittikilx (imsemmija mill-organizzazzjonijiet tas-settur privat); u l-possibbiltà li jitqiesu r-riżultati diġà miksuba mill-Istati Membri meta tiġi stabbilita l-linja bażi (sottolinjata mill-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet tas-settur privat).

Fil-kuntest tal-finalizzazzjoni tal-valutazzjoni tal-impatt, il-Kummissjoni sejħet ukoll laqgħa tal-Grupp ta' Esperti tal-Istati Membri dwar it-Telf tal-Ikel u l-Ħela tal-Ikel (7 ta' Marzu 2023) u laqgħa konġunta tal-Pjattaforma tal-UE dwar il-FLW u l-Grupp Konsultattiv dwar is-Sostenibbiltà tas-Sistemi tal-Ikel (13 ta' Marzu 2023). Il-kwistjonijiet imsemmija hawn fuq ġew imtennija, u ġie pprovdut aktar feedback dwar il-konsiderazzjoni ta' għażliet ta' politika differenti għall-istabbiliment tal-miri.

L-informazzjoni miġbura matul il-konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati msemmija hawn fuq għenet biex tikkontribwixxi għad-definizzjoni tal-għażliet ta' politika, b'mod partikolari li l-miri ma jkunux limitati għall-istadji tal-konsum u tal-bejgħ bl-imnut iżda li

jkopru l-katina tal-provvista tal-ikel b'mod aktar wiesa'. Id-*data* dwar il-kostijiet tal-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel miġbura permezz tal-istħarriġ għall-partijiet ikkonċernati wriet varjabbiltà għolja u kienet ġeneralment ogħla mill-valuri misjuba fil-letteratura. Għalhekk, dawn ma ntużawx direttament fil-mudell biex jiġu kkalkulati l-impatti makroekonomiċi tal-miri.

*Panel taċ-Ċittadini*

Bħala segwitu għall-Konferenza dwar il-futur tal-Ewropa, il-Kummissjoni ħabbret "ġenerazzjoni ġdida" ta' panels taċ-ċittadini biex tikkonsulta ċittadini magħżula b'mod aleatorju qabel ċerti proposti ewlenin fil-livell Ewropew. L-iskart intgħażel fost l-ewwel tliet suġġetti li għandhom jiġu indirizzati miċ-ċittadini (flimkien mad-dinjiet virtwali u l-mobbiltà għat-tagħlim), u l-panel tlaqqa' għal tliet sessjonijiet li saru minn Diċembru 2022 sa Frar 2023. Għalkemm il-Panel taċ-Ċittadini ma kienx parti mill-attivitajiet ta' konsultazzjoni organizzati għall-fini tat-tħejjija tal-proposta legali, ir-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini[60] se jkomplu jappoġġaw il-ħidma tal-Kummissjoni relatata mal-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel u ġew ikkunsidrati fit-tħejjija ta' din il-proposta leġiżlattiva. Ir-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini se jservu wkoll bħala gwida biex jgħinu lill-Istati Membri jilħqu l-miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel f'din il-proposta.

It-23 rakkomandazzjoni ppreżentati miċ-ċittadini jenfasizzaw il-ħtieġa li jittieħed approċċ wiesa' tas-sistemi tal-ikel, billi jiġu involuti l-atturi kollha u tissaħħaħ il-kollaborazzjoni tul il-katina tal-provvista tal-ikel. Dan l-approċċ komprensiv huwa ppreżentat fit-tliet suġġetti indirizzati mir-rakkomandazzjonijiet tal-panel: 1) Kooperazzjoni fil-katina tal-valur tal-ikel: mill-għalqa sal-platt; 2) Inizjattivi tan-negozji tal-ikel; u 3) Appoġġ għall-bidla fl-imġiba tal-konsumatur.

Ir-rakkomandazzjonijiet taċ-ċittadini jirriflettu t-tliet linji ta' azzjoni ewlenin, li jeħtieġ li jitwettqu mill-Istati Membri sabiex jitħaffef it-tnaqqis tal-iskart tal-ikel fil-livell nazzjonali u jintlaħqu l-miri futuri. Il-qafas regolatorju ġenerali tal-UE għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel stabbilit fid-WFD kif ukoll il-miżuri ta' appoġġ meħuda fil-livell tal-UE se jinsiltu wkoll mir-rakkomandazzjonijiet u se jappoġġaw lill-Istati Membri biex jilħqu l-miri futuri.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

*Skart tat-tessuti*

Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka pprovda inputs xjentifiċi kruċjali matul l-istadji kollha tal-valutazzjoni tal-impatt, inkluż billi rrieżamina d-dokumenti u ppubblika evidenza dwar il-kwistjoni[61]:

Il-Kummissjoni akkwistat studju estern biex tappoġġa din il-valutazzjoni tal-impatt tal-għażliet ta' politika għal reviżjoni tad-WFD fl-2023 – Kuntratt Speċifiku Nru 090202/2021/861277/ENV. B.3. Dan kien appoġġat ukoll minn diversi studji tal-esperti u ta' assistenza teknika elenkati fl-Anness għall-Valutazzjoni tal-Impatt.

*Skart tal-ikel*

---

[60] Il-Panel taċ-Ċittadini Ewropej dwar il-Ħela tal-Ikel, *Rakkomandazzjonijiet Finali*, Frar 2023

[61] Il-Kummissjoni Ewropea, Ċentru Konġunt tar-Riċerka. Circular economy perspectives in the EU Textile sector. 2021 u l-Kummissjoni Ewropea, Ċentru Konġunt tar-Riċerka. Techno-scientific assessment of the management options for used and waste textiles. 2023 (qed jiġi żviluppat).

Minbarra l-IIA, il-konsultazzjonijiet pubbliċi u mmirati deskritti hawn fuq, il-valutazzjoni tal-impatt fil-qasam tal-iskart tal-ikel kienet appoġġata mill-għarfien espert li ġej:

– Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka pprovda inputs xjentifiċi kruċjali billi ħejja żewġ rapporti b'analiżi li jappoġġaw l-iżvilupp tal-valutazzjoni tal-impatt tar-reviżjoni tad-WFD, b'mod partikolari dwar il-fattibbiltà li jiġu stabbiliti miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel:

  – Il-Kummissjoni Ewropea, Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka: Setting the scene for an EU initiative on food waste reduction targets, 2023[62]

  – Il-Kummissjoni Ewropea, Iċ-Ċentru Konġunt tar-Riċerka: Assessing the economic, social and environmental impacts of food waste reduction targets. A model-based analysis, 2023[63]

– Fil-25 ta' Ottubru 2022, il-Eurostat ippubblika l-ewwel monitoraġġ statistiku ddedikat għan dan dwar tal-ammont ta' skart tal-ikel fl-Unjoni Ewropea, appoġġat bi spjegazzjonijiet addizzjonali dwar id-*data* tal-ammonti ta' skart tal-ikel fl-UE. Id-deskrizzjoni u l-interpretazzjoni tad-*data* kif ukoll il-metodoloġija jinsabu fil-paġna web Eurostat Statistics Explained iddedikata għall-iskart tal-ikel[64]. Id-*data* ġiet aġġornata l-aħħar f'Marzu 2023.

• **Valutazzjoni tal-impatt**

Il-proposta hija akkumpanjata minn valutazzjoni tal-impatt. Il-valutazzjoni tal-impatt tipprovdi fil-biċċa l-kbira żewġ taqsimiet awtonomi li jkopru separatament l-iskart tal-ikel u l-iskart tat-tessuti, peress li ż-żewġ suġġetti f'termini tal-problemi indirizzati, tal-objettivi stabbiliti u tal-għażliet identifikati għandhom speċifiċitajiet differenti li ma setgħux jiġu indirizzati bl-istess approċċ.

Wara li ġew indirizzati l-kummenti tal-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju fl-opinjoni negattiva inizjali tiegħu tas-17 ta' Marzu 2023 u wara li saru l-modifiki u ż-żidiet meħtieġa, il-valutazzjoni tal-impatt irċeviet opinjoni pożittiva b'riżervi fis-26 ta' Mejju 2023.

Il-kummenti dettaljati mill-Bord tal-Iskrutinju Regolatorju u kif dawn ġew ikkunsidrati jistgħu jinstabu fit-Tabella 1 fl-Anness I tal-Valutazzjoni tal-Impatt li takkumpanja din il-proposta.

Il-valutazzjoni tal-impatt ġabret il-miżuri kollha possibbli għall-analiżi, abbażi tal-inputs riċevuti minn konsulent estern, workshops tal-partijiet ikkonċernati, konsultazzjoni pubblika online u intervisti mmirati. Il-miżuri varjati, kumplessi u spiss interrelatati ġew raggruppati taħt tliet għażliet ta' politika, li huma mqabbla ma' xenarju ta' żamma tal-istatus quo.

It-tliet għażliet ta' politika għat-tessuti jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

---

62 De Laurentiis, V, Mancini, L, Casonato, C, Boysen-Urban, K, De Jong, B, M'Barek, R, Sanyé Mengual, E, Sala, S. *Setting the scene for an EU initiative on food waste reduction targets*. L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2023, doi: 10.2760/13859, JRC133967.

63 De Jong B, Boysen-Urban K, De Laurentiis V, Philippidis G, Bartelings H, Mancini L, Biganzoli F, Sanyé Mengual E, Sala S, Lasarte-López J, Rokicki B, M'barek R. *Assessing the economic, social and environmental impacts of food waste reduction targets. A model-based analysis.* L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, il-Lussemburgu, 2023, doi:10.2760/77251, JRC133971.

64 https://ec.europa.eu/eurostat/statistics-explained/index.php?title=Food_waste_and_food_waste_prevention_-_estimates. Il-bażi tad-*data* tista' tinstab taħt il-kodiċi ( env_wasfw ) fuq is-sit web tal-Eurostat)

– Għażla 1 – Tappoġġa lill-Istati Membri fl-implimentazzjoni u fl-infurzar tad-dispożizzjonijiet attwali permezz ta' applikazzjoni aktar armonizzata tad-definizzjonijiet, ta' approċċi għall-ġbir separat u ta' attribuzzjoni tar-responsabbiltà għall-immaniġġar tal-iskart permezz tal-adozzjoni ta' gwida, ta' rakkomandazzjonijiet u ta' eżerċizzju mhux vinkolanti tal-mandati eżistenti tal-Kummissjoni għal-leġiżlazzjoni sekondarja, li jtejbu l-pjattaformi attwali tal-partijiet ikkonċernati għall-gwida u għall-iskambju tal-aħjar prattiki. Din l-għażla tindirizza l-fatturi ewlenin kollha tal-problemi u ż-żewġ objettivi speċifiċi għalkemm b'impatt x'aktarx imnaqqas minħabba n-natura tal-miżuri li hija limitata għal strumenti mhux vinkolanti

– Għażla 2 – Tistabbilixxi rekwiżiti regolatorji vinkolanti addizzjonali biex tittejjeb il-prestazzjoni tal-immaniġġar tal-iskart f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart permezz ta' emenda mmirata tad-WFD. Il-fini tal-emendi huwa li jinħolqu obbligi operattivi ġodda fuq l-Istati Membri, fuq il-produtturi tat-tessuti u fuq l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart. Dawn jiċċaraw u jarmonizzaw id-definizzjonijiet fil-livell tal-UE, jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi ta' rapportar eżistenti biex itejbu r-robustezza tad-*data*, jiċċaraw il-kamp ta' applikazzjoni tal-obbligi ta' ġbir separat, u jintroduċu obbligi operazzjonali ġodda għall-operaturi tal-iskart biex jiżguraw is-separazzjoni għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ. Il-miżura ewlenija ta' din l-għażla qed tintroduċi mandat għall-Istati Membri biex jistabbilixxu skemi nazzjonali tal-EPR għat-tessuti u jarmonizzaw il-kamp ta' applikazzjoni, l-objettivi u l-karatteristiċi organizzattivi u operazzjonali ewlenin tagħha. Din l-għażla tindirizza l-fatturi ewlenin kollha tal-problemi u ż-żewġ objettivi speċifiċi

– Għażla 3 – Preskrizzjoni ta' miri ta' prestazzjoni għall-immaniġġar tal-iskart fil-livell tal-UE. Din l-għażla tinvolvi emenda għad-WFD li tistabbilixxi miri ta' prestazzjoni vinkolanti għall-immaniġġar tal-iskart li joperazzjonalizzaw il-ġerarkija tal-iskart għall-Istati Membri u għall-operaturi ekonomiċi. L-armonizzazzjoni tal-kampijiet ta' azzjoni u tad-definizzjonijiet tkun integrali għad-definizzjoni tal-mira fid-WFD u fl-atti ta' implimentazzjoni sussegwenti li jiddefinixxu regoli aktar dettaljati dwar il-metodoloġija ta' kalkolu għal kull mira. Din l-għażla tindirizza ż-żewġ objettivi speċifiċi u l-fatturi ewlenin kollha tal-problemi, għalkemm ma twassalx għal livell ta' armonizzazzjoni kif previst fl-Għażla 2 peress li tħalli d-deċiżjonijiet dwar il-mezzi biex jintlaħqu l-livelli ta' prestazzjoni f'idejn l-Istati Membri. Peress li d-*data* attwali dwar il-ġenerazzjoni tal-iskart tat-tessuti ma hijiex robusta biżżejjed, li huwa parzjalment dovut għall-fehim frammentat ta' jekk it-tessuti miġbura humiex skart u l-kamp ta' applikazzjoni tat-tessuti koperti mill-implimentazzjoni tal-Istati Membri, il-Valutazzjoni tal-Impatt tispjega l-fattibbiltà tal-mekkaniżmu li bih jistgħu jiġu stabbiliti miri fil-futur u l-impatti ta' dak il-proċess (u mhux il-livelli reali tal-miri). Fir-rigward tal-istabbiliment tal-mira għall-ġbir, qed tiġi ppreżentata valutazzjoni aktar dettaljata bbażata fuq mira *interim* ta' ambizzjoni medja. Il-Miżura 3.6 b'mod speċifiku hija dwar l-istabbiliment tal-mira ta' ġbir ta' 50 % għat-tessuti: L-ilħuq tal-mira jtejjeb ir-rata tal-ġbir separat għat-tessuti u b'hekk iżżid ir-rati tal-użu mill-ġdid, ir-rati tar-riċiklaġġ u tnaqqas ir-rati tar-rimi, iżda timponi wkoll piż amministrattiv u l-obbligu ta' ġbir separat eżistenti tal-2025 jista' jkollu effett simili fuq ir-rata tal-ġbir separat. Hemm ukoll eteroġeneità kbira fir-rati mbassra madwar l-Istati Membri, li tista' tagħmilha diffiċli biex tiġi stabbilita mira f'dan l-istadju.

L-impatti fuq l-SMEs huma vvalutati bħala parti mill-proċess ta' valutazzjoni tal-impatt. Il-filtru tal-SMEs identifika din l-inizjattiva bħala li għandha impatt globali għoli fuq l-SMEs.

Id-diversi kategoriji ta' SMEs huma identifikati tul il-katina tal-valur tat-tessuti bħala bażi għall-proċess ta' valutazzjoni tal-impatt.

88 % tal-kumpaniji tat-tessuti huma mikrointrapriżi (0-9 impjegati), 12 % huma SMEs oħra (10-249 impjegat) u ż-0,3 % li jifdal huma kumpaniji kbar (aktar minn 250 impjegat). L-SMEs kienu involuti tajjeb ħafna fil-konsultazzjoni pubblika kif ukoll fil-proċessi ta' konsultazzjoni mmirati. 320 rispondent għall-konsultazzjoni pubblika kienu SMEs meta mqabbla ma' 138 kumpanija kbar. Fost il-kategoriji "negozji/kumpaniji" u "assoċjazzjoni tan-negozju", aħna rċevejna 200 tweġiba minn SMEs meta mqabbla ma' 99 minn negozji kbar. Barra minn hekk, l-assoċjazzjonijiet tan-negozju kbar li esprimew fehmiet dettaljati huma fil-biċċa l-kbira magħmula minn membri tal-SMEs rappreżentattivi tal-kompożizzjoni tas-settur tat-tessuti fl-istadji tal-manifattura u tal-bejgħ bl-imnut u tal-immaniġġar tal-iskart. `

B'mod ġenerali, l-SMEs indikaw fid-dokumenti ta' pożizzjoni tagħhom li bħalissa ma hemm l-ebda pjan fuq skala kbira biex jiġi pproċessat l-iskart. Il-biċċa l-kbira tagħhom qablu li x-xejriet tad-disinn u tal-konsum tal-produzzjoni tat-tessuti jridu jinbidlu, li jwassal għall-produzzjoni ta' tessuti ta' kwalità ogħla li jistgħu jdumu aktar. Huma enfasizzaw ukoll l-importanza li tingħata prijorità lill-prevenzjoni u lill-użu mill-ġdid tal-iskart u l-ħtieġa li jiġu stabbiliti miri għall-użu mill-ġdid u għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid, kif ukoll li jittejbu s-sistemi ta' ġbir separat. Fir-rigward tal-EPR, il-punti ewlenin kienu li jiġi żgurat li l-iskemi tal-EPR jinfurzaw il-ġerarkija tal-iskart billi jistabbilixxu miri kwantitattivi għall-prevenzjoni tal-iskart u għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid, jiżguraw approċċ armonizzat għall-ekomodulazzjoni tat-tariffi tal-EPR u għall-kompetizzjoni ġusta fis-swieq tar-riċiklaġġ, jagħtu aċċess għall-fluss tal-iskart lill-operaturi tat-tħejjija għall-użu mill-ġdid, filwaqt li jinvolvu wkoll lill-intrapriżi soċjali bħala partijiet ikkonċernati ewlenin fl-iżvilupp, fil-governanza u fil-funzjonament ta' dawn l-iskemi. Barra minn hekk, ġiet sostnuta l-armonizzazzjoni fil-livell tal-UE tal-kriterji għat-tmiem tal-istatus tal-iskart li kienet approvata wkoll mill-industrija tar-riċiklaġġ, kif ukoll l-assigurazzjoni tal-konsistenza ma' inizjattivi regolatorji oħra, bħall-ESPR u d-WSR. Barra minn hekk, huma rrimarkaw li hija meħtieġa gwida biex jinkisbu livelli għoljin ta' ġbir separat tal-iskart tat-tessuti, filwaqt li l-maturazzjoni tas-separazzjoni u tal-ipproċessar minn qabel tal-fibri huma kritiċi biex jiġi skalat ir-riċiklaġġ tal-iskart ta' wara l-konsum. Uħud minnhom irriflettew dwar il-ħtieġa ta' definizzjoni armonizzata tal-iskart tat-tessuti.

Minbarra l-ġbir ta' evidenza tal-partijiet ikkonċernati dwar l-impatti potenzjali fuq l-SMEs, saret valutazzjoni addizzjonali bl-użu ta' *data* mill-Eurostat dwar il-kompożizzjoni, il-fatturat u l-firxa tal-SMEs sabiex jiġu identifikati dawk l-impatti li jkollhom impatt sinifikanti fuq dawn l-intrapriżi. L-istudju tal-konsulent qies l-impatti speċifiċi fuq l-SMEs għal kull miżura. F'dan ir-rigward, il-miżuri taħt l-Għażla 1 x'aktarx li ma jpoġġu l-ebda piż amministrattiv sinifikanti fuq l-SMEs, filwaqt li fl-istess ħin il-miżuri għandhom jissimplifikaw l-obbligi imposti fuq l-SMEs billi jallinjaw il-kamp ta' applikazzjoni tat-tessuti. Il-pjattaforma ta' gwida u ta' appoġġ prevista taħt din l-għażla jkun ikollha l-akbar impatti fuq l-SMEs b'mod ġenerali. Il-miżuri taħt l-Għażla 2 u 3 huma mistennija li jkollhom kostijiet addizzjonali żgħar fuq l-SMEs. L-aktar miżura oneruża li tikkunsidra l-applikazzjoni ta' skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur (il-miżura 2.9) tindirizza lill-SMEs minħabba li l-maġġoranza tal-produtturi huma SMEs. Barra minn hekk, l-obbligi ta' rapportar kienu mmirati biex jiġu riveduti l-obbligi eżistenti l-ewwel nett biex dawn isiru aktar adatti għall-fini tagħhom u tittejjeb l-bażi tal-għarfien għas-settur tat-tessuti b'mod ġenerali.

Biex tiġi evitata l-applikazzjoni tal-piżijiet amministrattivi u tal-konformità mhux meħtieġa, il-valutazzjoni tal-impatt tipproponi, u t-test legali jeskludi l-mikrointrapriżi u s-settur tal-użu

mill-ġdid mill-kamp ta' applikazzjoni tal-EPR. L-atturi tal-użu mill-ġdid li jintroduċu fis-suq kemm prodotti ġodda kif ukoll prodotti użati, jintalbu jagħtu rendikont u jirrappurtaw biss il-ġodda. Il-konsegwenza ta' dawn l-esklużjonijiet tkun żieda żgħira fil-kostijiet applikabbli għall-intrapriżi b'aktar minn 10 impjegati, b'dawk ta' aktar minn 250 impjegat jiffaċċjaw l-akbar piżijiet addizzjonali.

L-impatti fuq il-kompetittività ġew ivvalutati b'mod kwantitattiv, fejn possibbli, b'kunsiderazzjoni tal-impatti fuq tipi differenti ta' kompetittività[65]. Il-kompetittività tal-prezzijiet għandha l-għan li tirrifletti l-impatti relattivi tal-prezzijiet li l-kumpaniji jew il-gruppi ta' kumpaniji jistgħu jistabbilixxu f'suq. Il-kompetittività dinamika tirreferi għall-impatti fuq ir-riċerka u l-innovazzjoni li jippermettu ż-żamma jew it-titjib tal-pożizzjoni tal-kompetittività tal-kumpaniji maż-żmien. Il-kompetittività strateġika tirreferi għall-ħila tal-kumpaniji li jissodisfaw parzjalment id-domanda tagħhom għall-materja prima jew għall-prodotti permezz ta' tessuti użati mill-ġdid jew riċiklati fl-UE. L-impatti fuq il-kompetittività huma jew pożittivi jew newtrali.

Għall-iskart tal-ikel, l-għażliet ta' politika ffukaw fuq diversi tipi, livelli u kamp ta' applikazzjoni tal-miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel li għandhom jintlaħqu sal-2030, li jistgħu jinġabru fil-qosor kif ġej:

L-**Għażla 1** hija bbażata fuq il-miri minimi eżaminati fil-proposta tal-2014 għar-reviżjoni tad-WFD[66].

– Mira għall-produzzjoni primarja – l-ebda mira,
– Mira għall-ipproċessar u l-manifattura – 10 %,
– Mira għall-istadji tal-bejgħ bl-imnut u tal-konsum – 15 %

L-**Għażla 2** hija varjant aktar ambizzjuż bil-mira massima eżaminata fl-2014 għall-istadji tal-bejgħ bl-imnut u tal-konsum.

– Mira għall-produzzjoni primarja – l-ebda mira%,
– Mira għall-ipproċessar u l-manifattura – 10 %,
– Mira għall-istadji tal-bejgħ bl-imnut u tal-konsum – 30 %

L-**Għażla 3** tirrifletti l-miri stabbiliti msemmija fil-Mira 12.3 tal-SDG u l-impenn addizzjonali li sar mill-Koalizzjoni "L-ikel qatt mhu ħela" fis-Summit tan-NU dwar is-Sistemi tal-Ikel tal-2021.

– Mira għall-produzzjoni primarja – 10 %,
– Mira għall-ipproċessar u l-manifattura – 25 %,
– Mira għall-istadji tal-bejgħ bl-imnut u tal-konsum – 50 %

---

65 Għal ħarsa ġenerali lejn il-kanali li permezz tagħhom l-ekonomija ċirkolari tħalli impatt fuq il-kompetittività, jekk jogħġbok ara Flachenecker, F. (2018) The causal impact of material productivity on macroeconomic competitiveness in the EU. *Environmental Economics and Policy Studies* 20, 17–46. https://doi.org/10.1007/s10018-016-0180-3 u Flachenecker, F., Kornejew, M. (2019) The causal impact of material productivity on microeconomic competitiveness and environmental performance in the EU. *Environmental Economics and Policy Studies* 21, 87–122. https://doi.org/10.1007/s10018-018-0223-z

66 COM/2014/0397 final

L-Għażliet 1 sa 3 jikkonsistu f'miri legalment vinkolanti, jiġifieri huma soġġetti għal rapportar annwali u, jekk il-miri ma jintlaħqux, dawn jistgħu jiġu infurzati permezz ta' proċeduri ta' ksur.

L-**Għażla 4** tirrifletti l-istabbiliment ta' mira volontarja fil-livell tal-impenn tal-SDG 12.3 fir-rigward tal-istadji tal-bejgħ bl-imnut u tal-konsum (jiġifieri tnaqqis ta' 50 %), mingħajr l-ebda impenn numeriku meħud għall-istadji preċedenti. Din l-għażla ma tkunx soġġetta għal mekkaniżmi ta' infurzar għajr ir-rapportar annwali tal-livelli tal-iskart tal-ikel.

L-analiżi tal-impatti wriet li l-għażliet kollha jwasslu għal benefiċċji ambjentali sinifikanti. Id-daqs tal-benefiċċji jiżdied mal-kamp ta' applikazzjoni u mal-livell tal-miri, mill-Għażla 1 sal-Għażla 3. Il-benefiċċji jkunu l-aktar baxxi għall-Għażla 4. Il-gwadann prinċipali jiġi mit-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra (madankollu dan ivarja b'mod sinifikanti skont l-approċċ metodoloġiku). Impatti ambjentali oħra kkunsidrati għal din il-valutazzjoni tal-impatt – l-użu tal-art, l-ewtrofikazzjoni tal-baħar u l-użu tal-ilma – juru xejra simili għall-impatti, jiġifieri li d-daqs tal-benefiċċji jiżdied mal-firxa u l-livell tal-miri.

Fir-rigward tal-impatti ekonomiċi – it-tnaqqis tal-iskart tal-ikel huwa mistenni li jnaqqas id-domanda għall-ikel li min-naħa tagħha tista' twassal għal impatti negattivi marġinali fuq is-settur tal-produzzjoni tal-ikel (-3,6 % fl-aktar suppożizzjoni pessimista) u pożittivi fuq setturi oħra, li jirriżultaw f'bilanċ ġenerali kemxejn pożittiv (sa EUR 2,3 biljun).

L-impatti soċjali kwantifikabbli huma marbuta ferm mal-impatti ekonomiċi u juru xejra simili. Akbar ma jkun it-tnaqqis tal-iskart tal-ikel, aktar titjieb il-prestazzjoni tal-għażliet f'termini ta' affordabbiltà tal-ikel u ta' ffrankar tal-unitajiet domestiċi. Min-naħa l-oħra, id-daqs tal-impatti negattivi fuq l-impjiegi fis-settur agroalimentari jiżdied mill-Għażla 1 sal-Għażla 3, li, madankollu, huma mistennija li jiġu kkumpensati permezz ta' profili ta' impjiegi ġodda fis-settur tal-ikel u żidiet f'setturi ekonomiċi oħra.

L-impatt fuq l-SMEs huwa mistenni li jkun limitat. L-inizjattiva tiffoka fuq l-istabbiliment ta' miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel għall-Istati Membri u mhux se tapplika għal negozji individwali. Filwaqt li l-awtoritajiet tal-Istati Membri huma probabbli li se jinvolvu ruħhom mal-atturi kollha fil-katina tal-provvista tal-ikel, l-azzjonijiet osservati sa issa f'pajjiżi li ħadu azzjonijiet koordinati biex inaqqsu l-iskart tal-ikel jiffukaw fuq negozji akbar u fuq miżuri volontarji li jinkoraġġixxu l-involviment fil-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel appoġġati minn finanzjament tal-gvern. Fil-proċess ta' konsultazzjoni, l-SMEs ma stennewx problemi kkawżati direttament minn din l-inizjattiva, għalkemm baqgħu kawti dwar l-azzjoni ta' implimentazzjoni futura potenzjali mill-Istati Membri.

*Għażliet ippreferuti*

Abbażi tal-valutazzjonijiet ta' kif l-għażliet jikkontribwixxu għaż-żewġ objettivi ewlenin, fuq il-bilanċ bejn l-impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali, u fuq il-kostijiet u l-benefiċċji totali fejn dawn jistgħu jiġu kkalkulati, l-għażla ppreferuta għall-Kummissjoni hija l-Għażla 2. Madankollu, l-istabbiliment ta' mira għall-ġbir tal-iskart tat-tessuti (il-miżura 3.6) jista' jitqies ukoll li jikkomplementa l-miżuri fl-Għażla 2. Il-miżura 3.6 tista' għalhekk tkun ukoll parti mill-għażla ppreferuta. F'dan l-istadju ma jistgħux jiġu stabbiliti miri oħra għall-immaniġġar tal-iskart tat-tessuti minħabba n-nuqqas ta' *data* kompluta u robusta.

Il-Valutazzjoni tal-Impatt tikkonkludi li l-istabbiliment ta' mira ta' 50 % għall-ġbir separat għat-tessuti jiffaċilita l-azzjoni konċertata tad-diversi operaturi tal-katina tal-valur tat-tessuti, operaturi tal-użu mill-ġdid u operaturi tal-immaniġġar tal-iskart biex jiġi żgurat it-trattament

tat-tessuti f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart, billi tingħata prijorità lill-użu mill-ġdid u lir-riċiklaġġ mill-fibra għall-fibra. Hija tikkonkludi wkoll li din il-mira jista' jkollha bżonn tiġi kkunsidrata bir-reqqa fid-dawl tal-varjazzjonijiet kbar kurrenti fir-rati ta' ġbir separat madwar l-UE u tal-obbligu ġenerali fid-WFD li dan l-iskart għandu jinġabar separatament. Fid-dawl ta' dawk il-kunsiderazzjonijiet, kif ukoll ir-regoli msaħħa dwar l-organizzazzjoni tal-ġbir separat permezz tal-EPR u tal-objettiv li jitnaqqas il-piż amministrattiv, l-għażla ppreferuta riflessa fil-proposta leġiżlattiva ma tinkludix il-mira għall-ġbir separat.

Fil-qasam tal-iskart tal-ikel, wara tqabbil tal-impatti ekonomiċi, ambjentali u soċjali, iżda wkoll il-fattibbiltà teknika tal-għażliet proposti, l-għażla ppreferuta hija l-Għażla 2. Din l-għażla hija mistennija li tkun effettiva biex tipprovdi impuls ta' politika qawwi għall-Istati Membri biex jieħdu azzjoni biex inaqqsu l-iskart tal-ikel fil-livell nazzjonali u jiksbu kisbiet ambjentali sostanzjali, filwaqt li tkun proporzjonata u fattibbli. L-istabbiliment ta' miri legalment vinkolanti għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel għandu għalhekk isegwi approċċ gradwali, li jibda b'livell li jkun aktar baxx minn dak stabbilit skont l-SDG, bil-għan li jiġi żgurat rispons konsistenti tal-Istati Membri u progress tanġibbli lejn il-Mira 12.3. Rieżami *interim* tal-progress magħmul mill-Istati Membri, ibbażat fuq il-monitoraġġ annwali tal-livelli ta' skart tal-ikel, jippermetti aġġustament possibbli tal-miri fid-dawl tat-tisħiħ tal-kontribut tal-Unjoni u tal-allinjament ulterjuri mal-Mira 12.3 tal-SDG kif ukoll tal-għoti ta' direzzjoni għal aktar progress lil hinn mill-2030.

- **Idoneità regolatorja u simplifikazzjoni**

Il-miżuri proposti għandhom livelli differenti ta' piż amministrattiv, li prinċipalment jirriżultaw mill-monitoraġġ u mir-rapportar dwar il-konformità, kemm għall-awtoritajiet pubbliċi kif ukoll għan-negozji. Fl-istess ħin, din il-proposta tagħmel użu sħiħ mid-diġitalizzazzjoni biex tnaqqas il-piż amministrattiv.

Il-miri proposti dwar it-tnaqqis tal-iskart tal-ikel huma bbażati fuq il-miżuri diġà inklużi fid-WFD, u għalhekk ma joħolqu l-ebda piż amministrattiv addizzjonali.

| Għażla kkombinata ppreferuta | Deskrizzjoni tal-impatt | Bilanċ globali |
|---|---|---|
| **Għażla 2 - Rekwiżiti regolatorji addizzjonali + mira għat-tessuti (il-miżura 3.6)**<br><br>**KIF UKOLL**<br><br>**Għażla 2 għall-miri tat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel** | **Kostijiet ekonomiċi**<br>• EUR 913-il miljun fis-sena għall-obbligi ta' separazzjoni<br>• Kostijiet tal-iżvilupp tar-reġistri ta' EUR 2-12,3-il miljun madwar l-Istati Membri u kostijiet tal-manutenzjoni ta' EUR 11 200 u 69 000 għal kull Stat Membru fis-sena<br>• EUR 7,79 miljun fis-sena għall-produtturi biex jirrapportaw għall-finijiet tal-EPR<br>• EUR 4,04 miljun ta' kostijiet għat-tħaddim tar-reġistri PRO u l-ispezzjonijiet<br>• EUR 39,2 miljun fis-sena għall-ġbir, għas-separazzjoni u għat-trattament addizzjonali tat-tessuti biex tintlaħaq il-mira ta' ġbir ta' 50 %<br>• EUR 208 għal kull awtorità kompetenti u EUR 78 għal kull esportatur annwalizzati għal kull spezzjoni<br>• EUR 750 000 fis-sena għall-intrapriżi tal-UE biex jikkonformaw mal-obbligi tar-rapportar tal-UE<br>• EUR 26,5 miljun telf tat-taxxa tal-landfills għall-Istati Membri minħabba t-tessuti ddevjati mil-landfills<br>• Tnaqqis fid-domanda għall-ikel ta' 4,2 % u bidla fil-valur tal-produzzjoni agroalimentari ta' -1,8 % flimkien ma' tnaqqis | **Kostijiet**:<br>EUR 975 miljun (dawn il-kostijiet jistgħu jaqgħu fuq il-konsumaturi, il-produtturi jew taħlita tat-tnejn).<br><br>Valur miżjud globali għall-ekonomija tal-UE mit-tnaqqis tal-iskart tal-ikel ta' EUR 1,6 biljun (0,016 %)<br><br>**Benefiċċji**:<br>Benefiċċji diretti ta' EUR 656 miljun ta' tessuti li jistgħu jerġgħu jintużaw u li huma riċiklabbli għas-suq tal-użu mill-ġdid u tar- |

| | | |
|---|---|---|
| | fil-prezzijiet tas-suq ta' bejn 0,1 u 2,6 %<br>• Tnaqqis fl-introjtu tal-azjendi agrikoli ta' EUR 4,2 biljun fis-sena<br><br>Il-kostijiet totali tal-aġġustament għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel għall-atturi fil-katina alimentari - EUR 2 biljun [EUR 41/tunnellata ta' skart tal-ikel evitata]<br><br>**Benefiċċji ekonomiċi għas-settur tat-tessuti**<br>• EPR: EUR 3,5-4,5 biljun ta' redditi globali annwali fuq l-investiment fir-riċiklaġġ (inklużi l-benefiċċji indikati għall-miżuri l-oħra)<br>• Separazzjoni addizzjonali: EUR 534 miljun fis-sena ta' valur tal-użu mill-ġdid u EUR 94 miljun fis-sena ta' valur tar-riċiklaġġ<br>• Ġbir addizzjonali**:** EUR 28 miljun fis-sena ta' valur ikkombinat tal-użu mill-ġdid u tar-riċiklaġġ<br><br>**Benefiċċji ekonomiċi għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel**<br>• valur miżjud globali għall-ekonomija tal-UE ta' EUR 1,6 biljun (inklużi l-kostijiet imsemmija hawn fuq)<br>• iffrankar fin-nefqa domestika fuq l-ikel ta' EUR 439 fis-sena għal kull unità domestika (4 persuni)<br><br>**Benefiċċji ambjentali**<br>• EUR 16-il miljun mit-tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-iskart tat-tessuti kif ukoll tnaqqis fir-rilaxx ta' sustanzi niġġiesa fl-arja, fl-ilma u fl-art li kieku jirriżultaw minn immaniġġar ħażin tal-iskart.<br>• 3,9 (fl-UE) u 12,6 (barra mill-UE)-il miljun tunnellata ta' tnaqqis fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra (inkluż l-effett ta' rikorrenza) **JEW** 62 miljun tunnellata ta' gassijiet serra evitati (mingħajr ma jingħadd l-effett ta' rikorrenza)<br>• tnaqqis fir-rilaxx ta' sustanzi niġġiesa fl-arja, fl-ilma u fl-art li kieku jirriżulta minn immaniġġar ħażin tal-iskart<br>• Tnaqqis fl-impatt fuq l-użu tal-art ta' 2,2 Triljun Pt,<br>• tnaqqis fl-ewtrofikazzjoni tal-baħar ta' 532 miljun kg ta' Neq<br>• tnaqqis fl-iskarsezza tal-ilma ta' 80 biljun m3 fis-sena.<br>• **Iffrankar ambjentali globali monetizzat - EUR 9-23 biljun**<br><br>**Benefiċċji soċjali**<br>• 8 740 impjieg maħluqa fir-rigward tat-tessuti u tal-impatti soċjali tal-iskart tal-UE f'pajjiżi terzi mitigati (l-ebda valutazzjoni tal-impatt nett; ara l-Anness 4 għad-dettalji u s-suppożizzjonijiet sottostanti)<br>• Sa 135 000 impjieg mitlufa fis-setturi agroalimentari (mistennija li jiġu kkumpensati f'setturi oħra) | riċiklaġġ tal-UE kif ukoll appoġġ għal redditi globali annwali ta' EUR 3,5-4,5 biljun mill-investimenti fl-EPR.<br><br>Iffrankar fin-nefqa domestika fuq l-ikel ta' EUR 439 fis-sena għal kull unità domestika (4 persuni)<br><br>Tnaqqis addizzjonali fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ugwali għal EUR 16-il miljun fis-sena mit-tessuti u tnaqqis addizzjonali fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra ugwali għal 62 miljun tunnellata fis-sena (iffrankar ambjentali globali monetizzat - EUR 9-23 biljun),<br><br>8 740 impjieg maħluqa fl-immaniġġar tal-iskart iżda sa 135 000 mitlufa fis-setturi agroalimentari (mistennija li jiġu kkumpensati f'setturi oħra)<br><br>**Effettività, effiċjenza u koerenza globali**: pożittiv |

- **Drittijiet fundamentali**

Il-proposta ma għandha l-ebda konsegwenza għall-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Id-dikjarazzjoni finanzjarja inkluża turi l-implikazzjonijiet baġitarji dettaljati u r-riżorsi umani u amministrattivi meħtieġa minn din il-proposta.

Il-Kummissjoni Ewropea, u b'mod aktar speċifiku d-Direttorati Ġenerali għall-Ambjent (DĠ ENV) u għas-Saħħa u s-Sikurezza Alimentari (DĠ SANTE), se jkunu responsabbli għan-negozjar tad-Direttiva permezz tal-proċedura regolari ta' kodeċiżjoni, kif ukoll għall-implimentazzjoni ġenerali tagħha u għall-adozzjoni tal-atti ta' implimentazzjoni u dawk

delegati kollha previsti fiha. Direttorati Ġenerali u aġenziji oħra li se jipprovdu input jinkludu d-DĠ Ċentru Konġunt tar-Riċerka (JRC) u l-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (EEA).

Għad-DĠ Ambjent, is-simulazzjonijiet finanzjarji kurrenti huma bbażati fuq 0,75 FTE (AD) eżistenti għall-proċess u għall-implimentazzjoni tal-kodeċiżjonijiet kif ukoll fuq 3,0 aġenti kuntrattwali FTE ġodda għall-implimentazzjoni teknika tal-iżvilupp tal-atti ta' implimentazzjoni previsti.

Għad-DĠ SANTE, is-simulazzjonijiet finanzjarji huma bbażati fuq 0,5 FTE (AD) eżistenti għall-proċess ta' kodeċiżjoni u għall-monitoraġġ tal-implimentazzjoni fl-Istati Membri.

Il-kostijiet għall-persunal tal-Kummissjoni jammontaw għal total ta' EUR 2 033 000 abbażi tal-aħħar skali tas-salarji, li huma disponibbli pubblikament.

## 5. ELEMENTI OĦRA

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rapportar**

Il-proposta tinkludi diversi dispożizzjonijiet biex jittejjeb il-monitoraġġ. L-Anness 14 tal-Valutazzjoni tal-Impatt jiddeskrivi fid-dettall l-għodod ta' monitoraġġ u evalwazzjoni. L-impatt tal-għażla ta' politika ppreferuta fil-kisba tal-objettivi biex jitnaqqsu l-iskart tat-tessuti u l-ġenerazzjoni tal-iskart residwu tat-tessuti jiġi mmonitorjat permezz tal-indikaturi u tal-miri stabbiliti fil-miżura 3.6. u abbażi tal-flussi mtejba tad-*data* dwar it-tessuti bħala riżultat tal-miżura 2.14. Din tal-aħħar se tippermetti wkoll li jiġu stabbiliti aktar miri ta' prestazzjoni li bħalissa huma vvalutati bħala mhux fattibbli taħt l-għażla 3. Il-monitoraġġ huwa bbażat fuq id-*data* annwali dwar it-tessuti mħejjija għall-użu mill-ġdid fl-ambitu tal-iskemi tal-EPR (il-miżura 2.14 u ara l-Anness 10 għad-dettalji).

Fil-każ tal-iskart tal-ikel, il-monitoraġġ se jibbaża fuq l-obbligi ta' rapportar eżistenti, jiġifieri r-rapportar annwali mill-Istati Membri tal-ammonti li jinħolqu ta' skart tal-ikel (l-Artikolu 37(3) tad-WFD) u r-rieżami biennali tal-progress fl-implimentazzjoni tal-programmi għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent (l-Artikolu 30 tad-WFD).

- **Spjegazzjoni fid-dettall tad-dispożizzjonijiet speċifiċi tal-proposta**

L-Artikolu 1 jistabbilixxi l-emendi għad-WFD, b'mod partikolari l-Artikoli li ġejjin ta' dik id-Direttiva:

L-Artikolu 2(1)(a) jistabbilixxi l-kamp ta' applikazzjoni rivedut tal-esklużjoni mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva għall-effluwenti gassużi emessi fl-atmosfera u d-diossidu tal-karbonju maqbud u ttrasportat għall-finijiet tal-ħżin ġeoloġiku u maħżun ġeoloġikament.

L-Artikolu 3 jistabbilixxi d-definizzjonijiet ġodda għal "produttur ta' prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc", "tqegħid fis-suq", "organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi", "pjattaforma online" u "konsumatur".

L-Artikolu 9a jistabbilixxi r-rekwiżiti fir-rigward tal-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri biex jipprevjenu l-iskart tal-ikel fir-rigward tal-appoġġ għall-bidla fl-imġiba u l-kooperazzjoni fil-katina tal-provvista (1) u jiddefinixxi l-miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri sal-2030 (4).

L-Artikolu 22a jistabbilixxi r-rekwiżiti fir-rigward tal-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri biex jintroduċu skema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għat-tessuti, għall-prodotti relatati mat-tessuti u għall-prodotti ta' xedd is-saqajn u regoli armonizzati għall-applikazzjoni tagħha, inkluż dwar il-prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni tagħha u l-kamp ta' applikazzjoni tar-responsabbiltà finanzjarja tal-produtturi.

L-Artikolu 22b jistabbilixxi r-rekwiżiti fir-rigward tal-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri għall-istabbiliment tar-reġistru tal-produtturi tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn biex jiġu implimentati l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur.

L-Artikolu 22c jistabbilixxi r-rekwiżiti fir-rigward tal-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri għall-istabbiliment u r-responsabbiltajiet għall-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għat-tessuti.

L-Artikolu 22d jistabbilixxi r-rekwiżiti fir-rigward tal-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri għall-immaniġġar tal-iskart tat-tessuti.

L-Artikolu 29a jistabbilixxi l-obbligi fir-rigward tal-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri biex jirrieżaminaw u jadattaw il-programmi tagħhom għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel bil-għan li jintlaħqu l-miri ta' tnaqqis (1) u biex jinnominaw l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-koordinazzjoni tal-miżuri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel (2).

L-Artikolu 37 jistabbilixxi r-rekwiżiti ta' rapportar fir-rigward tal-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri fir-rigward tat-tessuti u bidla fir-rekwiżiti ta' rapportar tal-Istati Membri fir-rigward tal-fluss tad-*data* dwar l-użu mill-ġdid tal-prodotti lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

L-Artikolu 2 jistabbilixxi t-traspożizzjoni tal-emendi għad-Direttiva.

L-Artikolu 3 jistabbilixxi d-dħul fis-seħħ tal-emendi għad-Direttiva.

L-Artikolu 4 jistabbilixxi d-destinatarji tal-emendi għad-Direttiva.

2023/0234 (COD)

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea u, b'mod partikolari l-Artikolu 192(1) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Wara li l-abbozz tal-att leġiżlattiv intbagħat lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[1],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[2],

Filwaqt li jaġixxu skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja,

Billi:

(1) Il-Patt Ekoloġiku Ewropew u l-Pjan ta' Azzjoni dwar l-Ekonomija Ċirkolari[3] jitolbu azzjoni msaħħa u aċċellerata tal-Unjoni u tal-Istati Membri biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà ambjentali u soċjali tas-setturi tat-tessuti u tal-ikel peress li dawn jirrappreżentaw setturi mill-aktar intensivi fl-użu tar-riżorsi li jikkawżaw esternalitajiet ambjentali negattivi sinifikanti. F'dawk is-setturi, il-lakuni finanzjarji u teknoloġiċi jxekklu l-progress lejn it-tranżizzjoni għal ekonomija ċirkolari u d-dekarbonizzazzjoni. Is-setturi tal-ikel u tat-tessuti huma l-aktar u r-raba' l-aktar setturi intensivi fl-użu tar-riżorsi rispettivament[4] u ma jikkonformawx bis-sħiħ mal-prinċipji fundamentali tal-UE dwar l-immaniġġar tal-iskart stabbiliti fil-ġerarkija tal-iskart li tirrikjedi l-prijoritizzazzjoni tal-prevenzjoni tal-iskart segwita mit-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ. Dawn l-isfidi jirrikjedu soluzzjonijiet sistemiċi b'approċċ ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja.

(2) Skont l-Istrateġija tal-UE għal Tessuti Sostenibbli u Ċirkolari[5]", huma meħtieġa bidliet importanti biex nitbiegħdu mill-mod lineari prevalenti bħalissa, li bih il-prodotti tat-tessuti jitfasslu, jiġu prodotti, jintużaw u jiġu skartati, bi ħtieġa partikolari li tiġi limitata l-moda mgħaġġla. Dik l-Istrateġija tqis li huwa importanti li l-produtturi jkunu responsabbli għall-iskart li joħolqu l-prodotti tagħhom u tirreferi għall-istabbiliment ta' regoli armonizzati tal-Unjoni dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur għat-tessuti b'ekomodulazzjoni tat-tariffi. Hija tistipula li l-objettiv ewlieni ta' dawn ir-

---

[1] ĠU C , , p. .
[2] ĠU C , , p. .
[3] COM(2020)98 final tal-11 ta' Marzu 2020.
[4] Perkorsi ta' Tranżizzjoni tal-UE (europa.eu)
[5] COM(2022)141 final tat-30 ta' Marzu 2022.

regoli huwa li tinħoloq ekonomija għall-ġbir, is-separazzjoni, l-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, u li l-produtturi jiġu inċentivati jiżguraw li l-prodotti tagħhom ikunu mfassla b'rispett għall-prinċipji taċ-ċirkolarità. Għal dak il-għan, hija tipprevedi li sehem notevoli mill-kontribuzzjonijiet magħmula mill-produtturi għall-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għandhom ikunu ddedikati għall-miżuri ta' prevenzjoni tal-iskart u għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid. Hija tappoġġa wkoll il-ħtieġa ta' approċċi msaħħa u aktar innovattivi għall-ġestjoni sostenibbli tar-riżorsi bijoloġiċi biex jiżdiedu ċ-ċirkolarità u l-valorizzazzjoni tal-iskart tal-ikel u l-użu mill-ġdid tat-tessuti b'bażi bijoloġika.

(3) Wara li kkunsidraw l-effetti negattivi tal-iskart tal-ikel, l-Istati Membri impenjaw ruħhom li jieħdu miżuri biex jippromwovu l-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-iskart tal-ikel f'konformità mal-Aġenda 2030 għall-Iżvilupp Sostenibbli, adottata mill-Assemblea Ġenerali tan-Nazzjonijiet Uniti (NU) fil-25 ta' Settembru 2015, u b'mod partikolari l-mira tagħha li jitnaqqas bin-nofs l-iskart globali tal-ikel *per capita* fil-livelli tal-bejgħ bl-imnut u tal-konsumatur u jitnaqqas it-telf tal-ikel tul il-ktajjen tal-produzzjoni u tal-provvista, inkluż it-telf ta' wara l-ħsad, sal-2030. Dawk il-miżuri kellhom l-għan li jipprevjenu u jnaqqsu l-iskart tal-ikel fil-produzzjoni primarja, fl-ipproċessar u fil-manifattura, fil-bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni oħra tal-ikel, fir-ristoranti u fis-servizzi tal-ikel kif ukoll fl-unitajiet domestiċi.

(4) Bħala segwitu għall-Konferenza dwar il-Futur tal-Ewropa, il-Kummissjoni impenjat ruħha li tippermetti lill-panels taċ-ċittadini jiddeliberaw u jagħmlu rakkomandazzjonijiet qabel ċerti proposti ewlenin. F'dan il-kuntest, ġie mlaqqa' panel taċ-Ċittadini Ewropej, minn Diċembru 2022 sa Frar 2023 biex jelabora lista ta' rakkomandazzjonijiet[6] dwar kif jistgħu jiżdiedu l-azzjonijiet biex jitnaqqas l-iskart tal-ikel fl-Unjoni. Peress li l-unitajiet domestiċi huma responsabbli għal aktar minn nofs l-iskart tal-ikel iġġenerat fl-Unjoni, l-għarfien taċ-ċittadini dwar il-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel huwa partikolarment rilevanti. Iċ-ċittadini rrakkomandaw tliet linji ta' azzjoni prinċipali inkluż it-tisħiħ tal-kooperazzjoni fil-katina tal-valur tal-ikel, inizjattivi tan-negozji tal-ikel u appoġġ għall-bidla fl-imġiba tal-konsumatur. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-panel se jkomplu jappoġġaw il-programm ta' ħidma ġenerali tal-Kummissjoni relatat mal-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel u jistgħu jservu ta' gwida biex jgħinu lill-Istati Membri jilħqu l-miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel.

(5) Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[7] eskludiet mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[8] id-diossidu tal-karbonju maqbud u ttrasportat għall-finijiet ta' ħżin ġeoloġiku u maħżun ġeoloġikament skont ir-rekwiżiti tad-Direttiva 2006/12/KE. Madankollu, id-dispożizzjoni fid-Direttiva 2009/31/KE li temenda d-Direttiva 2006/12/KE ma ġietx inkorporata fid-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[9], li ħassret id-Direttiva 2006/12/KE. Għalhekk, għall-finijiet li tiġi żgurata ċ-ċertezza legali, din id-Direttiva tinkorpora l-emendi tad-Direttiva 2009/31/KE dwar l-esklużjoni tad-diossidu tal-karbonju maqbud u ttrasportat għall-finijiet tal-ħżin ġeoloġiku u maħżun ġeoloġikament, mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2008/98/KE.

[6] Għal-lista sħiħa ta' rakkomandazzjonijiet, ara l-Anness 16 tar-Rapport tal-Valutazzjoni tal-Impatt.
[7] ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114.
[8] ĠU L 114, 27.4.2006, p. 9.
[9] ĠU L 312, 22.11.2008, p. 3.

(6) Id-definizzjonijiet tal-produtturi ta' prodotti tat-tessuti, tal-pjattaformi online u tal-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi marbuta mal-implimentazzjoni tar-responsabbiltà estiża tal-produttur għat-tessuti jeħtieġ li jiġu inklużi fid-Direttiva 2008/98/KE sabiex jiġi ċċarat il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-kunċetti u l-obbligi marbuta.

(7) L-Istati Membri, sa ċertu punt, żviluppaw materjali u wettqu kampanji mmirati lejn il-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel għall-konsumaturi u għall-operaturi tan-negozji tal-ikel; madankollu, dawn jiffukaw l-aktar fuq is-sensibilizzazzjoni aktar milli jqanqlu bidla fl-imġiba. Sabiex jintlaħaq il-potenzjal sħiħ għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel u jiġi żgurat il-progress maż-żmien, iridu jiġu żviluppati interventi għall-bidla fl-imġiba, adattati skont is-sitwazzjonijiet u l-ħtiġijiet speċifiċi fl-Istati Membri, u integrati b'mod sħiħ fil-programmi nazzjonali għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel. Jenħtieġ li tingħata importanza wkoll lil soluzzjonijiet ċirkolari reġjonali, bħas-sħubijiet pubbliċi-privati u l-involviment taċ-ċittadini kif ukoll l-adattament għal ħtiġijiet reġjonali speċifiċi bħar-reġjuni ultraperiferiċi jew il-gżejjer.

(8) Minkejja ż-żieda fis-sensibilizzazzjoni dwar l-impatti negattivi u l-konsegwenzi tal-iskart tal-ikel, l-impenji politiċi li saru fil-livelli tal-UE u tal-Istati Membri, u l-miżuri tal-Unjoni implimentati mill-Pjan ta' Azzjoni dwar l Ekonomija Ċirkolari tal-2015, il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel mhix qed tonqos biżżejjed biex tagħmel progress sinifikanti lejn il-kisba tal-Mira 12.3 tal-Għan ta' Żvilupp Sostenibbli (SDG) 12 tan-NU. Sabiex jiġi żgurat kontribut sinifikanti lejn il-kisba tal-Mira 12.3 tal-SDG, il-miżuri li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri jenħtieġ li jissaħħu biex isir progress fl-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u ta' miżuri xierqa oħra biex titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel.

(9) Sabiex jinkisbu r-riżultati fuq perjodu ta' żmien qasir, u biex l-operaturi tan-negozji tal-ikel, il-konsumaturi u l-awtoritajiet pubbliċi jingħataw il-perspettiva meħtieġa għal perjodu fit-tul, jenħtieġ li jiġu stabbiliti miri kwantifikati għat-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel, li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri sal-2030.

(10) B'kont meħud tal-impenn tal-Unjoni għall-ambizzjoni stabbilita fil-Mira 12.3 tal-SDG, l-istabbiliment ta' miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel li għandhom jintlaħqu mill-Istati Membri sal-2030 jenħtieġ li jipprovdi impuls ta' politika qawwi biex tittieħed azzjoni u jiġi żgurat kontribut sinifikanti għall-miri globali. Madankollu, minħabba n-natura legalment vinkolanti ta' dawn il-miri, jenħtieġ li dawn ikunu proporzjonati u fattibbli, u jqisu r-rwol tal-atturi differenti fil-katina tal-provvista tal-ikel kif ukoll il-kapaċità tagħhom (b'mod partikolari l-intrapriżi mikro u żgħar). L-istabbiliment ta' miri legalment vinkolanti jenħtieġ għalhekk isegwi approċċ gradwali, li jibda b'livell li jkun aktar baxx minn dak stabbilit skont l-SDG, bil-għan li jiġi żgurat rispons konsistenti tal-Istati Membri u progress tanġibbli lejn il-Mira 12.3.

(11) It-tnaqqis tal-iskart tal-ikel fl-istadji tal-produzzjoni u tal-konsum jirrikjedi diversi approċċi u miżuri u jinvolvi diversi gruppi ta' partijiet ikkonċernati. Għalhekk, jenħtieġ li tiġi proposta mira waħda għall-istadju tal-ipproċessar u tal-manifattura u oħra għall-bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni oħra tal-ikel, ir-ristoranti u s-servizzi tal-ikel u l-unitajiet domestiċi.

(12) B'kont meħud tal-interdipendenza bejn l-istadji tad-distribuzzjoni u tal-konsum fil-katina tal-provvista tal-ikel, b'mod partikolari l-influwenza tal-prattiki tal-bejgħ bl-imnut fuq l-imġiba tal-konsumatur u r-relazzjoni bejn il-konsum tal-ikel fid-dar u barra minnha, huwa rakkomandabbli li tiġi stabbilita mira konġunta waħda għal dawn l-istadji tal-katina tal-provvista tal-ikel. L-istabbiliment ta' miri separati għal kull

wieħed minn dawn l-istadji jżid kumplessità mhux meħtieġa u jillimita l-flessibbiltà tal-Istati Membri biex jiffukaw fuq l-oqsma speċifiċi ta' tħassib tagħhom. Sabiex jiġi evitat li mira konġunta tirriżulta f'piż eċċessiv fuq ċerti operaturi, l-Istati Membri se jingħataw parir biex jikkunsidraw il-prinċipju tal-proporzjonalità fl-istabbiliment tal-miżuri biex tintlaħaq il-mira konġunta.

(13) Il-bidliet demografiċi għandhom impatt sinifikanti fuq l-ammont ta' ikel li jiġi kkunsmat u l-iskart tal-ikel li jiġi ġġenerat. Għalhekk, mira konġunta għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel, li tapplika għall-bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni oħra tal-ikel, ir-ristoranti u s-servizzi tal-ikel u l-unitajiet domestiċi, jenħtieġ li tiġi espressa bħala bidla perċentwali fil-livelli ta' skart tal-ikel *per capita* sabiex jitqiesu l-bidliet fil-popolazzjoni.

(14) Abbażi tal-metodoloġija armonizzata stabbilita fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/1597[10], l-ewwel sena li għaliha nġabret *data* dwar il-livelli tal-iskart tal-ikel kienet l-2020. Għalhekk, is-sena 2020 jenħtieġ li tintuża bħala linja bażi biex jiġu stabbiliti l-miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel. Għall-Istati Membri, li jkunu jistgħu juru li wettqu kejl tal-iskart tal-ikel qabel l-2020, bl-użu ta' metodi konsistenti mad-Deċiżjoni Delegata (UE) 2019/1597, jenħtieġ li jkun permess l-użu ta' linja bażi aktar bikrija.

(15) Sabiex jiġi żgurat li l-approċċ gradwali lejn il-kisba tal-mira globali jilħaq l-objettivi tiegħu, il-livelli stabbiliti għall-miri legalment vinkolanti dwar it-tnaqqis tal-iskart tal-ikel, jenħtieġ li jiġu rieżaminati u riveduti, jekk ikun xieraq, biex jitqies il-progress li jkun sar mill-Istati Membri maż-żmien. Dan jippermetti aġġustament possibbli tal-miri bil-għan li jissaħħaħ il-kontribut tal-Unjoni u jinkiseb allinjament akbar mal-Mira 12.3 tal-SDG, li għandha tintlaħaq sal-2030 u tingħata direzzjoni għal aktar progress lil hinn minn dik id-data.

(16) Sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni aħjar, aktar f'waqtha u aktar uniformi tad-dispożizzjonijiet relatati mal-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel, biex jiġi antiċipat kwalunkwe nuqqas fl-implimentazzjoni, u biex tkun tista' tittieħed azzjoni qabel l-iskadenzi biex jintlaħqu l-miri, is-sistema ta' rapporti ta' twissija bikrija, introdotta fl-2018, jenħtieġ li tiġi estiża biex tkopri l-miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel.

(17) F'konformità mal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, kif imsemmi fl-Artikolu 191(2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), huwa essenzjali li l-produtturi li jintroduċu fis-suq tal-Unjoni ċerti prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn jieħdu r-responsabbiltà għall-ġestjoni tagħhom fi tmiem il-ħajja tagħhom kif ukoll li jestendu l-ħajja tagħhom billi jqiegħdu fis-suq prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn użati għall-użu mill-ġdid. Biex jiġi implimentat il-prinċipju ta' min iniġġes iħallas, huwa xieraq li jiġu stabbiliti l-obbligi għall-ġestjoni tal-produtturi ta' prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn, li jinkludu kwalunkwe manifattur, importatur jew distributur, li, irrispettivament mit-teknika tal-bejgħ li juża, inkluż permezz ta' kuntratti mill-bogħod kif definit fl-Artikolu 2(7), tad-Direttiva

[10] Id-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/1597 tat-3 ta' Mejju 2019 li tissupplimenta d-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' metodoloġija komuni u rekwiżiti minimi tal-kwalità għall-kejl uniformi tal-livelli tal-iskart tal-ikel (ĠU L 248, 27.9.2019, p. 77).

2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[11], iqiegħed fis-suq dawk il-prodotti għall-ewwel darba f'territorju ta' Stat Membru fuq bażi professjonali taħt ismu jew it-trademark tiegħu. Il-kamp ta' applikazzjoni tal-produtturi koperti mir-responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li jeskludi l-mikrointrapriżi u l-ħajjata li jaħdmu għal rashom li jipproduċu prodotti personalizzati fid-dawl tar-rwol imnaqqas tagħhom fis-suq tat-tessuti kif ukoll dawk li jintroduċu fis-suq prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn użati jew prodotti bħal dawn derivati minn prodotti użati jew skart ta' dawk il-prodotti bil-għan li jappoġġaw l-użu mill-ġdid, inkluż permezz ta' tiswija, rinnovazzjoni u titjib fejn jinbidlu ċerti funzjonalitajiet tal-prodott oriġinali, fi ħdan l-Unjoni.

(18) Hemm differenzi kbar fil-mod kif huwa stabbilit jew huwa ppjanat li jiġi stabbilit il-ġbir separat tat-tessuti, kemm jekk permezz ta' skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur jew permezz ta' approċċi oħra. Fejn huma kkunsidrati skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, hemm ukoll differenzi kbar, bħal dwar il-prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni tagħhom u r-responsabbiltà tal-produtturi kif ukoll dwar il-mudelli ta' governanza. Ir-regoli dwar ir-responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti fid-Direttiva 2008/98/KE jenħtieġ għalhekk li, b'mod ġenerali japplikaw għall-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għall-produtturi ta' prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn. Madankollu, dawn jenħtieġ li jiġu kkomplementati b'dispożizzjonijiet speċifiċi ulterjuri rilevanti għall-karatteristiċi tas-settur tat-tessuti, b'mod partikolari, is-sehem għoli tal-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fost il-produtturi, ir-rwol tal-intrapriżi soċjali u l-importanza tal-użu mill-ġdid fiż-żieda tas-sostenibbiltà tal-katina tal-valur tat-tessuti. Jenħtieġ ukoll li dawn ikunu aktar dettaljati u armonizzati biex jiġi evitat il-ħolqien ta' suq frammentat li jista' jkollu impatt negattiv fuq is-settur, b'mod partikolari fuq il-mikrointrapriżi u l-SMEs, għall-ġbir, it-trattament u r-riċiklaġġ, kif ukoll biex joħolqu inċentivi ċari għat-tfassil u l-politiki ta' prodotti tat-tessuti sostenibbli u jiffaċilitaw is-swieq tal-materja prima sekondarja. F'dan il-kuntest, l-Istati Membri huma mħeġġa jikkunsidraw li jawtorizzaw diversi organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi peress li l-kompetizzjoni fost dawn l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi tista' twassal għal benefiċċji akbar għall-konsumatur, iżżid l-innovazzjoni, tnaqqas il-kostijiet, ittejjeb ir-rati ta' ġbir, u żżid l-għażliet għall-produtturi li jkunu qed ifittxu li jikkuntrattaw ma' dawn l-organizzazzjonijiet.

(19) It-tessuti tad-dar u l-ilbies jinkludu l-akbar sehem mill-konsum tat-tessuti tal-Unjoni u l-akbar kontributur għax-xejriet mhux sostenibbli ta' produzzjoni żejda u konsum eċċessiv. It-tessuti tad-dar u l-ilbies huma wkoll il-fokus tas-sistemi kollha eżistenti ta' ġbir separat fl-Istati Membri flimkien ma' lbies u aċċessorji oħra ta' wara l-konsum u xedd is-saqajn li ma humiex magħmula primarjament mit-tessuti. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni tal-iskema stabbilita ta' responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li jkopri l-prodotti tat-tessuti tad-dar u oġġetti oħra tal-ilbies, aċċessorji tal-ħwejjeġ u xedd is-saqajn. Sabiex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali għall-produtturi dwar il-prodotti soġġetti għar-responsabbiltà estiża tal-produttur, il-prodotti fil-kamp ta' applikazzjoni

[11] Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64).

jenħtieġ li jiġu identifikati b'referenza għall-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda skont l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87[12].

(20) Is-settur tat-tessuti huwa intensiv fl-użu tar-riżorsi. Filwaqt li, fir-rigward kemm tal-produzzjoni tal-materja prima kif ukoll tat-tessuti, il-biċċa l-kbira tal-pressjonijiet u tal-impatti relatati mal-konsum tal-ħwejjeġ, tax-xedd is-saqajn u tat-tessuti tad-dar fl-Unjoni jseħħu f'pajjiżi terzi, dawn jaffettwaw ukoll lill-Unjoni minħabba l-impatt globali tagħhom fuq il-klima u l-ambjent. Għalhekk, il-prevenzjoni, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-iskart tat-tessuti jistgħu jgħinu biex titnaqqas l-impronta ambjentali globali tas-settur, inkluż fl-Unjoni. Barra minn hekk, l-immaniġġar ineffiċjenti attwali fl-użu tar-riżorsi tal-iskart tat-tessuti ma huwiex konformi mal-ġerarkija tal-iskart u jwassal għal ħsara ambjentali kemm fl-Unjoni kif ukoll f'pajjiżi terzi, inkluż permezz tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-inċinerazzjoni u mir-rimi f'landfills.

(21) Il-fini tar-responsabbiltà estiża tal-produttur għall-prodotti tat-tessuti, għall-prodotti relatati mat-tessuti u għall-prodotti ta' xedd is-saqajn huwa li jiġi żgurat livell għoli ta' protezzjoni tal-ambjent u tas-saħħa fl-Unjoni, tinħoloq ekonomija għall-ġbir, għas-separazzjoni, għall-użu mill-ġdid, għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ, b'mod partikolari, għar-riċiklaġġ mill-fibra għall-fibra, kif ukoll għall-inċentivi għall-produtturi biex jiżguraw li l-prodotti tagħhom jitfasslu b'rispett għall-prinċipji taċ-ċirkolarità. Il-produtturi tat-tessuti u tax-xedd is-saqajn jenħtieġ li jiffinanzjaw il-kostijiet tal-ġbir, tas-separazzjoni għall-użu mill-ġdid, tat-tħejjija għall-użu mill-ġdid u tar-riċiklaġġ, u tar-riċiklaġġ u ta' trattament ieħor tat-tessuti u tax-xedd is-saqajn użati u ta' skart miġbura, inklużi l-prodotti tal-konsumatur mhux mibjugħa meqjusa bħala skart li jkunu ġew fornuti fit-territorju tal-Istati Membri wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja biex jiġi żgurat li l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur ma japplikawx b'mod retroattiv u jikkonformaw mal-prinċipju taċ-ċertezza legali. Dawk il-produtturi jenħtieġ li jiffinanzjaw ukoll il-kostijiet tat-twettiq ta' stħarriġ dwar il-kompożizzjoni tal-iskart muniċipali miġbur imħallat, l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp fit-teknoloġiji tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ, ir-rapportar dwar il-ġbir separat, l-użu mill-ġdid u trattament ieħor u tal-għoti ta' informazzjoni lill-utenti finali dwar l-impatt u l-ġestjoni sostenibbli tat-tessuti.

(22) Il-produtturi jenħtieġ li jkunu responsabbli għall-istabbiliment ta' sistemi ta' ġbir tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tax-xedd is-saqajn użati u ta' skart kollha u jiżguraw li dawn sussegwentement ikunu soġġetti għal separazzjoni għall-użu mill-ġdid, għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ biex tiġi massimizzata d-disponibbiltà ta' ħwejjeġ u xedd is-saqajn użati u jitnaqqsu l-volumi għat-tipi ta' trattament tal-iskart li huma aktar baxxi fil-ġerarkija tal-iskart. L-iżgurar li l-prodotti tat-tessuti jkunu jistgħu jintużaw u fil-fatt jintużaw u jerġgħu jintużaw għal aktar żmien huwa l-aktar mod effettiv biex jitnaqqas b'mod sinifikanti l-impatt tagħhom fuq il-klima u l-ambjent. Dan jenħtieġ li jippermetti wkoll mudelli ta' negozju sostenibbli u ċirkolari bħall-użu mill-ġdid, il-kiri u t-tiswija, is-servizzi ta' teħid lura u l-bejgħ bl-imnut ta' oġġetti użati li joħolqu impjiegi ġodda ta' kwalità ekoloġiċi u opportunitajiet ta' ffrankar tal-kostijiet għaċ-ċittadini. Li l-produtturi jsiru responsabbli għall-iskart li joħolqu l-prodotti tagħhom huwa essenzjali biex il-ġenerazzjoni tal-iskart tat-tessuti tiġi diżakkoppjata mit-tkabbir tas-settur. Għalhekk, il-produtturi jenħtieġ li jkunu

12 ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1.

responsabbli wkoll għar-riċiklaġġ, b'mod partikolari, billi jagħtu prijorità liż-żieda tar-riċiklaġġ mill-fibra għall-fibra, u lil operazzjonijiet oħra ta' rkupru u rimi.

(23) Il-produtturi u l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jenħtieġ li jiffinanzjaw iż-żieda tar-riċiklaġġ tat-tessuti, b'mod partikolari, ir-riċiklaġġ mill-fibra għall-fibra li jippermetti r-riċiklaġġ ta' materjali ta' varjetà aktar wiesgħa u l-ħolqien ta' sors ta' materja prima għall-produzzjoni tat-tessuti fl-Unjoni. Huwa importanti wkoll li l-produtturi jappoġġaw finanzjarjament ir-riċerka u l-innovazzjoni fl-iżviluppi teknoloġiċi f'soluzzjonijiet awtomatiċi għas-separazzjoni u s-separazzjoni tal-kompożizzjoni li jippermettu s-separazzjoni u r-riċiklaġġ ta' materjali mħallta u d-dekontaminazzjoni tal-iskart biex jippermettu soluzzjonijiet ta' riċiklaġġ mill-fibra għall-fibra ta' kwalità għolja u l-użu tal-kontenut ta' fibra riċiklata. Biex tiġi ffaċilitata l-konformità ma' din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li l-informazzjoni u l-assistenza jkunu disponibbli għall-operaturi ekonomiċi mis-settur tat-tessuti, speċjalment l-intrapriżi żgħar u medji, li jenħtieġ li jieħdu l-forma ta' gwida, appoġġ finanzjarju, aċċess għall-finanzi, ġestjoni speċjalizzata u materjal ta' taħriġ tal-persunal, jew assistenza organizzattiva u teknika. Jekk l-appoġġ jiġi ffinanzjat permezz ta' riżorsi tal-Istat, inkluż meta jkun iffinanzjat kompletament minn kontribuzzjonijiet imposti mill-awtorità pubblika u imposti fuq l-impriżi kkonċernati, dan jista' jikkostitwixxi għajnuna mill-Istat skont it-tifsira tal-Artikolu 107(1) tat-TFUE; f'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-konformità mar-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat. Il-mobilizzazzjoni tal-investiment privat u pubbliku fiċ-ċirkolarità u d-dekarbonizzazzjoni tas-settur tat-tessuti huma wkoll il-fokus ta' diversi programmi u pjanijiet direzzjonali ta' finanzjament tal-Unjoni bħaċ-Ċentri għaċ-Ċirkolarità u sejħiet speċifiċi fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa. Huwa meħtieġ ukoll li tiġi vvalutata aktar il-fattibbiltà li jiġu stabbiliti miri tal-Unjoni għar-riċiklaġġ tat-tessuti biex jiġu appoġġati u xprunati l-iżvilupp teknoloġiku u l-investimenti fl-infrastruttura tar-riċiklaġġ kif ukoll l-ispinta għall-ekodisinn għar-riċiklaġġ.

(24) It-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart jenħtieġ li jinġabru separatament minn flussi oħra tal-iskart, bħall-metalli, il-karti u l-kartun, il-ħġieġ, il-plastik, l-injam u l-bijoskart mill-1 ta' Jannar 2025 biex jinżammu l-kapaċità ta' użu mill-ġdid u l-potenzjal tagħhom għal riċiklaġġ ta' kwalità għolja. Meta jitqies l-impatt ambjentali u t-telf tal-materjali minħabba li t-tessuti ta' skart dawk użati ma jinġabrux separatament, u konsegwentement ma jiġux ittrattati b'mod ambjentalment korrett, in-network tal-ġbir tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart jenħtieġ li jkopri t-territorju kollu tal-Istati Membri inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi, ikun qrib l-utent finali u ma jimmirax biss żoni u prodotti fejn il-ġbir ikun bi profitt. In-network tal-ġbir jenħtieġ li jiġi organizzat f'kooperazzjoni ma' atturi oħra attivi fis-setturi tal-immaniġġar u tal-użu mill-ġdid tal-iskart, bħall-muniċipalitajiet u l-intrapriżi soċjali. Fid-dawl tal-benefiċċji ambjentali u klimatiċi sinifikanti assoċjati mal-użu mill-ġdid, il-fini primarja u sekondarja tan-network tal-ġbir jenħtieġ li tkun il-ġbir tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn li jistgħu jerġgħu jintużaw u li jistgħu jiġu riċiklati. Peress li l-konsumatur ma huwiex imħarreġ biex jiddistingwi bejn oġġetti li jistgħu jerġgħu jintużaw u dawk riċiklabbli, jenħtieġ li s-sistemi tal-ġbir, inkluż għal skopijiet ta' effiċjenza loġistika, jipprovdu reċipjenti għall-ġbir li jiġbru kemm oġġetti użati kif ukoll l-oġġetti tal-iskart flimkien. Ir-rati għoljin ta' ġbir jixprunaw il-prestazzjoni għolja tal-użu mill-ġdid u tar-riċiklaġġ ta' kwalità fil-ktajjen tal-provvista tat-tessuti, jagħtu spinta lill-użu ta' materja prima sekondarja ta' kwalità u jappoġġaw l-ippjanar tal-investiment fl-infrastruttura tas-separazzjoni u tal-ipproċessar tat-tessuti. Sabiex tiġi vverifikata u mtejba l-effettività tan-network tal-ġbir

u tal-kampanji ta' informazzjoni, jenħtieġ li jitwettaq stħarriġ regolari dwar il-kompożizzjoni tal-anqas fil-livell NUTS 2 dwar l-iskart muniċipali mħallat li jinġabar biex jiġi ddeterminat l-ammont tat-tessuti u ta' xedd is-saqajn ta' skart fih. Barra minn hekk, l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tas-sistemi ta' ġbir separat u r-rata annwali ta' ġbir separat miksuba jenħtieġ li tiġi kkalkulata u ssir disponibbli għall-pubbliku kull sena mill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi.

(25) Fid-dawl tar-rwol ewlieni tal-intrapriżi soċjali u tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali fis-sistemi eżistenti tal-ġbir tat-tessuti u l-potenzjal tagħhom li joħolqu mudelli ta' negozji lokali, sostenibbli, parteċipattivi u inklużivi u impjiegi ta' kwalità fl-Unjoni, f'konformità mal-objettivi tal-Pjan ta' Azzjoni tal-UE dwar l-Ekonomija Soċjali[13], l-introduzzjoni ta' skemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur jenħtieġ li żżomm u tappoġġa l-attivitajiet tal-intrapriżi soċjali u tal-entitajiet tal-ekonomija soċjali involuti fl-immaniġġar tat-tessuti użati. Dawn l-entitajiet għalhekk jenħtieġ li jitqiesu bħala sħab fis-sistemi ta' ġbir separat li jappoġġaw iż-żieda fl-użu mill-ġdid u t-tiswija u l-ħolqien ta' impjiegi ta' kwalità għal kulħadd u b'mod partikolari għall-gruppi vulnerabbli.

(26) Il-produtturi u l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jenħtieġ li jkunu involuti attivament fl-għoti ta' informazzjoni lill-utenti finali, b'mod partikolari lill-konsumaturi, li t-tessuti u x-xedd is-saqajn użati u ta' skart jenħtieġ jinġabru separatament, li hemm disponibbli sistemi ta' ġbir u li l-utenti finali għandhom rwol importanti biex jiġu żgurati l-prevenzjoni tal-iskart u mmaniġġar ambjentalment ottimali tal-iskart tat-tessuti. Din l-informazzjoni jenħtieġ li tinkludi d-disponibbiltà ta' arranġamenti għall-użu mill-ġdid għat-tessuti u għax-xedd is-saqajn u l-benefiċċji ambjentali ta' konsum sostenibbli u l-impatti ambjentali, tas-saħħa u soċjali tal-industrija tal-ilbies tat-tessuti. L-utenti finali jenħtieġ li jiġu infurmati wkoll dwar ir-rwol importanti tagħhom biex isiru għażliet infurmati, responsabbli u sostenibbli dwar il-konsum tat-tessuti u jiġi żgurat immaniġġar ambjentalment ottimali tal-iskart tat-tessuti u tax-xedd is-saqajn. Dawn ir-rekwiżiti ta' informazzjoni japplikaw flimkien mar-rekwiżiti dwar l-għoti ta' informazzjoni lill-utenti finali fir-rigward tal-prodotti tat-tessuti stabbiliti fir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli[14] u r-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[15]. Id-divulgazzjoni tal-informazzjoni lill-utenti finali kollha jenħtieġ li tagħmel użu mit-teknoloġiji moderni tal-informazzjoni. L-informazzjoni jenħtieġ li tingħata kemm b'mezzi klassiċi, bħal posters kemm ġewwa kif ukoll barra u kampanji fuq il-media soċjali, kif ukoll b'mezzi aktar innovattivi, bħall-aċċess elettroniku għal siti web ipprovdut permezz ta' kodiċijiet QR.

(27) Sabiex jiżdiedu ċ-ċirkolarità u s-sostenibbiltà ambjentali tat-tessuti u biex jitnaqqsu l-impatti negattivi fuq il-klima u l-ambjent, ir-Regolament …/... [*L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal in-numru tas-serje u l-istituzzjonijiet għar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli, u lesti n-nota f'qiegħ il-*

---

13 COM (2021) 778 final tad-9 ta' Diċembru 2021.

14 *L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal in-numru ta' referenza ladarba jiġi adottat.*

15 Ir-Regolament (UE) Nru 1007/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Settembru 2011 dwar l-ismijiet ta' fibri ta' tessuti u t-tikkettar u l-immarkar relatati tal-kompożizzjoni tal-fibri ta' prodotti tat-tessut u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 73/44/KEE u d-Direttivi 96/73/KE u 2008/121/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 272, 18.10.2011, p. 1).

*paġna*[16]] se jiżviluppa rekwiżiti vinkolanti tal-ekodisinn għall-prodotti tat-tessuti, li se, skont x'turi l-valutazzjoni tal-impatt li huwa ta' benefiċċju għaż-żieda tas-sostenibbiltà ambjentali tat-tessuti, jirregola id-durabbiltà, l-użu mill-ġdid, il-possibbiltà ta' tiswija, u r-riċiklabbiltà mill-fibra għall-fibra tat-tessuti, u l-kontenut obbligatorju ta' fibra riċiklata fit-tessuti. Huwa se jirregola wkoll il-preżenza ta' sustanzi ta' tħassib biex jippermetti l-minimizzazzjoni u t-traċċar tagħhom bil-għan li titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart u jittejjeb ir-riċiklaġġ, kif ukoll il-prevenzjoni u t-tnaqqis tal-fibri sintetiċi li jintefgħu fl-ambjent biex jitnaqqas b'mod sinifikanti r-rilaxx tal-mikroplastik. Fl-istess ħin, il-modulazzjoni tat-tariffi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur hija strument ekonomiku effettiv biex jinċentiva tfassil aktar sostenibbli tat-tessuti li jwassal għal tfassil ċirkolari mtejjeb. Sabiex jiġi pprovdut inċentiv sod għall-ekodisinn filwaqt li jitqiesu l-objettivi tas-suq intern u l-kompożizzjoni tas-settur tat-tessuti li huwa magħmul primarjament minn SMEs, huwa meħtieġ li jiġu armonizzati l-kriterji għall-modulazzjoni tat-tariffi tar-responsabbiltà estiża tal-produttur abbażi tal-parametri l-aktar rilevanti tal-ekodisinn biex jippermettu t-trattament tat-tessuti f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart. Il-modulazzjoni tat-tariffi skont il-kriterji tal-ekodisinn jenħtieġ li tkun ibbażata fuq ir-rekwiżiti tal-Ekodisinn u l-metodoloġiji tal-kejl tagħhom li jiġu adottati skont ir-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli għall-prodotti tat-tessuti jew skont liġi oħra tal-Unjoni li tistabbilixxi kriterji armonizzati ta' sostenibbiltà u metodi ta' kejl għall-prodotti tat-tessuti u biss fejn jiġu adottati dawn tal-aħħar. Huwa xieraq li l-Kummissjoni tingħata s-setgħa li tadotta regoli armonizzati għall-modulazzjoni tat-tariffi biex tiżgura l-allinjament tal-kriterji tal-modulazzjoni tat-tariffi ma' dawk ir-rekwiżiti tal-prodott.

(28) Sabiex jiġi mmonitorjat li l-produtturi jissodisfaw l-obbligi tagħhom relatati mal-obbligi finanzjarji, u organizzazzjonali tagħhom biex jiżguraw l-immaniġġar tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart li huma jqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru, jenħtieġ li jiġi stabbilit u ġestit reġistru tal-produtturi minn kull Stat Membru u li l-produtturi jkunu obbligati jirreġistraw. Ir-rekwiżiti u l-format tar-reġistrazzjoni jenħtieġ li jiġu armonizzati kemm jista' jkun madwar l-Unjoni kollha sabiex tiġi ffaċilitata r-reġistrazzjoni b'mod partikolari fejn il-produtturi jqiegħdu fis-suq prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn għall-ewwel darba f'diversi Stati Membri. L-informazzjoni fir-reġistru jenħtieġ li tkun aċċessibbli għal dawk l-entitajiet li għandhom rwol fil-verifika tal-konformità mal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur u l-infurzar tagħhom.

(29) Peress li s-settur tat-tessuti huwa 99 % magħmul minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, l-implimentazzjoni ta' skema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għall-prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn jenħtieġ li jkollha l-għan li tnaqqas kemm jista' jkun il-piżijiet amministrattivi. Għalhekk, it-twettiq tar-responsabbiltajiet estiżi tal-produttur jenħtieġ li jiġi eżerċitat b'mod kollettiv permezz ta' organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jassumu r-responsabbiltà f'isimhom. L-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jenħtieġ li jkunu soġġetti għal awtorizzazzjoni mill-Istati Membri u jenħtieġ li jiddokumentaw, *inter alia*, li jkollhom il-mezzi finanzjarji biex ikopru l-kostijiet involuti mir-responsabbiltà estiża tal-produttur u li jwettqu dik ir-responsabbiltà.

---

16 *L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal in-numru ta' referenza ladarba jiġi adottat.*

(30) L-Artikolu 30(1) tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[17] jobbliga lil ċerti fornituri ta' pjattaformi online li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod ma' produtturi li joffru prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn lill-konsumaturi li jinsabu fl-Unjoni, qabel ma jippermettu lil produttur l-użu tas-servizzi tagħhom, jiksbu ċerta informazzjoni ta' identifikazzjoni mingħand dak il-produttur u awtoċertifikazzjoni mill-produttur li jimpenja ruħu li joffri biss prodotti jew servizzi li jikkonformaw mar-regoli applikabbli tad-dritt tal-Unjoni. Sabiex jiġi żgurat l-infurzar effettiv tal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur, jenħtieġ li jiġi speċifikat li l-fornituri ta' pjattaformi online li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu 3, it-Taqsima 4, tar-Regolament (UE) 2022/2065 jenħtieġ li jiksbu informazzjoni mingħand dawk il-produtturi dwar ir-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-produtturi tat-tessuti li l-Istati Membri huma obbligati jistabbilixxu skont din id-Direttiva, kif ukoll in-numru/i tar-reġistrazzjoni tal-produttur f'dak ir-reġistru, u awtoċertifikazzjoni mill-produttur li jimpenja ruħu li joffri biss prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn li għalihom japplikaw ir-rekwiżiti ta' responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti b'din id-Direttiva. Ir-regoli dwar l-infurzar stabbiliti fil-Kapitolu IV tar-Regolament (UE) 2022/2065 japplikaw għall-fornituri ta' dawn il-pjattaformi fir-rigward ta' dawn ir-regoli dwar it-traċċabbiltà.

(31) Sabiex jiġi żgurat it-trattament tat-tessuti f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart stabbilita fid-Direttiva 2008/98/KE, l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jenħtieġ li jiżguraw li t-tessuti u x-xedd is-saqajn kollha miġbura separatament ikunu soġġetti għal operazzjonijiet ta' separazzjoni li jiġġeneraw kemm oġġetti li jkunu tajbin għall-użu mill-ġdid li jissodisfaw il-ħtiġijiet tas-swieq riċeventi tat-tessuti użati kif ukoll tal-materja prima tar-riċiklaġġ fl-Unjoni u globalment. Fid-dawl tal-benefiċċji ambjentali akbar assoċjati mal-estensjoni tal-ħajja tat-tessuti, l-użu mill-ġdid jenħtieġ li jkun l-objettiv ewlieni tal-operazzjonijiet ta' separazzjoni segwit mis-separazzjoni għar-riċiklaġġ fejn l-oġġetti jiġu vvalutati b'mod professjonali bħala li ma jistgħux jerġgħu jintużaw. Dawn ir-rekwiżiti ta' separazzjoni jenħtieġ li jiġu żviluppati mill-Kummissjoni bħala prijorità bħala parti mill-kriterji armonizzati tal-Unjoni għat-tmiem tal-istatus tal-iskart għat-tessuti li jistgħu jerġgħu jintużaw u għat-tessuti riċiklati, inkluż dwar is-separazzjoni inizjali li tista' sseħħ fil-punt tal-ġbir. Dawn il-kriterji armonizzati jenħtieġ li jwasslu għal konsistenza u kwalità għolja fil-frazzjonijiet miġbura kif ukoll fil-flussi tal-materjali għas-separazzjoni, fl-operazzjonijiet ta' rkupru u fil-materja prima sekondarja bejn il-fruntieri li min-naħa tagħhom jenħtieġ li jiffaċilitaw l-espansjoni tal-ktajjen tal-valur tal-użu mill-ġdid u tar-riċiklaġġ. Il-ħwejjeġ użati vvalutati b'mod professjonali bħala tajbin għall-użu mill-ġdid mill-operaturi tal-użu mill-ġdid jew mill-intrapriżi soċjali u mill-entitajiet tal-ekonomija soċjali fil-punt tal-ġbir mill-utenti finali jenħtieġ li ma jitqisux bħala skart. F'każ li l-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ ma jkunux teknikament possibbli, xorta jenħtieġ li tiġi applikata l-ġerarkija tal-iskart, billi jiġi evitat ir-rimi f'landfills fejn ikun possibbli, b'mod partikolari ta' tessuti bijodegradabbli li huma sors ta' emissjonijiet tal-metan, u jiġi applikat l-irkupru enerġetiku meta tiġi applikata l-inċinerazzjoni.

(32) L-esportazzjonijiet tat-tessuti użati u tat-tessuti ta' skart barra mill-UE qed jiżdiedu b'mod kostanti bl-esportazzjonijiet li jirrappreżentaw l-akbar sehem tas-suq tal-użu mill-ġdid għat-tessuti ta' wara l-konsum iġġenerati fl-UE. Fid-dawl taż-żieda

[17] ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1.

sinifikanti tal-iskart tat-tessuti miġbur wara l-introduzzjoni tal-ġbir separat sal-2025, huwa importanti li jissaħħu l-isforzi biex jiġu miġġielda l-vjeġġi illegali tal-iskart lejn pajjiżi terzi taparsi mhux skart bil-fini li tiġi żgurata protezzjoni ambjentali għolja. Filwaqt li wieħed ikompli jibni fuq ir-Regolament …/… [*L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal l-istituzzjonijiet u n-numru tas-serje, u jlesti n-nota f'qiegħ il-paġna għar-Regolament dwar il-Vjeġġi tal-iskart*][18] u fid-dawl tal-objettiv li jiġi żgurat l-immaniġġar sostenibbli tat-tessuti ta' wara l-konsum u jiġu indirizzati l-vjeġġi illegali tal-iskart, jenħtieġ li jiġi previst li l-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn kollha miġbura separatament jgħaddu minn operazzjoni ta' separazzjoni qabel il-vjeġġ tagħhom. Barra minn hekk, jenħtieġ li jiġi previst li l-oġġetti tat-tessuti, l-oġġetti relatati mat-tessuti u l-oġġetti ta' xedd is-saqajn użati kollha li jinġabru separatament jitqiesu bħala skart u jkunu soġġetti għal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-iskart, inkluż dwar il-vjeġġi tal-iskart, sakemm ikunu għaddew minn operazzjoni ta' separazzjoni minn operatur imħarreġ tas-separazzjoni għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ. Is-separazzjoni jenħtieġ li titwettaq f'konformità mar-rekwiżiti armonizzati ta' separazzjoni li jipprovdu frazzjoni li tista' terġa' tintuża ta' kwalità għolja li tissodisfa l-ħtiġijiet tas-swieq riċeventi tat-tessuti użati fl-UE u globalment u billi jiġu stabbiliti kriterji biex issir distinzjoni bejn l-oġġetti użati u l-iskart. Il-vjeġġi tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati jenħtieġ li jkunu akkumpanjati minn informazzjoni li turi li dawk l-oġġetti jkunu l-output ta' separazzjoni jew tħejjija għal operazzjoni ta' użu mill-ġdid u li l-oġġetti huma tajbin għall-użu mill-ġdid.

(33) Sabiex l-Istati Membri jilħqu l-miri stabbiliti f'din id-Direttiva, l-Istati Membri jenħtieġ li jirrevedu l-programmi tagħhom għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel biex jinkludu miżuri ġodda, li jinvolvu diversi sħab mis-setturi pubbliċi u privati, b'azzjonijiet koordinati mfassla biex jindirizzaw hotspots speċifiċi kif ukoll attitudnijiet u mġiba li jwasslu għall-iskart tal-ikel. Fit-tħejjija ta' dawn il-programmi, l-Istati Membri jistgħu jieħdu ispirazzjoni mir-rakkomandazzjonijiet prodotti mill-Panel taċ-Ċittadini dwar il-Ħela tal-Ikel.

(34) Ir-responsabbiltà u l-governanza ċara tal-miżuri għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel huma essenzjali biex tiġi żgurata koordinazzjoni effettiva tal-azzjoni biex tiġi xprunata l-bidla u jintlaħqu l-miri stabbiliti f'din id-Direttiva. Minħabba l-aġenda kondiviża fost ħafna awtoritajiet u l-varjetà tal-partijiet ikkonċernati involuti fil-ġlieda kontra l-iskart tal-ikel fl-Istati Membri, hemm bżonn ta' awtorità kompetenti nominati li tkun responsabbli mill-koordinazzjoni ġenerali tal-azzjonijiet fil-livell nazzjonali.

(35) Il-granularità tal-informazzjoni dwar l-immaniġġar tat-tessuti muniċipali ta' wara l-konsum fil-livell tal-Unjoni jenħtieġ li tittejjeb biex jiġi mmonitorjat b'mod aktar effettiv l-użu mill-ġdid tal-prodotti, inkluż tal-użu mill-ġdid u t-tħejjija għall-użu mill-ġdid tat-tessuti, inkluż fid-dawl tal-istabbiliment potenzjali tal-miri ta' prestazzjoni fil-futur. Id-*data* dwar l-użu mill-ġdid u t-tħejjija għall-użu mill-ġdid tirrappreżenta flussi ta' *data* ewlenin għall-monitoraġġ tad-diżakkoppjament tal-ġenerazzjoni tal-iskart mit-tkabbir ekonomiku u t-tranżizzjoni lejn ekonomija sostenibbli, inklużiva u ċirkolari. Għalhekk, dawn il-flussi ta' *data* jenħtieġ li jiġu ġestiti mill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent.

(36) Is-setgħa li jiġu adottati atti delegati stabbilita fl-Artikolu 9(8) tad-Direttiva 2008/98/KE fir-rigward ta' metodoloġija komuni u rekwiżiti minimi ta' kwalità għall-

[18] *L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal in-numru ta' referenza ladarba jiġi adottat.*

kejl uniformi tal-livelli tal-iskart tal-ikel jenħtieġ li tiġi mċaqalqa, b'adattamenti żgħar, għal Artikolu ġdid li jittratta speċifikament il-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel.

(37) Sabiex il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda elenkati fid-Direttiva 2008/98/KE jinġiebu f'konformità mal-kodiċijiet elenkati fl-Anness 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti skont l-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jenħtieġ li tiġi delegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-emendi tal-Anness IVc tad-Direttiva 2008/98/KE. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma preparatorja tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali tat-13 ta' April 2016 dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet. B'mod partikolari, biex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija tal-atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom ikollhom aċċess sistematiku għal-laqgħat tal-gruppi tal-esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija tal-atti delegati.

(38) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/98/KE, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata setgħat ta' implimentazzjoni fir-rigward ta' format armonizzat għar-reġistrazzjoni fir-reġistru abbażi tar-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 22b(4), il-kriterji tal-modulazzjoni tat-tariffi għall-applikazzjoni tal-Artikolu 22c(3)(a), u metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tar-rata ta' ġbir separat imsemmija fl-Artikolu 22c(6)(c). Jenħtieġ li dawk is-setgħat jiġu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[19].

(39) Id-Direttiva 2008/98/KE jenħtieġ għalhekk li tiġi emendata skont dan.

(40) Peress li l-objettivi ta' din id-Direttiva, jiġifieri li tittejjeb is-sostenibbiltà ambjentali tal-immaniġġar tal-iskart tal-ikel u tal-iskart tat-tessuti u li jiġi żgurat il-moviment liberu tat-tessuti użati u ta' skart fis-suq intern, ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri iżda jistgħu, minħabba l-iskala u l-effetti tagħhom, jintlaħqu biss fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri, f'konformità mal-prinċipju tas-sussidjarjetà kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea. F'konformità mal-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit f'dak l-Artikolu, din id-Direttiva ma tmurx lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq dak l-objettiv dwar is-sussidjarjetà,

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

**Emendi**

Id-Direttiva 2008/98/KE hija emendata kif ġej:

(1) fl-Artikolu 2(1), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:

19 Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.02.2011, p. 13).

"(a) effluwenti gassużi emessi fl-atmosfera u diossidu tal-karbonju maqbud u ttrasportat għall-finijiet ta' ħżin ġeoloġiku u maħżun ġeoloġikament f'konformità mad-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*;

* Id-Direttiva 2009/31/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-ħżin ġeoloġiku tad-dijossidu tal-karbonju u li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 85/337/KEE, id-Direttivi 2000/60/KE, 2001/80/KE, 2004/35/KE, 2006/12/KE, 2008/1/KE u r-Regolament (KE) Nru 1013/2006 (ĠU L 140, 5.6.2009, p. 114).";

(2) fl-Artikolu 3, jiddaħħlu l-paragrafi li ġejjin:

"4b. "produttur ta' prodotti tat-tessuti, ta' prodotti relatati mat-tessuti u ta' prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc" tfisser kwalunkwe manifattur, importatur jew distributur jew persuna fiżika jew ġuridika oħra minbarra dawk li jfornu l-prodotti tat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn użati elenkati fl-Anness IVc u l-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc derivati minn dawn il-prodotti użati jew mill-iskart ta' dawn il-prodotti jew il-partijiet tagħhom fis-suq, l-intrapriżi li jimpjegaw anqas minn 10 persuni u li l-fatturat annwali u t-total tal-karta bilanċjali tagħhom ma jaqbżux EUR 2 miljun u ħajjata li jaħdmu għal rashom li jipproduċu prodotti personalizzati, li, irrispettivament mit-teknika tal-bejgħ li jużaw, inkluż permezz ta' kuntratti mill-bogħod kif definit fl-Artikolu 2(7) tad-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*, jew:

(a) ikunu stabbiliti fi Stat Membru u jimmanifatturaw il-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc taħt isimhom jew it-trademark tagħhom, jew li jiġu mfassla jew manifatturati u forniti lilhom għall-ewwel darba taħt isimhom jew it-trademark tagħhom fit-territorju ta' dak l-Istat Membru;

(b) ikunu stabbiliti fi Stat Membru u jerġgħu jbigħu fit-territorju ta' dak l-Istat Membru, taħt isimhom jew it-trademark tagħhom, il-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc manifatturati minn produtturi oħra msemmija fil-punt (a), li fuqhom ma jidhirx l-isem, il-marka jew it-trademark tal-manifattur;

(c) ikunu stabbiliti fi Stat Membru u jipprovdu għall-ewwel darba f'dak l-Istat Membru fuq bażi professjonali, il-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc minn Stat Membru ieħor jew minn pajjiż terz; jew

(d) ibigħu l-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc permezz ta' komunikazzjoni mill-bogħod direttament lill-utenti finali, inklużi unitajiet domestiċi privati jew għajr minn unitajiet domestiċi privati, fi Stat Membru, u jkunu stabbiliti fi Stat Membru ieħor jew f'pajjiż terz;

4c. "tqegħid fis-suq" tfisser kwalunkwe provvista ta' prodott għad-distribuzzjoni jew l-użu fis-suq tal-Unjoni matul attività kummerċjali, kemm jekk bi ħlas jew b'xejn;

4d. "organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi" tfisser entità ġuridika li torganizza finanzjarjament jew finanzjarjament u b'mod operazzjonali t-twettiq tal-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur f'isem il-produtturi;

4e. “pjattaforma online” tfisser pjattaforma online kif definita fl-Artikolu 3(i) tar-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**;

4f. “konsumatur” tfisser persuni fiżiċi li jaġixxu għall-finijiet li jkunu barra mill-kummerċ, min-negozju, mis-sengħa jew mill-professjoni tagħhom;

* Id-Direttiva 2011/83/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta’ Ottubru 2011 dwar drittijiet tal-konsumatur, li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 93/13/KEE u d-Direttiva 1999/44/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li tħassar id-Direttiva tal-Kunsill 85/577/KEE u d-Direttiva 97/7/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 304, 22.11.2011, p. 64).

** Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta’ Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1).”;

(3) fl-Artikolu 9, il-paragrafu 1(g) u (h), u l-paragrafi 5, 6 u 8 huma mħassra.

(4) jiddaħħal l-Artikolu 9a li ġej:

*“Artikolu 9a*

**Prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel**

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu l-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel fil-produzzjoni primarja, fl-ipproċessar u fil-manifattura, fil-bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni oħra tal-ikel, fir-ristoranti u fis-servizzi tal-ikel kif ukoll fl-unitajiet domestiċi. Dawk il-miżuri għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) l-iżvilupp u l-appoġġ ta’ interventi għall-bidla fl-imġiba biex jitnaqqas l-iskart tal-ikel, u kampanji ta’ informazzjoni għas-sensibilizzazzjoni dwar il-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel;

(b) l-identifikazzjoni u l-indirizzar tal-ineffiċjenzi fil-funzjonament tal-katina tal-provvista tal-ikel u l-appoġġ għall-kooperazzjoni fost l-atturi kollha, filwaqt li tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tal-kostijiet u tal-benefiċċji tal-miżuri ta’ prevenzjoni;

(c) l-inkoraġġiment tad-donazzjoni tal-ikel u ridistribuzzjoni oħra għall-konsum mill-bniedem, il-prijoritizzazzjoni tal-użu mill-bniedem fuq l-għalf tal-annimali u l-ipproċessar mill-ġdid fi prodotti mhux alimentari;

(d) l-appoġġ għat-taħriġ u l-iżvilupp tal-ħiliet kif ukoll l-iffaċilitar tal-aċċess għal opportunitajiet ta’ finanzjament, b’mod partikolari għall-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju u għall-atturi tal-ekonomija soċjali.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-atturi rilevanti kollha fil-katina tal-provvista jkunu involuti b’mod proporzjonali mal-kapaċità u r-rwol tagħhom fil-prevenzjoni tal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel tul il-katina tal-provvista tal-ikel, b’enfasi speċifika fuq il-prevenzjoni tal-impatt sproporzjonat fuq l-intrapriżi żgħar u ta’ daqs medju.

2. L-Istati Membri għandhom jimmonitorjaw u jivvalutaw l-implimentazzjoni tal-miżuri tagħhom għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel, inkluża l-konformità mal-miri għat-tnaqqis tal-ikel imsemmija fil-paragrafu 4, billi jkejlu l-livelli tal-iskart tal-ikel abbażi tal-metodoloġija stabbilita f’konformità mal-paragrafu 3.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38a biex tissupplimenta din id-Direttiva fir-rigward tal-istabbiliment ta' metodoloġija komuni u ta' rekwiżiti minimi ta' kwalità għall-kejl uniformi tal-livelli tal-iskart tal-ikel.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa u xierqa biex jilħqu, sal-31 ta' Diċembru 2030, il-miri li ġejjin għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel fil-livell nazzjonali:

(a) titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel fl-ipproċessar u fil-manifattura b'10 % meta mqabbla mal-ammont iġġenerat fl-2020;

(b) titnaqqas il-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel *per capita*, b'mod konġunt fil-bejgħ bl-imnut u distribuzzjoni oħra tal-ikel, fir-ristoranti u fis-servizzi tal-ikel u fl-unitajiet domestiċi, bi 30 % meta mqabbla mal-ammont iġġenerat fl-2020.

5. Fejn Stat Membru jkun jista' jipprovdi *data* għal sena ta' referenza qabel l-2020, li tkun inġabret bl-użu ta' metodi komparabbli mal-metodoloġija u r-rekwiżiti minimi ta' kwalità għall-kejl uniformi tal-livelli tal-iskart tal-ikel kif stabbilit fid-Deċiżjoni Delegata tal-Kummissjoni (UE) 2019/1597, tista' tintuża sena ta' referenza aktar bikrija. L-Istat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri l-oħra bl-intenzjoni tiegħu li juża sena ta' referenza aktar bikrija fi żmien 18-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva u għandu jipprovdi lill-Kummissjoni d-*data* u l-metodi ta' kejl użati biex jiġborha.

6. Meta l-Kummissjoni tqis li d-*data* ma tikkonformax mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 5, hija għandha, fi żmien 6 xhur minn meta tirċievi notifika magħmula f'konformità mal-paragrafu 5, tadotta deċiżjoni li titlob lill-Istat Membru biex jew juża l-2020 jew sena oħra għajr dik proposta mill-Istat Membru bħala sena ta' referenza.

7. Sal-31 ta' Diċembru 2027, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-miri li għandhom jintlaħqu sal-2030, stabbiliti fil-paragrafu 4, bil-ħsieb li, jekk ikun xieraq, timmodifikahom u/jew testendihom għal stadji oħra tal-katina tal-provvista tal-ikel, u tikkunsidra li tistabbilixxi miri ġodda lil hinn mill-2030. Għal dak il-għan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, akkumpanjat, jekk ikun xieraq, minn proposta leġiżlattiva.";

(5) fl-Artikolu 11, il-paragrafu 1, it-tielet sentenza hija sostitwita b'dan li ġej:

"Soġġett għall-Artikolu 10(2) u (3), l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu ġbir separat tal-inqas għall-karti, il-metall, il-plastik u l-ħġieġ.";

(6) fl-Artikolu 11b, il-paragrafu 1 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"1. Il-Kummissjoni għandha, f'kooperazzjoni mal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent, tfassal rapporti dwar il-progress lejn il-kisba tal-miri stabbiliti fl-Artikolu 9a(4), fl-Artikolu 11(2)(c), (d), u (e), u fl-Artikolu 11(3) sa mhux aktar tard minn 3 snin qabel kull skadenza stabbilita fihom.";

(7) jiddaħħlu l-Artikoli 22a sa 22d li ġejjin:

*"Artikolu 22a*

**Skema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għat-tessuti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi jkollhom ir-responsabbiltà estiża tal-produttur għal prodotti tat-tessuti tad-dar, oġġetti tal-ilbies, aċċessorji tal-ħwejjeġ

u xedd is-saqajn, ilbies u aċċessorji tal-ħwejjeġ elenkati fl-Anness IVc ("prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn") li huma jqiegħdu għad-dispożizzjoni fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru, f'konformità mal-Artikoli 8 u 8a.

2. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 38a biex temenda l-Anness IVc ta' din id-Direttiva sabiex iġġib il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda elenkati fl-Anness IVc ta' din id-Direttiva f'konformità mal-kodiċijiet elenkati fl-Anness 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87*.

3. L-Istati Membri għandhom jiddefinixxu b'mod ċar ir-rwoli u r-responsabbiltajiet tal-atturi rilevanti involuti fl-implimentazzjoni, fil-monitoraġġ u fil-verifika tal-iskema ta' responsabbiltà estiża tal-produttur imsemmija fil-paragrafu 1.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc ikopru l-kostijiet ta' dawn li ġejjin:

(a) il-ġbir tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' iskart elenkati fl-Anness IVc u l-immaniġġar sussegwenti tal-iskart li jinvolvi dan li ġej:

(1) il-ġbir ta' dawk il-prodotti użati għall-użu mill-ġdid u l-ġbir separat tal-iskart tal-prodotti għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ f'konformità mal-Artikoli 22c u 22d,

(2) it-trasport tat-tagħbijiet miġbura msemmija fil-punt (1) għas-separazzjoni sussegwenti għall-użu mill-ġdid, għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid u għall-operazzjonijiet ta' riċiklaġġ f'konformità mal-Artikolu 22d,

(3) is-separazzjoni, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ u operazzjonijiet oħra ta' rkupru u r-rimi tat-tagħbijiet miġbura msemmija fil-punt (1),

(4) il-ġbir, it-trasport u t-trattament imsemmija fil-punti (1) u (2) tal-iskart iġġenerat minn intrapriżi soċjali u operaturi oħra mhux tal-iskart li huma parti mis-sistema ta' ġbir imsemmija fl-Artikolu 22c, il-paragrafi 5 u 11;

(b) it-twettiq ta' stħarriġ dwar il-kompożizzjoni tal-iskart muniċipali mħallat li jinġabar f'konformità mal-Artikolu 22d(6);

(c) l-għoti ta' informazzjoni dwar il-konsum sostenibbli, il-prevenzjoni tal-iskart, l-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid, ir-riċiklaġġ, irkupru u rimi ieħor ta' prodotti tat-tessuti u ta' xedd is-saqajn f'konformità mal-Artikolu 22c(13)(14) u (17);

(d) il-ġbir u r-rapportar tad-*data* lill-awtoritajiet kompetenti f'konformità mal-Artikolu 37;

(e) l-appoġġ għar-riċerka u l-iżvilupp biex jittejbu l-proċessi tas-separazzjoni u tar-riċiklaġġ, b'mod partikolari, bil-għan li jiżdied ir-riċiklaġġ mill-fibra għall-fibra, mingħajr preġudizzju għar-regoli tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc ikopru l-kostijiet imsemmija fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu fir-rigward tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart elenkati fl-Anness IVc depożitati fil-punti ta' ġbir stabbiliti f'konformità mal-

Artikolu 22c(5) u (11), fejn dawn il-prodotti jkunu tqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta' Stat Membru wara [*L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal id-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*].

6. Il-kostijiet li għandhom jiġu koperti msemmija fil-paragrafu 4 ma għandhomx jaqbżu l-kostijiet li jkunu meħtieġa biex jiġu pprovduti s-servizzi msemmija f'dak il-paragrafu b'mod kosteffiċjenti u għandhom jiġu stabbiliti b'mod trasparenti bejn l-atturi kkonċernati.

7. Għall-finijiet ta' konformità mal-Artikolu 30(1)(d) u (e) tar-Regolament (UE) 2022/2065, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri ta' pjattaformi online, li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Kapitolu 3, it-Taqsima 4 ta' dak ir-Regolament, li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod ma' produtturi li joffru prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc lill-konsumaturi li jinsabu fl-Unjoni, jiksbu l-informazzjoni li ġejja mingħand il-produtturi;

   (a) informazzjoni dwar ir-reġistrazzjoni fir-reġistru tal-produtturi msemmi fl-Artikolu 22b fl-Istat Membru fejn ikun jinsab il-konsumatur u n-numru/i tar-reġistrazzjoni tal-produttur f'dak ir-reġistru;

   (b) awtoċertifikazzjoni mill-produttur li jimpenja ruħu li joffri biss prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc li fir-rigward tagħhom ir-rekwiżiti ta' responsabbiltà estiża tal-produttur imsemmija fil-paragrafi 1 u 4 ta' dan l-Artikolu u fl-Artikolu 22c(1) jiġu mħarsa fl-Istat Membru fejn ikun jinsab il-konsumatur.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-iskemi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur stabbiliti fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu jiġu stabbiliti sa [*L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal id-data ta' tletin xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*] f'konformità mal-Artikoli 8, 8a, 22a sa 22d.

*Artikolu 22b*

**Reġistru tal-produtturi tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn**

1. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu reġistru tal-produtturi tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc biex jimmonitorjaw il-konformità ta' dawk il-produtturi mal-Artikoli 22a u 22c(1).

   L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-reġistru jipprovdi links għal reġistri nazzjonali oħra biex tiġi ffaċilitata r-reġistrazzjoni tal-produtturi fl-Istati Membri kollha.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi jkunu meħtieġa jirreġistraw fir-reġistru msemmi fil-paragrafu 1. Għal dak il-għan, l-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-produtturi jissottomettu applikazzjoni għar-reġistrazzjoni f'kull Stat Membru fejn iqiegħdu fis-suq il-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc għall-ewwel darba.

3. L-Istati Membri għandhom jippermettu biss lill-produtturi jqiegħdu fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju tagħhom il-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc fejn huma jew, fil-każ

ta’ awtorizzazzjoni, ir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom għar-responsabbiltà estiża tal-produttur, ikunu rreġistrati f’dak l-Istat Membru.

4. L-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni għandha tinkludi l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-isem, it-trademark u l-ismijiet tad-ditti, fejn ikunu disponibbli, li bihom jopera l-produttur fl-Istat Membru u l-indirizz tal-produttur inklużi l-kodiċi postali u l-post, it-triq u n-numru, il-pajjiż, it-telefon, jekk ikun hemm, l-indirizz web u l-indirizz tal-posta elettronika, u l-isem tal-punt uniku ta’ kuntatt;

(b) il-kodiċi ta’ identifikazzjoni nazzjonali tal-produttur, inkluż in-numru tar-reġistru kummerċjali tiegħu jew in-numru tar-reġistrazzjoni uffiċjali ekwivalenti u n-numru ta’ identifikazzjoni tat-taxxa tal-Unjoni jew nazzjonali;

(c) il-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta’ xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc li l-produttur ikun beħsiebu jqiegħed fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju ta’ dak l-Istat Membru;

(d) l-isem, il-kodiċi postali, il-post, it-triq u n-numru, il-pajjiż, it-telefon, l-indirizz web, l-indirizz tal-posta elettronika u l-kodiċi ta’ identifikazzjoni nazzjonali tal-organizzazzjoni b’kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, in-numru tar-reġistru kummerċjali jew numru tar-reġistrazzjoni uffiċjali ekwivalenti, in-numru ta’ identifikazzjoni tat-taxxa tal-Unjoni jew nazzjonali tal-organizzazzjoni b’kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, u l-mandat tal-produttur rappreżentat;

(e) dikjarazzjoni mill-produttur jew mill-organizzazzjoni b’kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, li tiddikjara li l-informazzjoni pprovduta hija vera.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-obbligi skont dan l-Artikolu jistgħu, f’isem il-produttur, jiġu ssodisfati minn organizzazzjoni b’kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi.

Fejn produttur ikun nominat organizzazzjoni b’kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, l-obbligi skont dan l-Artikolu għandhom jiġu ssodisfati minn dik l-organizzazzjoni *mutatis mutandis* sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor mill-Istat Membru.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtorità kompetenti:

(a) tirċievi l-applikazzjonijiet għar-reġistrazzjoni tal-produtturi msemmija fil-paragrafu 2 permezz ta’ sistema elettronika tal-ipproċessar tad-*data* li d-dettalji tagħha għandhom ikunu disponibbli fuq is-sit web tal-awtoritajiet kompetenti;

(b) tagħti reġistrazzjonijiet u tipprovdi numru tar-reġistrazzjoni f’perjodu massimu ta’ 12-il ġimgħa mill-mument li tiġi pprovduta l-informazzjoni stabbilita fil-paragrafu 4;

(c) tkun tista’ tistabbilixxi arranġamenti dettaljati fir-rigward tar-rekwiżiti u l-proċess tar-reġistrazzjoni mingħajr ma żżid rekwiżiti sostantivi ma’ dawk stabbiliti fil-paragrafu 4;

(d) tkun tista’ titlob tariffi proporzjonati u bbażati fuq il-kostijiet mingħand il-produtturi għall-ipproċessar tal-applikazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 2.

7. L-awtorità kompetenti tista' tirrifjuta jew tirtira r-reġistrazzjoni tal-produttur meta l-informazzjoni deskritta fil-paragrafu 4 u l-evidenza dokumentarja relatata ma tiġix ipprovduta jew ma tkunx suffiċjenti jew meta l-produttur ma jkunx għadu jissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 4(d).

8. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-produttur, jew, fejn applikabbli, l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi tinnotifika lill-awtorità kompetenti mingħajr dewmien bla bżonn dwar kwalunkwe bidla fl-informazzjoni li tinsab fir-reġistrazzjoni f'konformità mal-paragrafu 4(d), u dwar kwalunkwe waqfien permanenti fir-rigward tat-tqegħid fis-suq għall-ewwel darba fit-territorju tal-Istat Membru tal-prodotti tat-tessuti u ta' xedd is-saqajn imsemmija fir-reġistrazzjoni. Produttur għandu jiġi eskluż mir-reġistru tal-produtturi jekk huwa ma jkunx għadu jeżisti.

9. Fejn l-informazzjoni fir-reġistru tal-produtturi ma tkunx aċċessibbli għall-pubbliku, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-fornituri ta' pjattaformi online li jippermettu lill-konsumaturi jikkonkludu kuntratti mill-bogħod mal-produtturi jingħataw aċċess, b'xejn, għar-reġistru.

10. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format armonizzat għar-reġistrazzjoni fir-reġistru abbażi tar-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 4 ta' dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2).

*Artikolu 22c*

**Organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għat-tessuti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-produtturi ta' prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc jinnominaw organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi biex twettaq l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur tagħhom stabbiliti fl-Artikolu 22a f'isimhom.

2. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi li jkun beħsiebhom iwettqu l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur f'isem il-produtturi f'konformità mal-Artikoli 8a(3), 22a, 22b, 22d u dan l-Artikolu jiksbu awtorizzazzjoni minn awtorità kompetenti.

3. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jiżguraw li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lilhom mill-produtturi ta' prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc:

   (a) ikunu bbażati fuq il-piż tal-prodotti kkonċernati u, għall-prodotti tat-tessuti elenkati fil-Parti 1 tal-Anness IVc, ikunu modulati abbażi tar-rekwiżiti tal-ekodisinn adottati skont ir-Regolament .../... tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [*L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal in-numru tas-serje għar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli meta jiġi adottat*]** li huma l-aktar rilevanti għall-prevenzjoni tal-iskart tat-tessuti u għat-trattament tat-tessuti f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart u l-metodoloġiji

ta' kejl korrispondenti għal dawk il-kriterji adottati skont dak ir-Regolament jew abbażi ta' liġi oħra tal-Unjoni li tistabbilixxi kriterji ta' sostenibbiltà u metodi ta' kejl armonizzati għall-prodotti tat-tessuti, u li jiżguraw it-titjib tas-sostenibbiltà ambjentali u ċ-ċirkolarità tat-tessuti;

(b) jiġu aġġustati biex jitqies kwalunkwe dħul mill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi mill-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid jew mill-valur tal-materja prima sekondarja mit-tessuti ta' skart riċiklati;

(c) jiżguraw it-trattament ugwali tal-produtturi irrispettivament mill-oriġini jew id-daqs tagħhom, mingħajr ma jpoġġu piż sproporzjonat fuq il-produtturi, inklużi l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju, ta' kwantitajiet żgħar ta' prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc.

4. Fejn ikun meħtieġ biex tiġi evitata d-distorsjoni tas-suq intern u tiġi żgurata l-konsistenza mar-rekwiżiti tal-ekodisinn adottati skont l-Artikolu 4 li jinqara flimkien mal-Artikolu 5 tar-Regolament.../... [*L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet* għandu j*daħħal in-numru tas-serje għar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli meta jiġi adottat*], il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-kriterji ta' modulazzjoni tat-tariffi għall-applikazzjoni tal-paragrafu 3(a) ta' dan l-Artikolu. Dak l-att ta' implimentazzjoni ma għandux jikkonċerna d-determinazzjoni preċiża tal-livell tal-kontribuzzjonijiet u għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2) ta' din id-Direttiva.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jistabbilixxu sistema ta' ġbir separat għall-prodotti tat-tessuti, għall-prodotti relatati mat-tessuti u għall-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart elenkati fl-Anness IVc, irrispettivament min-natura, mill-kompożizzjoni tal-materjali, mill-kundizzjoni, mill-isem, mill-marka, mit-trademark jew mill-oriġini tagħhom, fit-territorju ta' Stat Membru fejn huma jqiegħdu dawk il-prodotti fis-suq għall-ewwel darba. Is-sistema ta' ġbir separat għandha:

(a) toffri l-ġbir ta' dawn il-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart lill-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 6(a), u tipprevedi l-arranġamenti prattiċi meħtieġa għall-ġbir u għat-trasport ta' dawn il-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart, inkluż il-forniment, b'xejn, ta' kontenituri xierqa għall-ġbir u għat-trasport lejn il-punti ta' ġbir konnessi ("punti ta' ġbir konnessi");

(b) tiżgura l-ġbir, b'xejn, ta' dawn il-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart miġbura fil-punti ta' ġbir konnessi, bi frekwenza li tkun proporzjonata għaż-żona koperta u l-volum ta' dawn il-prodotti tat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart li normalment jinġabru permezz ta' dawk il-punti ta' ġbir;

(c) tiżgura l-ġbir, b'xejn, tal-iskart iġġenerat mill-intrapriżi soċjali u minn operaturi oħra mhux tal-iskart minn dawn il-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn miġbura permezz tal-punti ta' ġbir konnessi.

Kwalunkwe koordinazzjoni fost l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi tibqa' soġġetta għar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistema ta' ġbir imsemmija fil-paragrafu 5:

(a) tikkonsisti f'punti ta' ġbir stabbiliti mill-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi u l-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart f'isimhom f'kooperazzjoni ma' wieħed jew aktar minn dawn li ġejjin: intrapriżi soċjali u entitajiet tal-ekonomija soċjali, distributuri, awtoritajiet pubbliċi jew partijiet terzi li jwettqu l-ġbir f'isimhom ta' prodotti tat-tessuti, ta' prodotti relatati mat-tessuti u ta' prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart elenkati fl-Anness IVc, u punti ta' ġbir oħra volontarji;

(b) tkopri t-territorju kollu tal-Istat Membru b'kont meħud tad-daqs u tad-densità tal-popolazzjoni, tal-volum mistenni ta' prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart elenkati fl-Anness IVc, tal-aċċessibbiltà u tal-viċinanza għall-utenti finali, li ma tkunx limitata għal żoni fejn il-ġbir u l-ġestjoni sussegwenti ta' dawk il-prodotti jkunu bi profitt;

(c) iżżomm żieda sostnuta tar-rata ta' ġbir separat biex jinkisbu livelli teknikament fattibbli filwaqt li jitqiesu l-prattiki tajbin.

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li r-rata ta' ġbir imsemmija fil-paragrafu 6(c) tiġi kkalkulata f'konformità mal-paragrafi 8 u 9.

8. Ir-rata ta' ġbir separat imsemmija fil-paragrafu 6(c) għandha tiġi kkalkolata bħala l-perċentwal miksub bid-diviżjoni tal-piż ta' prodotti tat-tessuti ta' skart, ta' prodotti relatati mat-tessuti u ta' prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc miġbura f'konformità mal-paragrafu 5 f'sena kalendarja partikolari fi Stat Membru bil-piż ta' dawn il-prodotti tat-tessuti ta' skart, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn li jiġi ġġenerat u miġbur bħala skart muniċipali mħallat.

9. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-metodoloġija għall-kalkolu u għall-verifika tar-rata ta' ġbir separat msemmija fil-paragrafu 6(c) ta' dan l-Artikolu. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2).

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi ma jkunux jistgħu jirrifjutaw il-parteċipazzjoni ta' intrapriżi soċjali u ta' operaturi oħra tal-użu mill-ġdid fis-sistema ta' ġbir separat stabbilita skont il-paragrafu 5.

11. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 5(a) u (b), u l-paragrafu 6(a), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intrapriżi soċjali jkunu jistgħu jżommu u joperaw il-punti ta' ġbir separat tagħhom u li jingħataw trattament ugwali jew preferenzjali fil-post tal-punti ta' ġbir separat. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-intrapriżi soċjali u l-entitajiet tal-ekonomija soċjali li jkunu parti mill-punti ta' ġbir konnessi f'konformità mal-paragrafu 6(a) ma jkunux meħtieġa jgħaddu l-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart miġbura, elenkati fl-Anness IVc lill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi.

12. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-punti ta' ġbir stabbiliti f'konformità mal-paragrafi 5, 6 u 11 ma jkunux soġġetti għar-rekwiżiti ta' reġistrazzjoni jew ta' permess ta' din id-Direttiva.

13. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, minbarra l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8a(2), l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-

produtturi jqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-utenti finali, b'mod partikolari għall-konsumaturi, l-informazzjoni li ġejja dwar il-konsum sostenibbli, l-użu mill-ġdid u l-ġestjoni fi tmiem il-ħajja tat-tessuti u tax-xedd is-saqajn fir-rigward tal-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc li l-produtturi jqiegħdu għad-dispożizzjoni fit-territorju ta' Stat Membru:

(a) ir-rwol tal-konsumaturi biex jikkontribwixxu għall-prevenzjoni tal-iskart, inkluż kwalunkwe l-aħjar prattika, b'mod partikolari billi jitrawmu mudelli ta' konsum sostenibbli u tiġi promossa kura tajba tal-prodotti waqt l-użu;

(b) l-arranġamenti għall-użu mill-ġdid u t-tiswija disponibbli għat-tessuti u għax-xedd is-saqajn;

(c) ir-rwol tal-konsumaturi biex jikkontribwixxu għall-ġbir separat tat-tessuti u tax-xedd is-saqajn użati u ta' skart;

(d) l-impatt fuq l-ambjent, is-saħħa tal-bniedem kif ukoll id-drittijiet soċjali u tal-bniedem tal-produzzjoni tat-tessuti, b'mod partikolari l-prattiki tal-moda mgħaġġla u l-konsum, ir-riċiklaġġ u rkupru u rimi ieħor u l-iskartar mhux xieraq tal-iskart tat-tessuti u tax-xedd is-saqajn, bħar-rimi jew l-iskartar fl-iskart muniċipali mħallat.

14. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi tipprovdi l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 13 fuq bażi regolari, li l-informazzjoni tkun aġġornata u tiġi pprovduta permezz ta':

(a) sit web jew mezz ieħor ta' komunikazzjoni elettronika;

(b) informazzjoni fl-ispazji pubbliċi;

(c) programmi u kampanji edukattivi;

(d) is-sinjalar b'lingwa, jew b'lingwi, li jistgħu jinftiehmu faċilment mill-utenti u mill-konsumaturi.

15. Fejn, fi Stat Membru, diversi organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jkunu awtorizzati jwettqu l-obbligi ta' responsabbiltà estiża tal-produttur f'isem il-produtturi, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn ikopru t-territorju kollu tal-Istat Membru tas-sistema ta' ġbir separat għall-prodotti tat-tessuti, għall-prodotti relatati mat-tessuti u għall-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart elenkati fl-Anness IVc. L-Istati Membri għandhom jinkarigaw lill-awtorità kompetenti jew jaħtru parti terza indipendenti biex tissorvelja li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jwettqu l-obbligi tagħhom b'mod koordinat u f'konformità mar-regoli tal-kompetizzjoni tal-Unjoni.

16. L-Istati Membri għandhom jirrikjedu li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jiżguraw il-kunfidenzjalità tad-*data* fil-pussess tagħhom fir-rigward tal-informazzjoni proprjetarja jew tal-informazzjoni direttament attribwibbli lil produtturi individwali jew lir-rappreżentanti awtorizzati tagħhom.

17. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jippubblikaw fuq is-siti web tagħhom, minbarra l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 8a(3)(e):

(a) mill-anqas kull sena, soġġett għall-kunfidenzjalità kummerċjali u industrijali, l-informazzjoni dwar l-ammont ta' prodotti introdotti fis-suq, ir-rata tal-ġbir separat tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart elenkati fl-Anness IVc, inklużi prodotti mhux

mibjugħa bħal dawn, dwar ir-rati tal-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ, li tispeċifika separatament ir-rata ta' riċiklaġġ mill-fibra għall-fibra, miksuba mill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi, u dwar ir-rati ta' rkupru, rimi u esportazzjonijiet oħra;

(b) informazzjoni dwar il-proċedura tal-għażla għall-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart magħżula f'konformità mal-paragrafu 18.

18. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jipprevedu proċedura tal-għażla mhux diskriminatorja, ibbażata fuq kriterji trasparenti tal-għoti, mingħajr ma jpoġġu piż sproporzjonat fuq l-intrapriżi żgħar u ta' daqs medju biex jakkwistaw servizzi tal-immaniġġar tal-iskart mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart imsemmija fil-paragrafu 6(a) u mill-operaturi tal-immaniġġar tal-iskart biex iwettqu trattament sussegwenti tal-iskart.

19. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jirrikjedu r-rapportar tad-*data* mill-produtturi dwar il-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc li jqiegħdu fis-suq fuq bażi annwali.

*Artikolu 22d*

**Immaniġġar tal-iskart tat-tessuti**

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw, sal-1 ta' Jannar 2025 u soġġett għall-Artikolu 10(2) u (3), il-ġbir separat tat-tessuti għall-użu mill-ġdid, għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid u għar-riċiklaġġ.

2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-infrastruttura u l-operazzjonijiet tal-ġbir, tat-tagħbija u tal-ħatt, tat-trasport u tal-ħżin u ta' mmaniġġar ieħor tal-iskart tat-tessuti, inkluż f'operazzjonijiet sussegwenti ta' separazzjoni u ta' trattament, jirċievu protezzjoni mill-kundizzjonijiet tat-temp u sorsi oħra ta' kontaminazzjoni biex jiġu evitati l-ħsara u l-kontaminazzjoni kroċjata tat-tessuti miġbura. It-tessuti użati u t-tessuti ta' skart miġbura separatament għandhom ikunu soġġetti għal skrinjar fil-punt tal-ġbir separat biex jiġu identifikati u jitneħħew oġġetti jew materjali jew sustanzi mhux fil-mira li jkunu sors ta' kontaminazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart li jinġabru separatament f'konformità mal-Artikolu 22c(5) jitqiesu bħala skart mal-ġbir.

Fir-rigward tat-tessuti għajr il-prodotti elenkati fl-Anness IVc, kif ukoll il-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn mhux mibjugħa elenkati fl-Anness IVc, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-frazzjonijiet differenti tal-materjali tat-tessuti u tal-oġġetti tat-tessuti jinżammu separati fil-punt tal-ġenerazzjoni tal-iskart meta din is-separazzjoni tiffaċilita l-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid jew ir-riċiklaġġ sussegwenti, inkluż ir-riċiklaġġ mill-fibra għall-fibra fejn il-progress teknoloġiku jippermetti.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti tat-tessuti, il-prodotti relatati mat-tessuti u l-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart li jinġabru separatament f'konformità mal-Artikolu 22c(5), ikunu soġġetti għal operazzjonijiet ta'

separazzjoni biex jiġi żgurat it-trattament f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart stabbilita fl-Artikolu 4(1).

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-operazzjonijiet ta' separazzjoni ta' prodotti tat-tessuti, prodotti relatati mat-tessuti u prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart li jinġabru separatament f'konformità mal-Artikolu 22c(5) jikkonformaw mar-rekwiżiti li ġejjin:

(a) l-operazzjoni tas-separazzjoni għandha tiġġenera tessuti għall-użu mill-ġdid u t-tħejjija għall-użu mill-ġdid;

(b) l-operazzjonijiet tas-separazzjoni għall-użu mill-ġdid jisseparaw l-oġġetti tat-tessuti f'livell xieraq ta' granularità, billi jisseparaw il-frazzjonijiet li jkunu tajbin għall-użu mill-ġdid dirett minn dawk li għandhom ikunu soġġetti għal aktar operazzjonijiet ta' tħejjija għall-użu mill-ġdid, jimmiraw suq speċifiku ta' użu mill-ġdid billi japplikaw kriterji ta' separazzjoni aġġornati rilevanti għas-suq riċeventi;

(c) l-oġġetti li jiġu vvalutati bħala mhux xierqa għall-użu mill-ġdid jiġu magħżula għar-riċiklaġġ u, fejn il-progress teknoloġiku jippermetti, speċifikament għar-riċiklaġġ mill-fibra għall-fibra.

(d) l-output tal-operazzjonijiet ta' separazzjoni u ta' rkupru sussegwenti destinat għall-użu mill-ġdid jissodisfa l-kriterji biex ma jibqax jitqies bħala skart, kif imsemmi fl-Artikolu 6.

6. Sal-31 ta' Diċembru 2025 u kull ħames snin wara dan, l-Istati Membri għandhom iwettqu stħarriġ dwar il-kompożizzjoni tal-iskart muniċipali mħallat miġbur biex jiddeterminaw is-sehem tat-tessuti ta' skart fih. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, abbażi tal-informazzjoni miksuba, l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jirrikjedu li l-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi jieħdu azzjoni korrettiva biex iżidu n-network tagħhom ta' punti ta' ġbir u jwettqu kampanji ta' informazzjoni f'konformità mal-Artikolu 22c(13) u (14).

7. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, sabiex issir distinzjoni bejn it-tessuti użati u t-tessuti taż skart, il-vjeġġi tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati li jkunu ssuspettati li huma skart jistgħu jiġu spezzjonati mill-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri għall-konformità mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-paragrafi 8 u 9 għall-vjeġġi tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati elenkati fl-Anness IVc u jiġu mmonitorjati kif xieraq.

8. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vjeġġi rranġati fuq bażi professjonali tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi ta' żamma tar-rekords stabbiliti fil-paragrafu 9 u jkunu akkumpanjati tal-anqas mill-informazzjoni li ġejja:

(a) kopja tal-fattura u tal-kuntratt relatat mal-bejgħ jew mat-trasferiment tas-sjieda tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn li tiddikjara li dawn ikunu destinati għall-użu mill-ġdid dirett u li huma tajbin għall-użu mill-ġdid dirett;

(b) evidenza ta' operazzjoni ta' separazzjoni minn qabel imwettqa f'konformità ma' dan l-Artikolu u, fejn ikunu disponibbli, il-kriterji adottati skont l-Artikolu 6(2), fil-forma ta' kopja tar-rekords dwar kull balla fil-konsenja u protokoll li jkun fih l-informazzjoni kollha tar-rekords skont il-paragrafu 9;

(c) dikjarazzjoni magħmula mill-persuna fiżika jew ġuridika fil-pussess tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti jew tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati li tirranġa, fuq bażi professjonali, it-trasport tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati li l-ebda materjal fil-kunsinna ma jkun skart kif definit fl-Artikolu 3(1);

(d) protezzjoni xierqa kontra l-ħsara waqt it-trasport, it-tagħbija u l-ħatt, b'mod partikolari, permezz ta' imballaġġ suffiċjenti u stivar xieraq tat-tagħbija.

9. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-vjeġġi tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati jikkonformaw mar-rekwiżiti minimi ta' żamma tar-rekords li ġejjin:

(a) ir-rekord tal-operazzjonijiet ta' separazzjoni jew ta' tħejjija għall-użu mill-ġdid għandu jitwaħħal b'mod sikur iżda mhux permanenti fuq l-imballaġġ;

(b) ir-rekord għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

(1) deskrizzjoni tal-oġġett jew tal-oġġetti preżenti fil-balla li tirrifletti l-granularità tal-għażla l-aktar dettaljata li l-oġġetti tat-tessuti jkunu għaddew minnha matul l-operazzjonijiet ta' separazzjoni jew ta' tħejjija għall-użu mill-ġdid bħat-tip ta' ħwejjeġ, id-daqs, il-kulur, il-ġeneru, il-kompożizzjoni tal-materjali,

(2) l-isem u l-indirizz tal-kumpanija responsabbli għas-separazzjoni finali jew għat-tħejjija għall-użu mill-ġdid.

10. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li, fejn l-awtoritajiet kompetenti fi Stat Membru jistabbilixxu li vjeġġ maħsub tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati jkun jikkonsisti fi skart, il-kostijiet tal-analiżijiet, tal-ispezzjonijiet u tal-ħażna xierqa tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn li jkunu ssuspettati li huma skart jistgħu jiġu mitluba lill-produtturi tal-prodotti tat-tessuti, tal-prodotti relatati mat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn elenkati fl-Anness IVc, lill-partijiet terzi li jaġixxu f'isimhom jew lil persuni oħra li jirranġaw il-vjeġġ.

* Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87, tat-23 ta' Lulju, 1987, dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 256, 7.9.1987, p. 1).

** Ir-Regolament …/… (ĠU …..p. ) [*L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal id-dettalji tal-pubblikazzjoni għar-Regolament dwar l-Ekodisinn għal Prodotti Sostenibbli*]";

(8) fl-Artikolu 29, jitħassar il-paragrafu 2a.

(9) jiddaħħal l-Artikolu 29a li ġej:

*"Artikolu 29a*

**Programmi għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel**

1. Sa [*L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal id-data ta' sentejn wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*], l-Istati Membri għandhom jirrieżaminaw u jadattaw il-programmi tagħhom għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel, bil-għan li jintlaħqu l-miri previsti fl-Artikolu 9a(4). Dawk il-programmi għandhom tal-anqas

jinkludu l-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 9(1) u 9a(1)) u, fejn ikun rilevanti, il-miżuri elenkati fl-Annessi IV u IVa.

2. Kull Stat Membru għandu jinnominaw l-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-koordinazzjoni tal-miżuri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel implimentati sabiex tintlaħaq il-mira stabbilita fl-Artikolu 9a(4) u jinforma b'dan lill-Kummissjoni sa [*L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal id-data ta' fi żmien tliet xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*]. Il-Kummissjoni għandha sussegwentement tippubblika dik l-informazzjoni fuq is-sit web rilevanti tal-UE.";

(10) L-Artikolu 37 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 3, l-ewwel subparagrafu huwa sostitwit b'dan li ġej:

"Kull sena l-Istati Membri għandhom jirrapportaw d-*data* dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 9(4) u d-*data* msemmija fl-Artikolu 22c(17)(a) lill-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent. L-Istati Membri ma għandhomx ikunu meħtieġa jirrapportaw *data* kwantitattiva dwar l-użu mill-ġdid tat-tessuti skont l-Artikolu 9(4). Kull sena l-Istati Membri għandhom jirrapportaw id-*data* dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 9a(2) lill-Kummissjoni.";

(b) il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"7. Il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format għar-rapportar tad-*data* msemmija fil-paragrafi 1, 3, 4 u 5 ta' dan l-Artikolu. Għall-finijiet tar-rapportar dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 11(2)(a) u (b), l-Istati Membri għandhom jużaw il-format stabbilit fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-18 ta' April 2012 li tistabbilixxi kwestjonarju għar-rapporti tal-Istati Membri dwar l-implimentazzjoni tad-Direttiva 2008/98/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-iskart. Għall-fini ta' rapportar dwar l-iskart tal-ikel, il-metodoloġija żviluppata skont l-Artikolu 9a(3) għandha titqies meta jkun qed jiġi żviluppat il-format għar-rapportar. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 39(2) ta' din id-Direttiva.";

(11) L-Artikolu 38 huwa emendat kif ġej:

(a) il-paragrafi 2 u 3 huma sostitwiti b'dan li ġej:

"2. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikoli 7(1), 9a(3), 11a(10), 27(1), 27(4), 38(2) u 38(3) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin mill-4 ta' Lulju 2018. Is-setgħa tal-adozzjoni ta' atti delegati msemmija fl-Artikolu 22a(2) għandha tingħata lill-Kummissjoni għal perjodu ta' 5 snin minn [*L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal id-data ta' 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*]. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega tas-setgħa mhux aktar tard minn 9 xhur qabel tmiem il-perjodu ta' 5 snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel tmiem kull perjodu.

3. Id-delega tas-setgħa msemmija fl-Artikoli 7(1), 9a(3), 11a(10), 22a(2), 27(1), 27(4), 38(2) u 38(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha ssir effettiva fil-jum wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data

aktar tard speċifikata fih. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.";

(b) il-paragrafu 6 huwa sostitwit b'dan li ġej:

"6. Att delegat adottat skont l-Artikoli 7(1), 9a(3), 11a(10), 22a(2), 27(1), 27(4), 38(2) u 38(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.";

(12) Jiddaħħal l-Anness IVc kif stabbilit fl-Anness ta' din id-Direttiva.

*Artikolu 2*

**Traspożizzjoni**

1. L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa biex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn [*L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet għandu jdaħħal id-data ta' 18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva emendatorja*]. Huma għandhom jikkomunikaw minnufih it-test ta' dawk id-dispożizzjonijiet lill-Kummissjoni.

   Meta l-Istati Membri jadottaw dawk id-dispożizzjonijiet, fihom għandu jkun hemm referenza għal din id-Direttiva jew għandhom ikunu akkumpanjati minn dik ir-referenza meta ssir il-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Huma l-Istati Membri li għandhom jiddeċiedu kif issir dik ir-referenza.

2. L-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni t-test tad-dispożizzjonijiet prinċipali tad-dritt nazzjonali li jadottaw fil-qasam kopert minn din id-Direttiva.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 4*

**Destinatarji**

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

**1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

**1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva**

**1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)**

**1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':**

**1.4. Objettiv(i)**

*1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

*1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

*1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

**1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva**

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

*1.5.2. Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

**1.6. Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva**

**1.7. Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)**

**2. MIŻURI TA' ĠESTJONI**

**2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar**

**2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll**

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

**2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet**

**3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA**

**3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i**

**3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet**

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

*3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

*3.2.3.1. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani*

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

**3.3. Impatt stmat fuq id-dħul**

# 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

## 1.1. Titolu tal-proposta/tal-inizjattiva

| |
|---|
| Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li temenda d-Direttiva 2008/98/KE dwar l-iskart |

## 1.2. Qasam/Oqsma ta' politika kkonċernat(i)

| |
|---|
| 09 –Ambjent u Tibdil fil-Klima |

## 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva hija relatata ma':

☒ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida b'segwitu għal proġett pilota/azzjoni preparatorja**[86]

☒ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjonar ta' azzjoni waħda jew aktar lejn azzjoni oħra/ġdida**

## 1.4. Objettiv(i)

### *1.4.1. Objettiv(i) ġenerali*

L-objettivi ġenerali tal-emenda tad-Direttiva Qafas dwar l-Iskart, rispettivament għat-tessuti u għall-ikel huma li:

- jitnaqqsu l-impatti ambjentali u klimatiċi, tiżdied il-kwalità tal-ambjent u tittejjeb is-saħħa pubblika assoċjata mal-immaniġġar tal-iskart tat-tessuti f'konformità mal-ġerarkija tal-iskart,

- jitnaqqsu l-impatti ambjentali u klimatiċi tas-sistemi tal-ikel assoċjati mal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel. Il-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel tikkontribwixxi wkoll għas-sigurtà tal-ikel.

### *1.4.2. Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi*

Għall-iskart tat-tessuti, din il-proposta għandha l-għan li ttejjeb l-immaniġġar tal-iskart tat-tessuti f'konformità mal-"ġerarkija tal-iskart" minquxa fid-WFD, billi tingħata prijorità lill-prevenzjoni tal-iskart, lit-tħejjija għall-użu mill-ġdid u lir-riċiklaġġ tat-tessuti fuq għażliet oħra ta' rkupru u r-rimi u timplimenta l-prinċipju ta' min iniġġes iħallas.

Għall-iskart tal-ikel, l-objettivi speċifiċi huma li tiġi assenjata responsabbiltà ċara lill-Istati Membri biex jaċċelleraw it-tnaqqis tal-iskart tal-ikel f'konformità mal-Mira 12.3 tal-SDG u li jiġi żgurat rispons suffiċjenti u konsistenti mill-Istati Membri kollha.

### *1.4.3. Riżultat(i) u impatt mistennija*

*Speċifika l-effetti li l-proposta/l-inizjattiva jenħtieġ li jkollha fuq il-benefiċjarji/il-gruppi fil-mira.*

Ir-riżultati mistennija huma kif ġej:

- Tnaqqis tal-iskart tat-tessuti, żieda fl-użu mill-ġdid, fit-tħejjija għall-użu mill-ġdid u fir-riċiklaġġ tat-tessuti, inċentivi għat-tfassil tat-tessuti biex jiġi ffaċilitat l-użu mill-ġdid, it-tħejjija għall-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ (permezz tar-responsabbiltà estiża

[86] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

tal-produttur) kif ukoll il-ġenerazzjoni ta' possibbiltajiet finanzjarji biex tiżdied l-infrastruttura tal-użu mill-ġdid, tat-tħejjija għall-użu mill-ġdid u tar-riċiklaġġ meħtieġa fl-UE

- Benefiċċji addizzjonali ta' EUR 656 miljun ta' tessuti li jistgħu jerġgħu jintużaw u riċiklabbli għas-suq tal-użu mill-ġdid u r-riċiklaġġ tal-UE kif ukoll appoġġ għal redditi globali annwali ta' EUR 3,5-4,5 biljun mill-investimenti fir-responsabbiltà estiża tal-produttur

- Tnaqqis addizzjonali tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra ugwali għal EUR 16-il miljun fis-sena mit-tessuti

- 8 740 impjieg maħluqa fl-immaniġġar tal-iskart

- Tnaqqis fil-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel b'10 % fl-ipproċessar u fil-manifattura tal-ikel u bi 30 % fil-bejgħ bl-imnut, fis-servizzi tal-ikel u fl-unitajiet domestiċi (sal-2030)

- Valur miżjud globali għall-ekonomija tal-UE ta' EUR 1,6 biljun (inklużi l-kostijiet imsemmija hawn fuq)

- Iffrankar fin-nefqa domestika fuq l-ikel ta' EUR 439 fis-sena għal kull unità domestika (4 persuni)

- Tnaqqis f'għadd ta' impatti ambjentali relatati mal-ikel bħall-emissjonijiet tal-gassijiet serra, l-ewtrofikazzjoni tal-baħar, l-użu tal-art jew l-iskarsezza tal-ilma – ta' valur globali stmat għal EUR 9-23 biljun, inkluż bejn 16,5 u 62 miljun tunnellata ta' tnaqqis stmat fl-emissjonijiet tal-gassijiet serra

*1.4.4. Indikaturi tal-prestazzjoni*

*Speċifika l-indikaturi għall-monitoraġġ tal-progress u tal-kisbiet.*

L-indikaturi tal-progress u l-ilħuq tal-objettivi se jkunu:

- Stħarriġ dwar il-kompożizzjoni tal-iskart muniċipali mħallat li jinġabar biex jiġi ddeterminat is-sehem tat-tessuti ta' skart fih

- *Data* dwar it-tħejjija għall-użu mill-ġdid tat-tessuti użati u t-tessuti ta' skart

- Informazzjoni dwar ir-rata ta' ġbir separat tal-prodotti tat-tessuti u tal-prodotti ta' xedd is-saqajn użati u ta' skart elenkati fl-Anness IVc, ir-rata tal-użu mill-ġdid u tat-tħejjija għall-użu mill-ġdid u ta' riċiklaġġ miksuba mill-organizzazzjoni b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi

- Sal-2030, il-kisba ta' tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel b'10 % tal-ipproċessar u tal-manifattura tal-ikel u bi 30 % tal-bejgħ bl-imnut, tas-servizzi tal-ikel u tal-unitajiet domestiċi

## 1.5. Raġunijiet għall-proposta/għall-inizjattiva

*1.5.1. Rekwiżit(i) li jrid(u) jiġi/u ssodisfat(i) fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għat-tnedija tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Ir-rekwiżiti dettaljati jkunu jridu jiġu speċifikati permezz tal-atti ta' implimentazzjoni f'perjodu ta' żmien ta' madwar 3 snin. Dawn se jkopru dawn li ġejjin:

- Atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format armonizzat għar-reġistrazzjoni fir-reġistru

- Atti delegati possibbli biex jiġu emendati l-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda elenkati fl-Anness IVc biex jinġiebu konformi mal-kodiċijiet elenkati fl-Anness 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 u biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali dwar il-prodotti koperti mir-responsabbiltà estiża tal-produttur

- Att ta' implimentazzjoni possibbli li jistabbilixxi l-kriterji għall-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lilhom mill-produttur

- Att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u l-verifika tar-rata ta' ġbir separat

- Atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-paragrafu 37 ta' dan l-Artikolu li jistabbilixxu l-format għar-rapportar tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1 biex jiġu adattati għar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu

- Ma hemm l-ebda rekwiżit li għandu jiġi ssodisfat fil-qasam tal-iskart tal-ikel (peress li l-prerekwiżiti meħtieġa diġà ġew adottati fir-reviżjoni tad-WFD tal-2018 u fil-leġiżlazzjoni sekondarja sussegwenti

1.5.2. *Valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. il-gwadanji mill-koordinazzjoni, iċ-ċertezza legali, effettività akbar jew il-komplementarjetajiet). Għall-finijiet ta' dan il-punt, il-"valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li jkun addizzjonali għall-valur illi kieku kien jinħoloq mill-Istati Membri waħedhom.*

Minħabba n-natura transfruntiera tal-katina tal-valur tat-tessuti minn perspettiva ekonomika, ambjentali u soċjali, il-bejgħ, il-konsum u l-immaniġġar fi tmiem il-ħajja tat-tessuti huma intrinsikament marbuta mal-funzjonament tas-suq uniku u mal-ktajjen tal-valur globali. Id-dipendenza għolja fuq il-materja prima tenfasizza l-importanza li tingħata spinta lill-mudelli ta' negozju ċirkolari biex jitnaqqas l-użu tal-materja prima primarja u jiġu mitigati l-esternalitajiet ambjentali negattivi assoċjati.

Is-sistemi ta' ġbir, ta' separazzjoni u ta' riċiklaġġ jeħtieġ li jiżdiedu sabiex ikunu mħejjija għall-obbligu imminenti ta' ġbir separat u l-implimentazzjoni sħiħa tiegħu peress li diversi fallimenti regolatorji u tas-suq li għandhom impatt fuq l-Istati Membri u l-atturi kollha tul il-katina tal-valur tat-tessuti bħalissa jxekklu l-forniment suffiċjenti tal-kapaċità ta' ġbir, ta' separazzjoni u ta' riċiklaġġ. In-nuqqas ta' approċċ komuni tal-UE għall-ġestjoni tat-tessuti jirriskja li joħloq jew li jsaħħaħ ulterjorment il-frammentazzjoni regolatorja u t-tfixkil tal-flussi tal-iskart u tal-materjali, u b'hekk ixekkel il-movimenti transfruntiera tat-tessuti (prodotti, tessuti użati u tessuti ta' skart) u azzjoni koordinata u investimenti rapidi madwar l-UE. Hemm riskji għoljin ta' żieda ulterjuri fil-frammentazzjoni regolatorja u fil-piżijiet amministrattivi fuq il-partijiet ikkonċernati tal-industrija, prinċipalment l-SMEs, li jirriżultaw minn applikazzjoni diversa tal-prinċipju ta' min iniġġes iħallas permezz ta' skemi nazzjonali ta' responsabbiltà estiża tal-produttur għat-tessuti. L-indirizzar tal-esternalitajiet ambjentali transfruntiera, inklużi l-emissjonijiet tal-gassijiet serra u l-esportazzjoni tat-tessuti (u l-iskart taparsi mhux skart) lejn pajjiżi terzi huwa indirizzat b'mod aktar effettiv permezz ta' azzjoni tal-UE, b'mod partikolari, peress li l-fatturi ewlenin tal-problemi huma relatati ma' fallimenti regolatorji li jirriżultaw min-nuqqas ta' definizzjonijiet armonizzati u minn frammentazzjoni regolatorja u minn diskrepanza fil-finanzjament komuni għall-Istati Membri kollha.

L-Istati Membri kollha jiġġeneraw l-iskart tal-ikel, li joħloq esternalitajiet ambjentali transfruntiera sinifikanti. Il-produzzjoni, il-ħżin, it-trasport u l-ipproċessar tal-ikel u

r-rimi tal-iskart tal-ikel jikkawżaw impatti ambjentali u klimatiċi (bħall-emissjonijiet tal-gassijiet serra, u l-effetti fuq l-użu tal-art, il-bijodiversità, l-użu tal-ilma u l-ewtrofikazzjoni) fl-UE. Barra minn hekk, il-produzzjoni tal-ikel importat lejn l-UE tista' twassal għal impatti ambjentali u klimatiċi globali sinifikanti.

Huwa meħtieġ tnaqqis b'mod konsistenti tal-iskart tal-ikel madwar l-UE biex jiġi żgurat, f'kull Stat Membru, l-użu prudenti u razzjonali tar-riżorsi naturali, it-tnaqqis tal-impatti negattivi fuq il-klima, il-bijodiversità u l-użu tar-riżorsi naturali, b'benefiċċji li jestendu lil hinn mill-fruntieri nazzjonali. B'mod importanti, billi s-sistema tal-ikel issir aktar effiċjenti, it-tnaqqis tal-iskart tal-ikel jikkontribwixxi wkoll għas-sigurtà tal-ikel madwar l-UE.

L-ikel jiġi nnegozjat b'mod wiesa' fis-suq tal-UE u n-negozji tal-ikel li joperaw b'mod transfruntier jeħtieġu koerenza u ċarezza dwar il-livell ta' ambizzjoni mistenni sabiex jippjanaw l-investimenti u l-azzjonijiet dwar il-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel. Approċċ ikkoordinat fil-livell tal-UE jista' jġib affidabbiltà u kontinwità u b'hekk jappoġġa l-adozzjoni ta' mudelli ġodda ta' negozju mill-operaturi tan-negozji tal-ikel sabiex jitħaffef it-tnaqqis tal-iskart tal-ikel tul il-katina tal-valur tal-ikel.

L-istabbiliment tal-miri għat-tnaqqis tal-iskart tal-ikel li l-Istati Membri għandhom jilħqu sal-2030 huwa mistenni li jsaħħaħ l-isforzi biex jiġu identifikati u jiżdiedu strateġiji u inizjattivi effettivi kemm fl-Istati Membri kif ukoll madwarhom permezz ta': razzjonalizzazzjoni tal-kontribut tal-operaturi tan-negozji tal-ikel, b'mod partikolari fil-kuntest tal-ktajjen tal-provvista transfruntieri; għajnuna biex jiġi żgurat li l-fatturi ewlenin tal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel (tas-suq u tal-imġiba) jiġu indirizzati b'mod konsistenti u simultanju mill-Istati Membri kollha, f'konformità mal-azzjonijiet meħuda minn dawk – li sa issa huma ftit - li qegħdin fuq quddiem; u l-aċċellerazzjoni tal-iżvilupp ta' strateġiji nazzjonali effettivi għall-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel permezz tat-tixrid ta' prattiki tajbin u l-ingranaġġ ulterjuri tal-bażi ta' għarfien tal-UE relatata mal-prevenzjoni tal-iskart tal-ikel.

*1.5.3. Tagħlimiet meħuda minn esperjenzi simili fl-imgħoddi*

Id-Direttiva Qafas dwar l-Iskart (WFD) tistabbilixxi kunċetti applikabbli orizzontalment relatati mal-ġenerazzjoni tal-iskart u mal-immaniġġar tal-iskart, inkluż it-trattament tal-iskart, ir-riċiklaġġ u l-irkupru. Din toħloq il-ġerarkija tal-iskart, filwaqt li tagħti prijorità lill-prevenzjoni tal-iskart fuq l-użu mill-ġdid u/jew ir-riċiklaġġ, sussegwentement ir-riċiklaġġ fuq għażliet oħra ta' rkupru u r-rimi finali permezz tar-rimi fil-landfills. Barra minn hekk, din tobbliga lill-Istati Membri jkollhom stabbiliti Skemi ta' Responsabbiltà Estiża tal-Produttur (EPR) li jiffunzjonaw, li jiżguraw li l-produtturi tal-prodotti jkollhom ir-responsabbiltà għall-immaniġġar tal-istadju tal-iskart tal-prodotti tagħhom. Fil-Pjan ta' Azzjoni dwar l Ekonomija Ċirkolari (CEAP), il-Kummissjoni impenjat ruħha li tirrieżamina d-WFD fil-kuntest tal-iskart tat-tessuti.

Għall-ikel, filwaqt li din hija l-ewwel mira dwar it-tnaqqis tal-ġenerazzjoni tal-iskart tal-ikel, miri oħra stabbiliti fil-leġiżlazzjoni dwar l-iskart li għandhom l-għan li jżidu r-riċiklaġġ tal-iskart jew inaqqsu r-rimi tal-iskart fil-landfills huma ġeneralment meqjusa bħala ta' suċċess, peress li jipprovdu objettivi ċari u ċertezza legali għall-atturi kollha u għas-soċjetà b'mod ġenerali, filwaqt li jagħtu lill-Istati Membri flessibbiltà sħiħa fir-rigward tal-għażla tal-miżuri meħtieġa. L-esperjenza turi li l-progress li jsir lejn il-miri jeħtieġ li jiġi mmonitorjat u jingħata appoġġ lill-Istati Membri permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki dwar l-istrumenti u l-għodod applikabbli fil-livell nazzjonali biex jintlaħqu l-miri kif ukoll kjarifika permezz ta'

gwida u/jew emenda tal-miżuri rilevanti fil-leġiżlazzjoni relatata biex tiġi ffaċilitata l-prevenzjoni tal-iskart (eż. l-indirizzar ta' kwalunkwe ostaklu li wieħed jiltaqa' miegħu.

*1.5.4. Kompatibbiltà mal-Qafas Finanzjarju Pluriennali u sinerġiji possibbli ma' strumenti xierqa oħra*

L-inizjattivi jaqgħu taħt l-umbrella tal-Patt Ekoloġiku Ewropew, li jiggwida l-istrateġija ta' rkupru tal-UE. Il-Patt Ekoloġiku jirrikonoxxi l-vantaġġi tal-investiment fis-sostenibbiltà kompetittiva tagħna billi tinbena Ewropa aktar ġusta, aktar ekoloġika u aktar diġitali. Dan jinkludi l-ekonomija ċirkolari, li hija l-ixprun ewlieni taż-żieda fl-irkupru tal-materjali u t-titjib tal-kwalità tal-materja prima sekondarja kif ukoll l-Istrateġija mill-Għalqa sal-Platt.

L-appoġġ u l-impenn tal-Kummissjoni Ewropea fir-riċerka fil-qasam tal-ekonomija ċirkolari u b'mod partikolari dik relatata mat-tessuti huma koperti minn proġetti ffinanzjati fl-ambitu tal-programm Orizzont 2020 u l-kontribuzzjoni finanzjarja għall-implimentazzjoni tagħhom. Ir-riżultati ta' dawn il-proġetti se jappoġġaw u jippromwovu ċ-ċirkolarità u r-riċiklabbiltà tat-tessuti. In-network taċ-Ċentri Ewropej tal-Innovazzjoni Diġitali – iffinanzjat fl-ambitu tal-Programm Ewropa Diġitali, jgħin lill-SMEs jimplimentaw għodod diġitali li jappoġġaw iċ-ċirkolarità u r-riċiklabbiltà tat-tessuti kif ukoll biex jimmitigaw l-iskart tal-ikel fl-industrija agroalimentari u tal-ospitalità. Fil-qasam tal-iskart tal-ikel, il-proġetti ta' riċerka ta' appoġġ huma ffinanzjati fl-ambitu tal-programm Orizzont 2020 iżda wkoll fl-ambitu ta' Orizzont Ewropa.

*1.5.5. Valutazzjoni tal-għażliet differenti ta' finanzjament disponibbli, inkluż l-ambitu għar-riallokazzjoni*

Għat-tessuti, fit-teorija, setgħu ġew stabbiliti leġiżlazzjonijiet nazzjonali fl-Istati Membri. Madankollu, jista' jiġi osservat li l-leġiżlazzjoni fis-seħħ (u ppjanata) ma tiggarantix il-livell meħtieġ ta' armonizzazzjoni madwar l-UE li jevita li jikkontribwixxi għall-frammentazzjoni tas-suq intern.

Għat-tessuti, fit-teorija, setgħu ġew stabbiliti leġiżlazzjonijiet nazzjonali fl-Istati Membri. Madankollu, jista' jiġi osservat li l-leġiżlazzjoni fis-seħħ (u ppjanata) ma tiggarantix il-livell meħtieġ ta' armonizzazzjoni madwar l-UE li jevita li jikkontribwixxi għall-frammentazzjoni tas-suq intern.

L-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent intgħażlet għall-ġbir u għall-validazzjoni tad-*data* minħabba l-ġestjoni eżistenti tal-fluss tad-*data* dwar l-użu mill-ġdid tal-prodotti, ir-reputazzjoni eċċellenti u d-disponibbiltà tagħha għall-ġestjoni tal-fluss tad-*data*. Ir-rabtiet mal-Ispazji tad-*Data* tal-Manifattura jistgħu jgħinu biex jitnaqqsu l-kostijiet tal-implimentazzjoni u tat-tranżazzjonijiet.

Il-kompiti relatati mal-iżvilupp tal-atti ta' implimentazzjoni fil-livell tal-UE ma jistgħux jiġu esternalizzati.

In-natura tal-proposta – miri legalment vinkolanti imposti fuq l-Istati Membri tfisser li l-miżuri relatati se jiġu ffinanzjati l-aktar fil-livell nazzjonali.

1.6. **Durata u impatt finanzjarju tal-proposta/tal-inizjattiva**

☐ **durata limitata**

– ☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

– ☐ Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

☒ **durata mhux limitata**

– Implimentazzjoni b'perjodu ta' tnedija mill-2024 sal-2028,

– segwita b'operazzjoni fuq skala sħiħa.

1.7. **Metodu/i ta' implimentazzjoni tal-baġit ippjanat(i)**[87]

☒ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

– ☒ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

– ☐ mill-aġenziji eżekuttivi

☐ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

☐ **Ġestjoni indiretta** billi jiġu fdati kompiti ta' implimentazzjoni baġitarja:

– ☐ lill-pajjiżi terzi jew lill-korpi nnominati minnhom;

– ☐ lill-organizzazzjonijiet internazzjonali u lill-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

– ☐ lill-BEI u lill-Fond Ewropew tal-Investiment;

– ☐ lill-korpi msemmija fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

– ☐ lill-korpi tal-liġi pubblika;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sakemm dawn ikollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi rregolati mil-liġi privata ta' Stat Membru li jkunu fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jkollhom garanziji finanzjarji adegwati;

– ☐ lill-korpi jew lill-persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u identifikati fl-att bażiku rilevanti.

– *Jekk jiġi indikat iżjed minn mod ta' ġestjoni wieħed, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| Xejn. |

[87] Id-dettalji tal-metodi ta' implimentazzjoni tal-baġit u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jistgħu jinstabu fuq is-sit tal-BUDGpedia: https://myintracomm.ec.europa.eu/corp/budget/financial-rules/budget-implementation/Pages/implementation-methods.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli ta' monitoraġġ u ta' rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

| |
|---|
| Din id-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva tinkludi n-nefqa tal-persunal fil-Kummissjoni. Ħtieġa potenzjali għal tisħiħ tal-Aġenzija Ewropea għall-Ambjent se tinġabar flimkien f'Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva ta' proposta legali li jmiss, filwaqt li jitqiesu s-sinerġiji. Regoli standard japplikaw għal dan it-tip ta' nefqa. |

### 2.2. Sistema/i ta' ġestjoni u ta' kontroll

*2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, tal-mekkaniżmu/i għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, tal-modalitajiet ta' pagament u tal-istrateġija ta' kontroll proposta*

| |
|---|
| Mhux applikabbli – ara hawn fuq |

*2.2.2. Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema/i ta' kontroll intern stabbilita/i għall-mitigazzjoni tagħhom*

| |
|---|
| Mhux applikabbli – ara hawn fuq |

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"kostijiet tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti") u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' errur (mal-ħlas u fl-għeluq)*

| |
|---|
| Mhux applikabbli – ara hawn fuq |

### 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni ta' frodi u ta' irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija Kontra l-Frodi.*

| |
|---|
| Mhux applikabbli – ara hawn fuq |

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/TAL-INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura/i tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i

- Linji baġitarji eżistenti

<u>Skont l-ordni</u> *tal-intestaturi tal-qafas finanzjarju pluriennali u tal-linji baġitarji.*

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Numru | Diff./Mhux diff[88]. | mill-pajjiżi tal-EFTA[89] | minn pajjiżi kandidati u pajjiżi kandidati potenzjali[90] | Mill-pajjiżi terzi | dħul assenjat ieħor |
| 7 | 20 02 02 01 Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji ta' Rappreżentanza | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |
| 7 | 20 02 01 01 Persunal bil-kuntratt | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |

- Linji baġitarji ġodda mitluba

<u>Mhux applikabbli</u>

[88] Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
[89] EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
[90] Pajjiżi kandidati u, fejn applikabbli, pajjiżi kandidati potenzjali mill-Balkani tal-Punent.

**3.2. Impatt finanzjarju stmat tal-proposta fuq l-approprjazzjonijiet**

*3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet operazzjonali*

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet operazzjonali, kif spjegat hawn taħt:

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 7 | "Nefqa amministrattiva" |
|---|---|---|

Din it-taqsima għandha timtela bl-użu tad-"*data* baġitarja ta' natura amministrattiva" li għandha tiġi introdotta l-ewwel darba fl-Anness għad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (l-Anness 5 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar ir-regoli interni għall-implimentazzjoni tat-taqsima tal-Kummissjoni tal-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea), li tittella' fid-DECIDE għall-finijiet tal-konsultazzjoni bejn is-servizzi.

| DĠ Ambjent | | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| □ Riżorsi umani | | 0,171 | 0,358 | 0,358 | 0,358 | 0,358 | **1,603** |
| ○ Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | |
| **TOTAL** TAD-DĠ Ambjent | Approprjazzjonijiet | 0,171 | 0,358 | 0,358 | 0,358 | 0,358 | **1,603** |

Il-kostijiet tad-DĠ ENV jinbtu mill-proċess ta' kodeċiżjoni u mill-implimentazzjoni kif ukoll mid-diversi atti ta' implimentazzjoni proposti skont l-emendi proposti.

Il-persunal eżistenti (0,75 FTE, AD) se jkun impjegat b'mod sħiħ għan-negozjar u għall-implimentazzjoni ġenerali tad-Direttiva emendata u għall-ħidma preparatorja differenti u għall-abbozzar tal-atti ta' implimentazzjoni skont l-iskadenzi proposti fl-emenda. Dan tal-aħħar se jirrikjedi 0,33 FTE (AD).

Huma meħtieġa 3 membri tal-persunal kuntrattwali addizzjonali (3 CAs) biex iwettqu x-xogħol tekniku, inklużi:

- Atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format armonizzat għar-reġistrazzjoni fir-reġistru

- Atti delegati possibbli biex jiġu emendati l-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda elenkati fl-Anness IVc biex jinġiebu konformi mal-kodiċijiet elenkati fl-Anness 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 u biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali dwar il-prodotti koperti mir-responsabbiltà estiża tal-produttur

- Att ta' implimentazzjoni possibbli li jistabbilixxi l-kriterji għall-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lilhom mill-produtturi

- Att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u għall-verifika tar-rata ta' ġbir separat

- Atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-paragrafu 37 ta' dan l-Artikolu li jistabbilixxu l-format għar-rapportar tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1 biex dawn jiġu adattati għar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu.

| DĠ SANTE | | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| ○ Riżorsi umani | | 0,086 | 0,086 | 0,086 | 0,086 | 0,086 | **0,427** |
| ○ Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | | |
| **TOTAL** TAD-DĠ SANTE | Approprjazzjonijiet | 0,086 | 0,086 | 0,086 | 0,086 | 0,086 | **0,430** |

Il-kostijiet tad-DĠ SANTE jirriżultaw mill-proċess ta' kodeċiżjoni u mill-monitoraġġ tal-prestazzjoni fl-Istati Membri. Dawn jirriflettu l-persunal eżistenti (AD).

| | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURA 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | 0,257 | 0,444 | 0,444 | 0,444 | 0,444 | **2,033** |

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprjazzjonijiet skont l-INTESTATURI 1 sa 7** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | 0,257 | 0,444 | 0,444 | 0,444 | 0,444 | **2,033** |
| | Pagamenti | 0,257 | 0,444 | 0,444 | 0,444 | 0,444 | **2,033** |

*3.2.2. Output stmat iffinanzjat bl-approprjazzjonijiet operazzjonali*

Approprjazzjonijiet ta' impenn f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| **Indika l-objettivi u l-outputs** | | | Sena **N** | | Sena **N+1** | | Sena **N+2** | | Sena **N+3** | | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | | | | **TOTAL** | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | **OUTPUTS** | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| ⇩ | Tip[91] | Kost medju | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru | Kost | Nru totali | Kost totali |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 1[92]… | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 1 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| OBJETTIV SPEĊIFIKU Nru 2 ... | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| - Output | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Subtotal tal-objettiv speċifiku Nru 2 | | | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **TOTALI** | | | | | | | | | | | | | | | | | | |

91 L-outputs huma l-prodotti u s-servizzi li jridu jiġu pprovduti (eż.: l-għadd ta' skambji ta' studenti ffinanzjati, l-għadd ta' kilometri ta' toroq mibnija, eċċ.).

92 Kif deskritt fil-punt 1.4.2. "Objettiv(i) speċifiku/speċifiċi …"

### *3.2.3. Sommarju tal-impatt stmat fuq ir-riżorsi umani u l-approprjazzjonijiet amministrattivi*

Rekwiżiti stmati dwar l-approprjazzjonijiet amministrattivi fil-Kummissjoni

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva.

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

*miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)*

| | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | |
| Riżorsi umani | 0,257 | 0,444 | 0,444 | 0,444 | 0,444 | **2,033** |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | | | | |
| **Subtotal tal-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | 0,257 | 0,444 | 0,444 | 0,444 | 00,444 | **2,033** |
| **Barra mill-INTESTATURA 7[93] tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| Riżorsi umani | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | |
| **Subtotal barra mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| **TOTAL** | 0,257 | 0,444 | 0,444 | 0,444 | 0,444 | **2,033** |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal nefqa oħra ta' natura amministrattiva se jiġu koperti mill-approprjazzjonijiet tad-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkunu ġew riassenjati fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

93 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa ta' appoġġ għall-implimentazzjoni ta' programmi u/jew ta' azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta u riċerka diretta.

3.2.3.3. Rekwiżiti stmati ta' riżorsi umani fil-Kummissjoni

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

| | | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | | | | | | |
| 20 01 02 01 (Kwartieri Ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | | 1,5 | 1 | 1 | 1 | 1 |
| 20 01 02 03 (Delegazzjonijiet) | | | | | | |
| 01 01 01 01 (Riċerka indiretta) | | | | | | |
| 01 01 01 11 (Riċerka diretta) | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | |
| | | | | | | |
| 20 02 01 (AC, END, INT mill-"pakkett globali") | | | 3 | 3 | 3 | 3 |
| 20 02 03 (AC, AL, END, INT u JPD fid-delegazzjonijiet) | | | | | | |
| **XX** 01 xx **yy zz** [94] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | |
| 01 01 01 02 (AC, END, INT - Riċerka indiretta) | | | | | | |
| 01 01 01 12 (AC, END, INT – Riċerka diretta) | | | | | | |
| Linji baġitarji oħra (speċifika) | | | | | | |
| **TOTAL** | | **1,5** | 4 | 4 | 4 | 4 |

**XX** huwa l-qasam ta' politika jew it-titolu baġitarju kkonċernat.

Ir-riżorsi umani meħtieġa se jiġu koperti mill-persunal tad-DĠ li diġà jkun assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li diġà jkun ġie riassenjat fid-DĠ, flimkien, jekk ikun meħtieġ, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ tal-ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u aġenti temporanji | DĠ ENV: 0,75 FTE (AD) eżistenti għall-kodeċiżjoni u 0,33 FTE (AD) eżistenti għall-implimentazzjoni<br>DĠ SANTE: 0,5 FTE (AD) eżistenti għall-kodeċiżjoni u l-monitoraġġ tal-Istati Membri. |
| Persunal estern | DĠ ENV: Huma meħtieġa 3 membri tal-persunal kuntrattwali addizzjonali (3 CAs) biex iwettqu x-xogħol tekniku, inklużi:<br>- Atti ta' implimentazzjoni li jistabbilixxu l-format armonizzat għar-reġistrazzjoni fir-reġistru<br>- Atti delegati possibbli biex jiġu emendati l-kodiċijiet tan-Nomenklatura Magħquda elenkati fl-Anness IVc biex jinġiebu konformi mal-kodiċijiet elenkati fl-Anness 1 tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 u biex tiġi żgurata ċ-ċertezza legali dwar il-prodotti koperti mir-responsabbiltà estiża tal-produttur<br>- Att ta' implimentazzjoni possibbli li jistabbilixxi l-kriterji għall-organizzazzjonijiet b'kompetenza fil-qasam tar-responsabbiltà tal-produtturi għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mħallsa lilhom mill-produtturi<br>- Att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-metodoloġija għall-kalkolu u għall-verifika tar-rata ta' ġbir separat<br>- Atti ta' implimentazzjoni adottati skont il-paragrafu 37 ta' dan l-Artikolu li |

[94] Sottolimitu għall-persunal estern kopert minn approprjazzjonijiet operazzjonali (li qabel kienu l-linji "BA").

| | |
|---|---|
| | jistabbilixxu l-format għar-rapportar tad-*data* msemmija fil-paragrafu 1 biex dawn jiġu adattati għar-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafu 3 ta' dak l-Artikolu. |

*3.2.4. Kompatibbiltà mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ tista' tiġi ffinanzjata kompletament permezz ta' riallokazzjoni fl-intestatura rilevanti tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP).

– ☐ teħtieġ l-użu tal-marġni mhux allokat taħt l-intestatura rilevanti tal-QFP u/jew l-użu tal-istrumenti speċjali ddefiniti fir-Regolament dwar il-QFP.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, billi tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati, l-ammonti korrispondenti, u l-istrumenti proposti li għandhom jintużaw. |

– ☐ teħtieġ reviżjoni tal-QFP.

| |
|---|
| Spjega x'inhu meħtieġ, filwaqt li tispeċifika l-intestaturi u l-linji baġitarji kkonċernati u l-ammonti korrispondenti. |

*3.2.5. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*

Il-proposta/l-inizjattiva:

– ☒ ma tipprevedix kofinanzjament minn partijiet terzi

– ☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi kif stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| | Sena **N**[95] | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | | Totali |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | | | | | | | |
| TOTAL tal-approprjazzjonijiet kofinanzjati | | | | | | | | |

[95] Is-Sena N hija s-sena li fiha tibda l-implimentazzjoni tal-proposta/tal-inizjattiva. Issostitwixxi l-"N" bl-ewwel sena ta' implimentazzjoni prevista (pereżempju: 2021). Agħmel l-istess għas-snin ta' wara.

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

– ☒ Il-proposta/l-inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

– ☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul hux assenjat għal-linji tan-nefqa☐

miljuni ta' EUR (għal tliet pożizzjonijiet deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Approprjazzjonijiet disponibbli għas-sena finanzjarja attwali | Impatt tal-proposta/tal-inizjattiva[96] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Sena **N** | Sena **N+1** | Sena **N+2** | Sena **N+3** | Daħħal is-snin kollha li hemm bżonn biex turi d-durata tal-impatt (ara l-punt 1.6) | | |
| Artikolu …………. | | | | | | | | |

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja/i baġitarja/i tan-nefqa affettwata/i.

Rimarki oħra (eż. il-metodu/il-formula li ntużaw biex jiġi kkalkolat l-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

[96] Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, l-imposti fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri ammonti grossi wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-kostijiet tal-ġbir.